III

*(Atti oħrajn)*

# ŻONA EKONOMIKA EWROPEA

**Verżjoni pubblika ta'** ([1])

**DEĊIŻJONI TAL-AWTORITÀ TAS-SORVELJANZA TAL-EFTA**

**Nru 244/12/COL**

**tas-27 ta' Ġunju 2012**

**dwar l-għajnuna għar-ristrutturar mogħtija lil Íslandsbanki (Islanda)**

L-Awtorità tas-Sorveljanza tal-EFTA ("l-Awtorità")

WARA LI KKUNSIDRAT il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim taż-ŻEE"), u b'mod partikolari l-Artikolu 61(3)(b) u l-Protokoll 26 tiegħu,

WARA LI KKUNSIDRAT il-Ftehim bejn l-Istati tal-EFTA dwar it-Twaqqif ta' Awtorità tas-Sorveljanza u ta' Qorti tal-Ġustizzja ("il-Ftehim dwar is-Sorveljanza u l-Qorti"), u b'mod partikolari l-Artikolu 24 tiegħu,

WARA LI KKUNSIDRAT il-Protokoll 3 mal-Ftehim dwar is-Sorveljanza u l-Qorti ("Protokoll 3"), u b'mod partikolari l-Artikolu 1(3) fil-Parti I, l-Artikolu 7(3) tal-Parti II, u l-Artikolu 13 tal-Parti II,

Billi:

## I. FATTI

### 1. PROĊEDURA

(1) Wara korrispondenza informali f'Ottubru 2008, u wara li l-Parlament Islandiż (l-Althingi) għadda fis-6 ta' Ottubru l-Att Nru 125/2008 dwar l-Awtorità għall-Ħlasijiet tat-Teżor minħabba Ċirkostanzi Anomali tas-Suq Finanzjarju eċċ. (magħruf bħala l-"Att ta' Emerġenza"), li ta lill-istat Islandiż setgħat vasti sabiex jintervjeni fis-settur bankarju, il-President tal-Awtorità kiteb fl-10 ta' Ottubru 2008 lill-awtoritajiet Islandiżi u talab li l-miżuri ta' għajnuna statali mogħtija skont l-Att ta' Emerġenza jkunu nnotifikati lill-Awtorità. Wara dan kien hemm kuntatti u korrispondenza minn żmien għal żmien inkluża fost l-oħrajn ittra mibgħuta mill-Awtorità fit-18 ta' Ġunju 2009 biex tfakkar lill-awtoritajiet Islandiżi dwar il-ħtieġa li jinnotifikaw kwalunkwe miżura ta' għajnuna, u dwar il-klawżola ta' waqfien fl-Artikolu 3 tal-Protokoll 3. Wara aktar korrispondenza, eventwalment ġiet innotifikata għajnuna statali involuta fir-restawr ta' ċerti operazzjonijiet ta' Glitnir u l-istabbiliment u l-kapitalizzazzjoni ta' bank ġdid Glitnir (li sa dak iż-żmien kien ingħata l-isem ta' "Íslandsbanki"), liema notifika saret retrospettivament mill-awtoritajiet Islandiżi fil-15 ta' Settembru 2010. ([2])

([1]) Dan id-dokument qiegħed jiġi pprovdut biss għal finijiet ta' informazzjoni. F'din il-verżjoni pubblika, tħalliet barra xi informazzjoni sabiex ma tiġix żvelata informazzjoni kunfidenzjali. Dan huwa mmarkat b'[…] jew firxa f'parenteżi li tipprovdi għal approssimazzjoni mhux kunfidenzjali tal-figura rilevanti.

([2]) Għal deskrizzjoni aktar dettaljata tal-proċedura, ara l-proċedura ta' ftuħ, li għaliha ssir referenza fin-nota ta' qiegħ il-paġna 3.

(2) B'ittra datata l-15 ta' Diċembru 2010 ([3]) l-Awtorità tas-Sorveljanza tal-EFTA (l-Awtorità) infurmat lill-awtoritajiet Islandiżi li kienet iddeċidiet li tiftaħ il-proċedura stipulata fl-Artikolu 1(2) fil-Parti I tal-Protokoll 3 fir-rigward tal-miżuri li ttieħdu mill-Istat Islandiż sabiex jerġgħu jiddaħħlu ċerti operazzjonijiet tal-Glitnir Bank hf (ta' qabel) u jiġi stabbilit u kkapitalizzat Glitnir Bank hf ġdid, li issa ngħata l-isem ta' Íslandsbanki (id-deċiżjoni tal-ftuħ). ([4]) L-Awtorità talbet ukoll li jiġi sottomess pjan ta' ristrutturar dettaljat għal Íslandsbanki fi żmien sitt xhur.

(3) Permezz tal-e-Mail tal-24 ta' Marzu 2011 ([5]), l-Awtorità rċeviet kumment wieħed minn partijiet interessati, li ntbagħat lill-awtoritajiet Islandiżi fil-25 ta' Mejju 2011. L-awtoritajiet Islandiżi ma weġbux għal dan il-kumment.

(4) Bl-ittra tal-31 ta' Marzu 2011, l-awtoritajiet Islandiżi ssottomettew pjan ta' ristrutturar għal Íslandsbanki. Wara l-akkwist ta' Byr f'Novembru 2011, l-awtoritajiet Islandiżi ssottomettew pjan ta' ristrutturar ġdid għal Íslandsbanki fit-22 ta' Frar 2012. ([6])

(5) L-Awtorità talbet informazzjoni fir-rigward tal-pjan ta' ristrutturar fil-11 ta' Lulju 2011 u fit-13 ta' Frar 2012. L-Awtoritajiet Islandiżi wieġbu għat-talba għall-informazzjoni fis-17 ta' Ottubru 2011 u fit-13 ta' Marzu 2012. Il-verżjonijiet finali tal-impenji kienu sottomessi fis-16 ta' Mejju 2012 u fis-6 ta' Ġunju 2012. ([7])

(6) Minbarra dan, l-Awtorità ltaqgħet mal-awtoritajiet tal-Islanda fis-7 ta' Ġunju 2011 u fis-27 u t-28 ta' Frar 2012.

## 2. SFOND

(7) L-awtorità sejra tiddeskrivi f'din it-taqsima dawk l-avvenimenti, il-fatti u l-iżviluppi ekonomiċi, politiċi u regolatorji marbuta mal-kollass u r-rikostruzzjoni tas-sistema finanzjarja tal-Islanda minn Ottubru 2008 sal-lum li jidhru meħtieġa sabiex ikun stabbilit il-kuntest li fih qiegħda ssir il-valutazzjoni tal-miżuri ta' għajnuna inkwistjoni. Qabel ma tagħmel dan, hija sejra tfakkar il-kronoloġija tal-falliment ta' Glitnir.

### 2.1. **Il-falliment ta' Glitnir Bank**

(8) F'Settembru 2008 għadd ta' istituzzjonijiet finanzjarji globali ltaqgħu ma' diffikultajiet kbar. F'nofs it-taqlib fis-swieq finanzjarji globali u wara l-falliment ta' Lehman Brothers f'Settembru 2008, it-tliet l-akbar banek kummerċjali tal-Islanda, li fis-snin preċedenti kellhom tkabbir straordinarju, sabu diffikultajiet biex jiffinanzjaw mill-ġdid id-dejn fuq żmien qasir tagħhom u d-domandi urġenti fuq id-depożiti tagħhom. Lehman Brothers applikaw għall-protezzjoni mill-falliment fil-15 ta' Settembru u fl-istess jum tħabbar li l-Bank tal-Amerika kien se jieħu f'idejh Merrill Lynch.

(9) Band'oħra, wieħed mill-akbar banek tar-Renju Unit, HBOS, kellu jgħaddi f'idejn Lloyds TSB. Sadanittant Glitnir, kien qed jiltaqa' ma' diffikultajiet kbar sabiex jiffinanzja l-attivitajiet tiegħu. Il-ħruġ ta' bonds kellu jitħassar minħabba nuqqas ta' interess, il-bejgħ ta' assi ma rnexxiex, u bank Ġermaniż irrifjuta li jestendi żewġ selfiet ta' madwar EUR 150 miljun. Il-kundizzjonijiet tas-suq ukoll marru għall-agħar drastikament wara l-kollass ta' Lehman Brothers.

([3]) Id-Deċiżjoni tal-Awtorità Nru 494/10/COL, ta' ftuħ tal-proċedura ta' investigazzjoni formali fl-għajnuna mill-Istat mogħtija fir-rigward tar-restawr ta' ċerti operazzjonijiet ta' Glitnir Bank hf (l-antik) u t-twaqqif u l-kapitalizzazzjoni ta' New Glitnir Bank (li issa ngħata l-isem Íslandsbanki hf), ĠU C 41, 10.2.2011, p. 51 u s-Suppliment taż-ŻEE għal *Il-Ġurnal Uffiċjali* Nru 7, 10.2.2011, p. 50.

([4]) Iktar informazzjoni dwar il-proċedura li wasslet għad-Deċiżjoni tal-Awtorità Nru 494/10/COL, tista' tinkiseb fil-parti tal-proċedura tad-deċiżjoni.

([5]) Ikkoreġuta mill-partijiet interessati fil-25 ta' Mejju 2012.

([6]) Ara d-Deċiżjoni tal-Awtorità Nru 325/11/COL, dwar l-akkwist ta' Byr hf minn Íslandsbanki u l-estensjoni tal-approvazzjoni temporanja tal-faċilità tas-self subordinat mogħtija lil Byr hf, ĠU C 16, 19.1.2012, p. 10 u s-Suppliment taż-ŻEE għal *Il-Ġurnal Uffiċjali* Nru 3, 19.1.2012, p. 1.

([7]) Rigward is-sitwazzjoni kompetittiva fis-settur bankarju Islandiż u r-rimedji possibbli għall-kompetizzjoni, l-Awtorità kkooperat mal-Awtorità Islandiża tal-Kompetizzjoni (Icelandic Competition Authority - ICA).

(10) Fl-25 ta' Settembru 2008, il-President tal-Bord ta' Glitnir ikkuntattja lill-Bank Ċentrali tal-Islanda (CBI) sabiex jinfurmahom li b'riżultat ta' self li kellu jitħallas lura f'Ottubru, il-bank kellu defiċit immedjat ta' EUR 600 miljun. Fid-29 ta' Settembru tħabbar li l-Gvern tal-Islanda kien se jagħti lil Glitnir EUR 600 miljun bħala korrispettiv għal 75 % tal-ekwità tiegħu. Il-fatt li EUR 600 miljun kienu jammontaw għal kważi kwart tar-riżervi tal-Islanda f'muniti barranin, u li Glitnir kellu problemi ta' finanzjament mill-ġdid għal ċertu żmien u kellu dejn ta' madwar EUR 1,4 biljun xi jħallas lura tul is-sitt xhur segwenti, skont informazzjoni disponibbli pubblikament, kien jindika, madankollu, li l-proposta ma kinitx kredibbli ([8]). Kif irriżulta, il-valur tal-ishma ta' Glitnir li nħarġu waqa' minn aktar minn ISK 200 biljun għal ISK 26 biljun f'ġurnata waħda.

(11) Il-banek Islandiżi esperjenzaw ġbid enormi ta' depożiti mhux biss barra l-pajjiż iżda wkoll fl-Islanda. Il-ġbid domestiku kiber tant li fi stadju partikolari l-banek Islandiżi u s-CBI kienu viċin li jesperjenzaw nuqqas ta' flus kontanti. Fit-30 ta' Settembru 2008, l-aġenzija ta' kreditu Moody's baxxiet il-klassifikazzjoni ta' kreditu ta' Glitnir, li wassal għal obbligi ta' ħlasijiet lura għal aktar self. Segwew ukoll sejħiet marġinali ta' aktar minn EUR 1 biljun. Fis-7 ta' Ottubru 2008 Glitnir intalab jistaqsi lill-Awtorità Finanzjarja Superviżorja Islandiża (FME) biex tieħdu taħt il-kontroll tagħha ([9]).

## 2.2. **Il-kriżi finanzjarja u l-kawżi maġġuri tal-falliment tal-banek Islandiżi**

(12) Fin-notifika tagħhom dwar l-għajnuna mogħtija lil New Glitnir Bank (aktar tard Íslandsbanki), l-awtoritajiet tal-Islanda spjegaw li r-raġunijiet għall-kollass tas-settur bankarju tal-Islanda u l-ħtieġa tagħhom li jintervjenu kienu spjegati f'dettall konsiderevoli f'rapport imħejji minn Kummissjoni Investigattiva Speċjali (SIC) stabbilita mill-Parlament tal-Islanda ([10]), li l-mandat tagħha kien li tinvestiga u tanalizza l-proċessi li wasslu għall-kollass tat-tliet banek ewlenin. L-Awtorità ġabret fil-qosor hawn bil-konklużjonijiet tal-Kummissjoni rigward il-kawżi tal-falliment l-aktar rilevanti għall-falliment ta' Glitnir Bank. L-informazzjoni hija meħuda mill-Kapitoli 2 (Sommarju Eżekuttiv) u 21 (Il-Kawżi tal-Falliment tal-Banek Islandiżi – Responsabbiltà, Żbalji u Negliġenza) tar-rapport tas-SIC.

(13) It-tnaqqis globali fil-likwidità fis-swieq finanzjarji li beda fl-2007 eventwalment wassal għall-kollass tat-tliet banek Islandiżi ewlenin, li l-operazzjonijiet tan-negozju tagħhom kienu saru dejjem aktar dipendenti fuq it-tkattir ta' finanzjament permezz tas-swieq internazzjonali. Ir-raġunijiet għall-falliment tal-banek Islandiżi kienu madankollu kkumplikati u numerużi. Is-SIC investigat ir-raġunijiet li wasslu għall-kollass tal-banek ewlenin, u huwa notevoli li l-maġġoranza tal-konklużjonijiet kienu japplikaw għat-tliet banek u ħafna minnhom huma relatati ma' xulxin. Il-kawżi tal-falliment relatati mal-attivitajiet tal-banek huma miġburin fil-qosor hawn taħt.

*Espansjoni eċċessiva u mhux sostenibbli*

(14) Is-SIC ikkonkludiet li fis-snin li wasslu għall-kollass il-banek kienu espandew il-karti tal-bilanċ tagħhom u l-portafolli ta' self lil hinn mill-kapaċità operattiva u maniġerjali tagħhom stess. L-assi kkombinati tat-tliet banek kienu żdiedu b'mod esponenzjali minn ISK 1,4 triljun ([11]) fl-2003 għal ISK 14,4 triljun fl-aħħar tat-tieni kwart tal-2008. B'mod sinifikanti, proporzjon kbir tat-tkabbir tat-tliet banek kien fis-self lil partijiet barranin, li żdied b'mod sostanzjali matul l-2007 ([12]), l-aktar wara l-bidu tal-kriżi internazzjonali tal-likwidità. Dan wassal sabiex

([8]) Ara r-rapport tal-Kummissjoni ta' Investigazzjoni Speċjali għall-Parlament Islandiż, Kapitolu 2: Sommarju tal-Konklużjonijiet Ewlenin tar-Rapport, paġna 13, li jinsab fuq http://sic.althingi.is/pdf/RNAvef-Kafli2Enska.pdf.

([9]) Landsbanki tpoġġa wkoll fi stat ta' riċevitura fl-istess ġurnata u Kaupthing Bank segwa jumejn wara fid-9.10.2008.

([10]) Il-membri tal-SIC kienu l-Imħallef tal-Qorti Suprema, is-Sur Páll Hreinsson; l-Ombudsman Parlamentari tal-Islanda, is-Sur Tryggvi Gunnarsson; u s-Sinjura Sigríður Benediktsdóttir Ph.D., lettura u presidentessa assoċjata fl-Università ta' Yale, l-Istati Uniti. Ir-rapport huwa disponibbli kollu bl-Islandiż fuq: http://rna.althingi.is/ u partijiet minnu tradotti bl-Ingliż (inkluż is-Sommarju Eżekuttiv u l-kapitolu dwar il-kawżi tal-falliment tal-banek) jinsabu fuq: http://sic.althingi.is/

([11]) *Króna* tal-Islanda.

([12]) L-għoti b'self lil partijiet barranin żdied bi EUR 11,4 biljun minn EUR 9,3 biljun għal EUR 20,7 biljun f'sitt xhur.

is-SIC tikkonkludi li ħafna minn din iż-żieda fis-self irriżultat minn self mogħti lil impriżi li kienu ġew irrifjutati kreditu band'oħra. Ir-rapport ikkonkluda wkoll li investiment bankarju intrinsikament aktar riskjuż kien sar karatteristika dejjem aktar prominenti tal-attivitajiet tal-banek u t-tkabbir kien ikkontribwixxa għall-problemi.

*It-tnaqqis tal-finanzi disponibbli fis-swieq internazzjonali*

(15) Ħafna mit-tkabbir tal-banek kien iffaċilitat mill-aċċess għas-swieq finanzjarji internazzjonali, bil-kapitalizzazzjoni fuq klassifikazzjonijiet ta' kreditu tajbin u l-aċċess għas-swieq Ewropej permezz tal-Ftehim taż-ŻEE. Il-banek Islandiżi sselfu EUR 14-il biljun fuq titoli tad-dejn ta' swieq barranin fl-2005 fuq termini relattivament favorevoli. Meta l-aċċess għas-swieq tat-titoli tad-dejn Ewropej sar aktar limitat, il-banek iffinanzjaw l-attivitajiet tagħhom fis-swieq tal-Istati Uniti, bit-titoli tad-dejn Islandiżi ppakkjati f'obbligi ta' dejn kollateralizzat. Fil-perjodu qabel il-kollass, il-banek kienu dejjem aktar dipendenti fuq self għal żmien qasir, li wassal għal riskji ta' rifinanzjament kbar u, skont is-SIC, prevedibbli.

*Il-forniment lis-sidien tal-banek*

(16) Fil-każ ta' kull bank kbir Islandiż, is-sidien ewlenin kienu fost l-akbar debituri ([13]). Is-self ta' Glitnir lil azzjonisti kbar tal-Grupp Baugur u partijiet relatati, b'mod partikolari l-Grupp FL, kien sostanzjali. Fir-rebbiegħa tal-2007 inħatar bord ġdid għal Glitnir wara li l-Gruppi Baugur u FL żiedu b'mod sinifikanti l-ishma tagħhom fil-bank. Matul l-aħħar parti tal-2007 u fil-bidu tal-2008 is-self lil Baugur u lil kumpaniji relatati ma' Baugur kważi rdoppja, u l-akbar self tiegħu lil dan il-grupp kien jammonta għal 80 % tal-ekwità tal-bank ([14]). Din iż-żieda fis-self lill-azzjonisti l-kbar seħħet minkejja li Glitnir kien qed jibda jiffaċċa problemi ta' likwidità u ta' rifinanzjament. Is-SIC kienet tal-fehma li ċerti azzjonisti kellhom aċċess faċli mhux normali għas-self mill-banek fil-kapaċità tagħhom ta' sidien. Hija kkonkludiet ukoll li kien hemm indikazzjonijiet kbar li Baugur u l-Grupp FL kienu ppruvaw jeżerċitaw influwenza mhux xierqa fuq il-maniġment tal-bank, u li l-limiti bejn l-interessi tal-akbar azzjonisti u l-interess tal-bank ma kinux ċari. L-enfasi fuq l-azzjonisti l-kbar għaldaqstant kienet għad-detriment ta' azzjonisti u kredituri oħrajn. Meta l-bank falla s-self pendenti lill-Grupp Baugur u lill-kumpaniji affiljati kien ta' madwar EUR 2 biljun, madwar 70 % tal-ekwità tiegħu. Is-SIC uriet ukoll tħassib dwar l-operazzjoni ta' fondi tas-suq tal-flus imħaddma minn sussidjarji tal-banek, li investew ħafna f'titoli marbuta mas-sidien tal-banek. Glitnir Funds, sussidjarja ta' Glitnir, selfet madwar EUR 300 miljun lil Baugur u lill-Grupp FL billi investiet 20 % tal-kapital totali tagħha fit-titoli tagħhom.

*Konċentrazzjoni ta' riskju*

(17) Marbuta mal-kwistjoni tal-espożizzjoni mhux normali għall-azzjonisti l-kbar kienet il-konklużjoni tas-SIC li l-portafolli tal-assi tal-banek ma kinux diversifikati biżżejjed. Is-SIC kienet tal-fehma li r-regoli Ewropej dwar l-espożizzjoni kbira kienu interpretati b'mod limitat, b'mod partikolari fil-każ tal-azzjonisti, u li l-banek kienu ppruvaw iduru mar-regoli.

*Ekwità dgħajfa*

(18) Għalkemm il-proporzjon tal-kapital ta' Glitnir u taż-żewġ banek kbar l-oħra tal-Islanda minn dejjem kien irrapportat li huwa xi ftit ogħla mill-minimu statutorju, is-SIC ikkonkludiet li l-proporzjonijiet tal-kapital ma kinux jirriflettu b'mod eżatt is-saħħa finanzjarja tal-banek. Dan kien minħabba espożizzjoni għar-riskju tal-ishma proprji tal-banek permezz ta' kollaterali primarji u kuntratti bil-quddiem fuq l-ishma. Kapital tal-ishma ffinanzjat mill-kumpaniji nfushom, li s-SIC irreferiet għalih bħala "ekwità dgħajfa" ([15]), kien jirrappreżenta aktar minn 25 % tal-bażi kapitali tal-banek (jew aktar minn 50 % meta evalwat kontra l-element ta' qofol tal-kapital, jiġifieri l-ekwità tal-azzjonisti mingħajr l-assi intanġibbli). Minbarra dan kien hemm problemi kkawżati mir-riskju li l-banek kienu esposti għalih biż-żamma tal-ishma ta' xulxin. Sa nofs l-2008 l-iffinanzjar dirett mill-bank tal-ishma proprji, kif

---

([13]) Kapitolu 21.2.1.2 (paġna 6) tar-Rapport.

([14]) Il-pożizzjoni kienet aggravata aktar minn kredituri barranin tal-akbar kumpaniji ta' investiment Islandiżi li għamlu sejħiet marġinali bħala riżultat ta' valuri kollaterali mnaqqsa, li wassal biex it-tliet banek ewlenin jassumu l-finanzjament sabiex il-banek barranin ikunu jistgħu jitħallsu.

([15]) Kapitolu 21.2.1.4 tar-Rapport.

ukoll l-iffinanzjar tal-ishma taż-żewġ banek l-oħra, kien jammonta għal madwar ISK 400 biljun, madwar 70 % tal-element ta' qofol tal-kapital. Is-SIC kienet tal-fehma li l-firxa tal-finanzjament tal-ekwità tal-azzjonisti permezz tas-self mis-sistema nnifisha kienet tali li l-istabbiltà tas-sistema kienet mhedda. Il-banek kellhom ammont sostanzjali tal-ishma proprji bħala kollateral għas-self tagħhom u għaldaqstant kif bdew jonqsu l-prezzijiet tal-ishma l-kwalità tal-portafolli ta' self tagħhom naqsu. Dan affettwa l-prestazzjoni tal-banek u kompla jbaxxi l-prezzijiet tal-ishma tagħhom; u b'reazzjoni għal dan (assumiet is-SIC mill-informazzjoni li kellha), il-banek ippruvaw joħolqu b'mod artifiċjali domanda anormali għall-ishma proprji.

*Id-daqs tal-banek*

(19) Fl-2001 il-karti tal-bilanċ tat-tliet banek ewlenin (f'daqqa) kienu jammontaw għal ftit aktar minn sena tal-prodott domestiku gross (PDG) tal-Islanda. Sal-aħħar tal-2007 il-banek kienu saru internazzjonali u kellhom assi li jiswew disa' darbiet il-PDG Islandiż. Ir-rapport tas-SIC jinnota li sal-2006, l-osservaturi kienu qegħdin jikkummentaw li s-sistema bankarja kienet kibret wisq għall-kapaċità tas-CBI u kellhom dubji kemm setgħat twettaq ir-rwol ta' mutwanti tal-aħħar istanza. Sal-aħħar tal-2007 id-djun fuq żmien qasir tal-Islanda (imġarrba prinċipalment minħabba l-finanzjament tal-banek) kienu 15-il darba akbar mir-riżervi tal-kambju, u d-depożiti barranin fit-tliet banek kienu wkoll tmien darbiet akbar mir-riżervi tal-kambju. Il-Fond ta' Garanzija tad-Depożituri u l-Investituri kellu riżorsi minimi meta mqabbel mad-depożiti tal-banek li kien maħsub jiggarantixxi. Dawn il-fatturi, tikkonkludi s-SIC, għamlu lill-Islanda suxxettibbli għal assalt bankarju.

*It-tkabbir f'daqqa tal-banek meta mqabbel mal-infrastruttura regolatorja u finanzjarja*

(20) Is-SIC ikkonkludiet li l-korpi superviżorji rilevanti fl-Islanda ma kellhomx il-kredibbiltà meħtieġa fin-nuqqas ta' mutwanti tal-aħħar istanza b'riżorsi suffiċjenti. Ir-rapport jikkonkludi li l-FME u s-CBI ma kellhomx l-għarfien u l-esperjenza sabiex jirregolaw il-banek fi żminijiet ekonomiċi diffiċli, iżda li setgħu ħadu azzjoni sabiex inaqqsu l-livell ta' riskju li l-banek kienu qegħdin iġarrbu. L-FME, pereżempju, ma kibritx bl-istess proporzjon tal-banek u l-prattiki tar-regolatur ma laħħqux mal-iżviluppi mgħaġġla fl-operazzjonijiet tal-banek. Ir-rapport jikkritika wkoll lill-gvern, u kkonkluda li l-awtoritajiet misshom ħadu azzjoni sabiex inaqqsu l-impatt potenzjali tal-banek fuq l-ekonomija billi jċekknuhom jew jitolbu li xi bank minnhom jew aktar iċaqilqu l-kwartieri ġenerali tagħhom barra l-pajjiż ([16]).

*Żbilanċ u espansjoni żejda tal-ekonomija Islandiża inġenerali*

(21) Ir-rapport tas-SIC jagħmel referenza għal avvenimenti li jirrigwardaw l-ekonomija usa' li wkoll kellhom impatt fuq it-tkabbir rapidu tal-banek u kkontribwixxew għall-iżbilanċ fid-daqs u fl-influwenza bejn is-settur tas-servizzi finanzjarji u l-bqija tal-ekonomija. Ir-rapport ikkonkluda li l-politiki tal-gvern (b'mod partikolari l-politika fiskali) aktarx li kkontribwixxew għall-espansjoni żejda u l-iżbilanċ u li l-politika monetarja tas-CBI ma kinitx restrittiva biżżejjed. Ir-rapport jirreferi wkoll għall-illaxkar tar-regoli tas-self tal-Fond għall-Finanzjament tal-Akkomodazzjoni Islandiż bħala "wieħed mill-akbar żbalji fil-ġestjoni monetarja u fiskali li saru fil-perjodu li wassal għall-kollass tal-banek" ([17]). Ir-rapport jikkritika wkoll il-faċilità li biha l-banek setgħu jisselfu mingħand is-CBI, bl-istokk ta' self kollaterali fuq żmien qasir tas-CBI jiżdied minn ISK 30 biljun fil-ħarifa tal-2005 għal ISK 500 biljun sal-bidu ta' Ottubru 2008.

([16]) Kienet il-politika ddikjarata tal-gvern ta' koalizzjoni ta' dak iż-żmien li jitħeġġeġ iktar tkabbir u li l-banek jirċievu inċentivi sabiex iżommu l-kwartieri ġenerali fl-Islanda.

([17]) Kapitolu 2, paġna 5 tar-rapport.

*Il-korona Islandiża, żbilanċi esterni u firxiet ta' CDS*

(22) Ir-rapport jinnota li fl-2006, il-valur tal-korona Islandiża kien għoli b'mod li mhuwiex sostenibbli, id-defiċit tal-kont kurrenti Islandiż kien ta' aktar minn 16 % tal-PDG, u l-obbligazzjonijiet fil-muniti barranin mingħajr l-assi kienu joqorbu t-total annwali tal-PDG. Il-prerekwiżiti għal kriżi finanzjarja kienu qegħdin hemm. Sal-aħħar tal-2007 il-valur tal-korona kien qed jiddeppprezza u l-firxiet ta' swap ta' inadempjenza ta' kreditu (CDS) fuq l-Islanda u l-banek żdiedu b'mod esponenzjali.

## 2.3. **Miżuri li ttieħdu biex jerġa' jinbena s-settur bankarju**

(23) Wara l-kollass tat-tliet banek kummerċjali l-kbar f'Ottubru 2008 (inkluż Glitnir) l-awtoritajiet tal-Islanda kellhom jiffaċċjaw għall-ewwel darba l-isfida li jissalvagwardjaw il-kontinwità tal-operazzjonijiet bankarji fl-Islanda ([18]). Il-politika li segwa l-Gvern Islandiż hija primarjament stabbilita fl-Att ta' Emerġenza ([19]) adottat mill-Parlament Islandiż fis-6 ta' Ottubru 2008. Il-liġi tagħti setgħat straordinarji lill-FME sabiex tieħu l-kontroll ta' impriżi finanzjarji u tiddisponi mill-assi u l-obbligazzjonijiet tagħhom kif meħtieġ. Il-Ministru tal-Finanzi kien awtorizzat joħroġ fondi, f'isem it-Teżor, sabiex jistabbilixxi impriżi finanzjarji ġodda. Barra minn hekk, fi proċeduri ta' falliment ta' impriżi finanzjarji, id-depożiti jingħataw prijorità fuq pretensjonijiet oħrajn. Il-gvern iddikjara li d-depożiti fil-banek nazzjonali kummerċjali u ta' tfaddil u l-fergħat tagħhom fl-Islanda jkunu protetti għal kollox.

(24) Il-prijoritajiet politiċi għall-bidu ffukaw fuq l-iżgurar tal-funzjonament bażiku tas-sistemi domestiċi tal-banek, tal-ħlas u tal-ftehim. Fl-ewwel ġimgħat wara l-kollass, il-Gvern tal-Islanda ħejja wkoll programm ekonomiku f'kollaborazzjoni mal-Fond Monetarju Internazzjonali (l-FMI), li wassal għall-approvazzjoni fl-20 ta' Novembru 2008 tat-talba tal-Islanda għal arranġament ta' riżerva ta' sentejn mill-Fond, li kien jinkludi self ta' USD 2,1 biljun mill-FMI mmirat sabiex isaħħaħ ir-riżervi tal-munita Islandiża. Selfiet oħrajn li kienu jammontaw għal USD 3 biljun ġew assigurati minn pajjiżi Nordiċi oħrajn kif ukoll ċerti msieħba kummerċjali oħrajn. Mis-self tal-FMI, USD 827 miljun kienu magħmula disponibbli minnufih, filwaqt li l-ammont li kien fadal tħallas fi tmien pagamenti ndaqs, soġġetti għal reviżjonijiet trimestrali tal-programm.

(25) Il-Programm tal-FMI kien programm ta' stabbilizzazzjoni fuq bażi wiesgħa li jiffoka fuq tliet għanijiet ewlenin. L-ewwel, li jistabbilizza u jagħti lura l-fiduċja fil-korona sabiex irażżan l-impatt negattiv tal-kriżi fuq l-ekonomija. Il-miżuri kienu jinkludu l-introduzzjoni ta' kontrolli kapitali mmirati sabiex iwaqqfu l-ħarba tal-kapital. It-tieni, il-programm kien jinkludi strateġija komprensiva ta' ristrutturar tal-banek, li finalment kellha l-għan li terġa' tibni sistema finanzjarja vijabbli fl-Islanda kif ukoll li tissalvagwardja r-relazzjonijiet finanzjarji internazzjonali tal-pajjiż. Fost il-miri sussidjarji kien hemm l-iżgurar ta' valutazzjoni ġusta tal-assi tal-banek, l-immassimizzar tal-irkupru tal-assi u t-tisħiħ tal-prattiki superviżorji. It-tielet, il-programm kellu l-għan li jiżgura finanzi pubbliċi sostenibbli, billi jnaqqas is-soċjalizzazzjoni tat-telf fil-banek falluti u jimplimenta programm ta' konsolidazzjoni fiskali fuq perjodu medju.

(26) L-awtoritajiet tal-Islanda saħqu li minħabba ċ-ċirkostanzi eċċezzjonali marbuta mad-daqs kbir tas-sistema bankarja b'rabta mal-kapaċità finanzjarja tat-Teżor, l-għażliet politiċi disponibbli għall-awtoritajiet kienu limitati. Is-soluzzjonijiet li rabtu fuqhom għaldaqstant kienu f'ħafna modi differenti mill-miżuri meħuda minn gvernijiet ta' pajjiżi oħrajn li jiffaċċjaw theddid għall-istabbiltà finanzjarja.

([18]) Għal iktar dettalji fuq il-miżuri meħuda mill-awtoritajiet tal-Islanda, ara r-rapport tal-Ministru tal-Finanzi għall-Parlament fuq it-twaqqif mill-ġdid tal-banek kummerċjali ta' Mejju 2011 (Skýrsla fjármálaráðherra um endurreisn viðskiptabankanna), disponibbli fuq http://www.althingi.is/altext/139/s/pdf/1213.pdf

([19]) L-Att Nru 125/2008 dwar l-Awtorità għall-Iżborżi tat-Teżor minħabba Ċirkostanzi Mhux tas-Soltu fis-Suq Finanzjarju eċċ.

(27) Fuq il-bażi tal-Att ta' Emerġenza, it-tliet banek kummerċjali l-kbar, Glitnir Bank, Landsbanki Íslands u Kaupthing Bank, inqasmu f'banek "qodma" u "ġodda". Il-Ministru tal-Finanzi waqqaf tliet kumpaniji b'responsabbiltà limitata sabiex jieħdu f'idejhom l-operazzjonijiet domestiċi tal-banek il-qodma u ħatrilhom bordijiet tad-diretturi. L-FME ħadet il-kontroll tal-banek il-qodma, allokat essenzjalment l-assi u l-obbligazzjonijiet (id-depożiti) domestiċi tagħhom lill-banek il-ġodda li komplew l-operazzjonijiet bankarji fl-Islanda, filwaqt li l-banek il-qodma tqiegħdu taħt is-sorveljanza tal-kumitati ta' riżoluzzjoni rispettivi tagħhom. ([20]) L-assi u l-obbligazzjonijiet barranin fil-parti l-kbira tagħhom tqiegħdu fil-banek il-qodma, li aktar tard kienu soġġetti għal proċeduri ta' stralċ u għall-għeluq eventwali tal-operazzjonijiet barranin kollha. ([21])

(28) Fil-karti tal-bilanċi tal-ftuħ provviżorji tat-tliet banek il-ġodda tal-14 ta' Novembru 2008 kien stmat li l-assi totali kkombinati tal-banek kienu sejrin jammontaw għal ISK 2 886 biljun, b'ekwità li kellha tkun ipprovduta mill-Istat ta' ISK 385 biljun. L-ammont totali ta' bonds li kellhom jinħarġu mill-banek il-ġodda favur il-banek il-qodma bħala pagament għall-valur tal-assi ttrasferiti eċċessivi tal-obbligazzjonijiet kien stmat għal ISK 1 153 biljun. L-FME ħatret lil Deloitte LLP sabiex twettaq il-valutazzjonijiet tal-valur tal-assi u l-obbligazzjonijiet ittrasferiti. F'dan il-proċess irriżulta li l-valutazzjoni indipendenti ma kinitx sejra tirriżulta f'valuri fissi ta' assi netti ttrasferiti iżda valutazzjoni f'ċerti skali. Ħareġ ukoll li l-krédituri tal-banek qajmu nuqqas ta' qbil rigward il-proċess ta' valutazzjoni, li huma qiesu li ma kienx imparzjali, u lmentaw li ma setgħux iħarsu l-interessi tagħhom. Dawn il-kumplikazzjonijiet wasslu għal bidla fil-politika għall-ħlas tal-kontijiet bejn il-banek il-qodma u l-banek il-ġodda, li kienet tinvolvi li minflok jistrieħu fuq il-valutazzjoni ta' espert indipendenti, il-partijiet kienu sejrin jippruvaw jilħqu ftehim permezz ta' negozjati dwar il-valur tal-assi netti trasferiti.

(29) Kien ċar li kien se jkun diffiċli li l-partijiet jilħqu ftehim dwar il-valutazzjonijiet minħabba li kienu ovvjament soġġetti għal diversi suppożizzjonijiet li fuqhom il-partijiet aktarx li ma kinux sejrin jaqblu. L-istat ipprova jilħaq ftehimiet fuq valutazzjonijiet bażiċi li jipprovdu sisien sodi għall-kapitalizzazzjoni inizjali tal-banek il-ġodda. Il-prestazzjoni tal-prezzijiet tal-assi li jaqbżu l-valutazzjoni bażika setgħet tiġi attribwita lill-krédituri fil-forma ta' bonds kontinġenti jew żidiet fil-valur tal-kapital tal-ishma tal-banek, peress li fin-negozjati kien irriżulta li l-kumitati ta' riżoluzzjoni ta' Glitnir u Kaupthing u l-parti l-kbira tal-krédituri tagħhom setgħu kienu interessati li jakkwistaw investimenti fil-banek il-ġodda, u dan kien jippermettilhom jibbenefikaw minn żidiet potenzjali fil-valuri tal-assi ttrasferiti.

(30) Il-kapitalizzazzjoni sħiħa tat-tliet banek il-ġodda u l-bażi tal-ftehimiet mal-krédituri tal-banek il-qodma tħabbru fl-20 ta' Lulju 2009. Il-Gvern, bħala l-uniku sid tat-tliet banek il-ġodda, laħaq kapijiet ta' ftehim mal-kumitati ta' riżoluzzjoni tal-banek il-qodma rigward il-mod li bih il-kumpens għat-trasferiment tal-assi netti fil-banek il-ġodda kellu jinkiseb u jitħallas. Fir-rigward ta' tnejn mill-banek il-ġodda, Íslandsbanki u New Kaupthing (li aktar tard ingħata l-isem ta' Arion Bank), dan kien jinkludi ftehimiet kundizzjonali għall-banek il-qodma li jissottoskrivu għal interessi ta' ekwità maġġoritarji fil-banek il-ġodda.

(31) Fuq il-bażi ta' dawn it-tentattivi ta' ftehimiet imsemmija hawn fuq, il-kumitati ta' riżoluzzjoni tal-banek il-qodma ddeċidew f'Ottubru 2009 (Glitnir) u f'Diċembru 2009 (Kaupthing Bank u Landsbanki Izlands) li jeżerċitaw l-għażliet negozjati u jissottoskrivu għall-ishma fil-banek il-ġodda. Fit-18 ta' Diċembru 2009 il-Gvern ħabbar li r-rikostruzzjoni tal-banek kienet ġiet konkluża u li kienu ntlaħqu ftehimiet bejn l-awtoritajiet tal-Islanda u l-banek il-ġodda, minn naħa waħda, u l-kumitati ta' riżoluzzjoni ta' Glitnir Bank, Landsbanki Íslands u Kaupthing Bank f'isem il-krédituri tagħhom, min-naħa l-oħra, fuq soluzzjonijiet li jirrigwardaw l-assi li kienu ttrasferiti mill-banek il-qodma għal dawk ġodda, u li l-banek il-ġodda issa kienu ffinanzjati għal kollox.

([20]) Ara wkoll ir-Rapport Annwali tal-FME 2009 (Lulju 2008 – Ġunju 2009), disponibbli fuq http://en.fme.is/media/utgefid-efni/FME-Annual-Report-2009.pdf

([21]) Wara saru akkwiżizzjonijiet oħrajn ta' impriżi finanzjarji. F'Marzu 2009, l-FME ħadet kontroll fuq l-operazzjonijiet ta' tliet impriżi finanzjarji; Straumur-Burdaras, the Reykjavik Savings Bank (SPRON) u Sparisjodabanki Íslands (Icebank), u ddeċidiet fuq iċ-ċessjoni tal-assi u l-obbligazzjonijiet ta' dawk l-impriżi. Filwaqt li iktar tard ġie approvat ftehim ta' kompożizzjoni mal-krédituri ta' Straumur, SPRON u Sparisjodabanki ġew sottomessi għal proċedura ta' stralċ. Impriżi finanzjarji oħrajn intlaqtu b'mod sever ukoll mill-falliment tat-tliet banek kummerċjali ewlenin u l-inċertezzi prevalenti fis-swieq finanzjarji, u iktar impriżi finanzjarji ġew soġġetti għal amministrazzjoni pubblika fl-2010. B'hekk, f'Marzu 2010 l-FME ħatret bord tad-diretturi proviżorju għal VBS Investment Bank. F'April 2010, l-FME ħadet kontroll fuq Keflavík Savings Bank u Byr Savings Bank, u ddeterminat li l-operazzjonijiet tagħhom għandhom jittieħdu minn impriżi finanzjarji ġodda, SpKef Savings Bank u Byr hf, rispettivament. Peress li nstab li l-kundizzjonijiet finanzjarji ta' dawn l-impriżi ġodda kienu agħar minn dak li kien maħsub fil-bidu, iktar tard SpKef ġiet fuża ma' Landsbankinn, b'deċiżjoni tal-FME, u Byr hf. ġiet fuża ma' Íslandsbanki, wara offerta għall-ishma f'Byr. Barra minn hekk, fl-2009 l-awtoritajiet tal-Islanda ntalbu jindirizzaw id-diffikultajiet finanzjarji ta' Saga Capital Investment Bank u, fl-2011, il-Fond ta' Finanzjament għad-Djar.

(32) Kif irriżulta, il-kontribuzzjoni tat-Teżor għall-ekwità tal-banek il-ġodda tnaqqset sostanzjalment, minn ISK 385 biljun kif kien maħsub fil-bidu għal ISK 135 biljun fil-forma ta' kapital azzjonarju u, fil-każ ta' tnejn mit-tliet banek, Íslandsbanki u Arion Bank, madwar ISK 55 biljun ta' kapital tat-II Grad fil-forma ta' self subordinat jew total ta' ISK 190 biljun. Barra minn hekk, it-Teżor ipprovda lil Íslandsbanki u Arion Bank b'ċerti faċilitajiet ta' likwidità. Il-kapital azzjonarju pprovdut mill-banek il-qodma lill-banek il-ġodda kien jammonta b'kollox għal madwar ISK 156 biljun. Il-kapitalizzazzjoni totali tal-banek il-ġodda għaldaqstant kienet tammonta għal madwar ISK 346 biljun. B'hekk, minflok ma jżomm pussess sħiħ tat-tliet banek, il-ftehimiet kienu jimplikaw li l-holdings tal-istat jitnaqqsu għal madwar 5 % fil-każ ta' Íslandsbanki, 13 % fil-każ ta' Arion Bank u 81 % fil-każ ta' Landsbankinn.

(33) Għalkemm dan l-akkwist ta' tnejn mit-tliet banek mill-kredituri tal-banek il-qodma solva kwistjonijiet kbar fil-bini mill-ġdid tas-settur finanzjarju u stabbilixxa pedament aktar sod tal-kapital għall-banek il-ġodda, kien għad fadal bosta nuqqasijiet li kienu jeħtieġu li jkunu indirizzati. Mill-ħarifa tal-2009, il-banek ikkonċentraw l-isforzi tagħhom l-aktar fuq kwistonijiet interni, waqt li ddeterminaw l-istrateġija ġenerali għall-operazzjonijiet tagħhom u b'mod partikolari r-ristrutturar tal-portafolli tas-self tagħhom, li jirrappreżentaw l-akbar fattur ta' riskju għall-operazzjonijiet tagħhom u l-vijabbiltà fit-tul. Il-proċess ta' ristrutturar kien kompless minħabba diversi fatturi ta' kumplikazzjoni, inklużi deċiżjonijiet tal-Qorti Suprema dwar l-illegalità tas-self mogħtija f'ISK iżda indiċjati għal muniti barranin. Fir-rigward tal-Íslandsbanki, safejn huwa rilevanti għar-ristruttturar tiegħu, dawn il-kwistjonijiet huma diskussi aktar 'il quddiem.

*L-ambjent makroekonomiku*

(34) Taqlib ekonomiku kbir segwa l-kollass tas-sistema bankarja f'Ottubru 2008. Id-diffikultajiet fis-sistema finanzjarja tal-Islanda kienu akkumpanjati minn nuqqas ta' fiduċja fil-munita tagħha. Il-korona ddeprezzat sew fl-ewwel kwart tal-2008 u mbagħad fil-ħarifa, qabel u wara l-falliment tat-tliet banek kummerċjali. Minkejja kontrolli tal-kapital imposti fil-ħarifa tal-2008, il-volatilità tal-munita pprevaliet matul l-2009. ([22]) Dan it-taqlib irriżulta f'riċessjoni severa fl-ekonomija tal-Islanda, bi tnaqqis fil-PDG ta' 6,8 % fl-2009 u ta' 4 % fl-2010.

(35) Fost l-implikazzjonijiet tal-kriżi ekonomika kien hemm żieda f'daqqa fil-qgħad minn 1,6 % fl-2008 għal 8 % fl-2009, żieda f'daqqa fl-inflazzjoni u kollass fil-pagi reali. Barra minn hekk, kien hemm żieda qawwija fid-dejn korporattiv u domestiku u tas-sehem ta' self mhux produtttiv fil-portafolli tas-self tal-banek kif ukoll telf ta' kontroll fuq skala kbira mill-banek il-ġodda ta' negozju f'diffikultà finanzjarja. Fl-istess ħin l-ispiża fiskali kbira tar-ristrutturar tas-sistema bankarja wasslet għal żieda qawwija fid-defiċit fiskali u żieda qawwija fid-dejn tas-settur pubbliku.

(36) Wara r-riċessjoni profonda, dejta provviżorja mill-Istatistika tal-Islanda tindika bidla totali fit-tieni nofs tal-2011 u għas-sena kollha tkabbir tal-PDG ta' 3,1 % meta mqabbel mas-sena preċedenti.

(37) It-tkabbir ekonomiku fl-2011 kien dovut l-aktar għal żieda fid-domanda domestika, b'mod partikolari żieda ta' 4 % fil-konsum domestiku privat. Dan kien appoġġjat minn żidiet fil-pagi u benefiċċji soċjali kif ukoll ċerti inizjattivi politiċi meħuda sabiex jittaffa l-piż tal-ħlasijiet tad-dejn domestiku, inkluż sussidju temporanju fuq ir-rata tal-imgħax, l-iffriżar tal-ħlasijiet fuq is-self u r-rimbors bikri ta' tfaddil tal-pensjonijiet privati. Dejta provviżorja għall-2011 tindika wkoll żieda bil-mod fl-investimenti, madankollu minn livell partikolarment baxx ([23]). Il-konsum pubbliku baqa' f'livell imrażżan matul dawn l-aħħar tliet snin.

(38) Id-dejta makroekonomika ġenerali taħbi differenzi settorjali aktar sinifikanti. Minbarra l-kollass tas-settur finanzjarju seħħet kontrazzjoni kbira fil-kostruzzjoni u ħafna attivitajiet domestiċi oħra ta' produzzjoni u ta' servizz. Min-naħa l-oħra seħħ tkabbir f'ċerti setturi tal-esportazzjoni. Minħabba r-rata baxxa tal-kambju tal-korona u prezzijiet relattivament stabbli fil-muniti barranin kemm għall-prodotti tal-baħar kif ukoll tal-aluminju, id-dħul mill-esportazzjoni żdied wara l-bidu tal-kriżi ekonomika, anki fir-rigward tat-turiżmu u esportazzjonijiet oħrajn ta'

([22]) Bħala eżempju tal-iskala tad-deprezzament qawwi, ir-rata tal-kambju medja tax-xahar tal-euro mal-króna tal-Islanda żdiedet minn ISK 90,71 f'Diċembru 2007 għal ISK 184,64 f'Novembru 2009.

([23]) Tul is-snin 2009-2011, is-sehem ta' investimenti fil-PDG kien ta' 13-14 % biss.

servizzi. Fl-istess waqt, l-importazzjonijiet naqsu b'mod qawwi, u dawru l-bilanċ tal-kummerċ ([24]) temporanjament għal eċċess ta' madwar 10 % tal-PDG fl-2010. Madankollu, b'żieda fid-domanda domestika fl-2011, l-importazzjonijiet reġgħu kibru, u wasslu għal eċċess kummerċjali globali iżgħar ta' 8,2 % tal-PDG.

(39) It-tbassir tal-istatistika tal-Islanda għall-2012-2017 tassumi li l-irkupru ekonomiku gradwali se jkompli bi tkabbir ta' 2,6 % fl-2012. Rata ta' tkabbir simili hija mistennija matul il-perjodu ta' tbassir. Madankollu dan it-tbassir huwa soġġett għal bosta inċertezzi. Investimenti industrijali ppjanati fuq skala kbira jistgħu jkunu ttardjati wkoll. It-termini tal-kummerċ tal-Islanda jkunu affettwati b'mod negattiv minn riċessjoni fit-tul fil-pajjiżi kummerċjali ewlenin, li jimplika rata ta' tkabbir aktar baxxa fl-Islanda. Progress kajman aktar minn kemm antiċipat fl-indirizzar tal-piż tad-dejn tad-djar u tal-korporazzjonijiet irażżan ukoll id-domanda domestika u l-prospetti ta' tkabbir tal-ekonomija. It-tkabbir jista' jkun mhedded ukoll minn nuqqas ta' stabbiltà kontinwu fil-prezzijiet marbut mal-volatilità tal-munita fil-kuntest tat-tneħħija tal-kontrolli tal-kapital.

## 2.4. **Sorveljanza finanzjarja u titjib fil-qafas regolatorju**

(40) Wara l-ħidma inizjali tal-FME marbuta mal-istabbiliment tal-banek il-ġodda u l-valutazzjoni tal-valur tal-assi netti trasferiti mill-banek il-qodma, l-FME għamlet verifika fir-rebbiegħa tal-2009 tal-banek il-ġodda u l-pjanijiet tan-negozju tagħhom, is-saħħa finanzjarja u r-rekwiżiti ta' kapital f'hekk imsejjaħ proġett ta' approvazzjoni. Dan sar bl-għajnuna tad-ditta internazzjonali ta' konsulenza dwar il-ġestjoni Oliver Wyman.

(41) Wara li temmet il-proċess imsemmi hawn fuq, l-FME tat lill-banek liċenzji operattivi soġġetti għal diversi kundizzjonijiet. Fid-dawl tal-kwalità tal-portafolli tal-assi u l-inċertezza ekonomika antiċipata, inħasset il-ħtieġa li jiġu stabbiliti rekwiżiti tal-kapital ogħla mill-minimu statutorju fuq it-tliet banek. Għaldaqstant l-FME stabbiliet il-proporzjon tal-adegwatezza minima tal-kapital (CAD) għat-tliet banek għal 16 %, u minimu ta' 12 % minnu għall-proporzjon tal-kapital tal-I Grad. Ir-rekwiżiti kienu applikabbli għal mill-inqas tliet snin diment li ma jkunux riveduti mill-FME. Il-kundizzjonijiet tal-likwidità kienu wkoll speċifikati, fejn intalab li l-fondi likwidi disponibbli għandhom fi kwalunkwe ħin jammontaw għal minimu ta' 20 % tad-depożiti u li l-kontanti jew l-ekwivalenti tal-kontanti għandhom jammontaw għal mill-inqas 5 % tad-depożiti. Barra minn hekk, saru rekwiżiti rigward kwistjonijiet oħrajn bħar-ristrutturar tal-portafolli tas-self, il-valutazzjoni tar-riskju, il-governanza u s-sjieda korporattiva. Rekwiżiti tal-kapital komparabbli ġew introdotti mill-FME fir-rigward ta' impriżi finanzjarji oħrajn.

(42) Il-programm ta' stabilizzazzjoni ekonomika stabbilit f'konsultazzjoni mal-FMI kien jipprovdi għal reviżjoni tal-qafas regolatorju sħiħ tas-servizzi finanzjarji u sorveljanza sabiex titjieb id-difiża kontra kriżi finanzjarja futura. Il-Gvern stieden lid-Direttur Ġenerali preċedenti tal-Awtorità Superviżorja Finanzjarja tal-Finlandja, is-Sur Kaarlo Jännäri, sabiex iwettaq valutazzjoni tal-qafas regolatorju u tal-prattiki ta' sorveljanza eżistenti. Fost it-titjib propost mis-Sur Jännäri kien hemm il-ħolqien ta' Reġistru Nazzjonali tal-Kreditu fl-FME sabiex jonqsu r-riskji ta' kreditu fis-sistema. Ir-rapport tiegħu ssuġġerixxa wkoll li jiġu stabbiliti regoli aktar iebsin u prattika aktar stretta fuq l-espożizzjonijiet kbar u self relatat kif ukoll li jsiru aktar spezzjonijiet fuq il-post sabiex jiġu vverifikati s-sorveljanza u r-rapporti barra mill-post, b'mod partikolari fuq ir-riskju tal-kreditu, ir-riskju tal-likwidità u r-riskju tal-kambju. Kien irrakkomandat ukoll li ssir reviżjoni u titjib fis-sistema tal-garanziji tad-depożiti, billi jiġu segwiti mill-qrib l-iżviluppi fl-UE.

(43) Il-Gvern sussegwentement ippropona abbozz ta' liġi lill-Althingi, ibbażata *inter alia* fuq proposti magħmula minn Jännäri kif ukoll emendi magħmula fil-liġi taż-ŻEE dwar l-attivitajiet finanzjarji mill-2009 'il quddiem, li kien adottat u daħal fis-seħħ fl-1 ta' Lulju 2010, bħala l-Att Nru 75/2010. Bil-liġi l-ġdida, saru emendi estensivi fl-Att dwar l-Impriżi Finanzjarji. Bosta emendi oħra ġew introdotti aktar tard fil-liġi dwar l-impriżi finanzjarji kif ukoll fir-regolamenti u s-sorveljanza tas-servizzi finanzjarji. Dawn l-emendi regolatorji huma kkunsidrati f'aktar dettall fl-Anness tal-Att.

([24]) Il-bilanċ kummerċjali jirreferi għad-differenza fil-qligħ minn esportazzjonijiet u importazzjonijiet ta' prodotti u servizzi. Ma jinkludix il-bilanċ fuq id-dħul primarju minn barra l-pajjiż, li kien negattiv fis-snin imgħoddija, b'mod partikolari mill-2008. Dan jimplika li minkejja l-eċċess fuq il-bilanċ kummerċjali, il-kont kurrenti ġenerali tal-Islanda ilu negattiv tul dawn l-aħħar snin għad li qiegħed jonqos b'qawwa mill-2009 'l hawn.

## 2.5. **L-isfidi ewlenin li ġejjin** ([25])

(44) Minkejja kisbiet kbar fil-bini mill-ġdid tas-settur finanzjarju, l-Islanda qiegħda tkompli tissara mar-riperkussjonijiet tal-kriżi finanzjarja u monetarja tal-ħarifa tal-2008. Il-kriżi finanzjarja żvelat diversi difetti u nuqqasijiet fis-sistema finanzjarja, li għandhom ikunu indirizzati, jekk trid terġa' tinkiseb il-fiduċja pubblika. Jidher evidenti li l-Islanda – bħal ħafna pajjiżi oħrajn milquta ħażin ferm mill-kriżi finanzjarja – qiegħda tiffaċċja għadd ta' sfidi fl-adattament tal-ambjent legali u operattiv tas-servizzi finanzjarji sabiex issostni sistema finanzjarja vijabbli u effiċjenti fil-futur u tnaqqas kemm jista' jkun ir-riskju li jerġgħu jseħħu xokkijiet sistemiċi ulterjuri.

(45) L-aktar sfidi immedjati li bħalissa qegħdin iħabbtu wiċċhom magħhom l-impriżi finanzjarji Islandiżi huma marbuta mal-fatt li l-banek qegħdin joperaw f'ambjent protett b'kontrolli fuq il-kapital u garanzija fuq id-depożiti ġenerali. Il-banek issa jeħtieġu li jħejju lilhom infushom sabiex joperaw f'ambjent aktar espost, meta l-kontrolli fuq il-kapital jitneħħew u l-garanziji fuq id-depożiti jaqilbu għall-arranġament stipulat fid-direttivi rilevanti tal-UE/ŻEE ([26]). L-awtoritajiet Islandiżi saħqu li għandha tintuża kawtela kbira meta jiġu introdotti regoli ġodda f'dan ir-rigward.

(46) Sfida kbira oħra hija l-ħtieġa li jkompli jiġi adattat il-qafas legali u regolatorju sabiex isostni sistema finanzjarja solida u effiċjenti li tkun ukoll konsistenti mal-iżviluppi fil-liġi taż-ŻEE u dik internazzjonali ([27]).

## 2.6. **L-istat tal-kompetizzjoni fis-settur finanzjarju tal-Islanda**

(47) Skont informazzjoni reċenti mingħand l-awtoritajiet Islandiżi ([28]), il-kompetizzjoni fis-suq finanzjarju nbidlet b'mod radikali mill-kollass tal-banek. In-numru ta' impriżi finanzjarji naqas, minħabba li diversi banek tat-tfaddil, banek kummerċjali u selliefa speċjalizzati jew qegħdin jingħalqu jew ingħaqdu ma' impriżi oħrajn ([29]). L-għadd ta' impriżi finanzjarji għadu qed jonqos, dan l-aħħar bl-amalgamazzjonijiet ta' Landsbankinn u SpKef f'Marzu 2011, ta' Íslandsbanki u Byr f'Diċembru 2011 u l-amalgamazzjoni ta' Landsbankinn u Svarfdaelir Savings Bank, approvata mill-Awtorità fl-20 ta' Ġunju 2012 fid-Deċiżjoni Nru 226/12/COL. Bit-tnaqqis fl-għadd ta' impriżi finanzjarji

([25]) Dwar dan is-suġġett ara, pereżempju, ir-rapport tal-Ministru tal-Ekonomija għall-Althingi ta' Marzu 2012, *Future Structure of the Icelandic Financial System* (*L-Istruttura tas-Sistema Finanzjarja tal-Islanda fil-Ġejjieni*). Skont il-ministeru, dan ir-rapport jitqies bħala katalist għal deċiżjoni informata dwar dan is-suġġett importanti peress li ma jippreżentax proposti msawra sħaħ iżda jistabbilixxi l-kwistjonijiet ewlenin u jagħti ħarsa ġenerali b'referenza għall-iżviluppi internazzjonali. Ir-rapport huwa disponibbli fuq http://eng.efnahagsraduneyti.is/media/Acrobat/Future-Structure.pdf.

([26]) It-treġġigħ lura tal-garanziji tad-depożiti għal kundizzjonijiet normali ma jiddependix biss fuq it-tneħħija tal-appoġġ mill-istat tat-tali garanziji, iżda anki r-reviżjoni tad-dispożizzjonijiet fl-Att ta' Emerġenza li skont dawn, id-depożiti li jgawdu minn garanziji tad-depożiti skont il-liġi jingħataw prijorità fl-istralċ ta' impriża finanzjarja. Dan jinvolvi garanzija konsiderevoli għad-depożituri, speċjalment meta l-falliment tal-banek tal-2008 għadu f'moħħhom. Min-naħa l-oħra, aktarx li din id-dispożizzjoni tirrappreżenta nuqqas għall-banek meta jiddiversifikaw l-arranġament tal-finanzjament tagħhom.

([27]) Ara l-Kapitolu 9 tar-rapport tal-Ministru għall-Affarijiet Ekonomiċi li għalih issir referenza fin-nota ta' qiegħ il-paġna 25. Meta ppreżenta dak ir-rapport, il-Ministru għall-Affarijiet Ekonomiċi ħatar ukoll grupp ta' esperti bankarji, bil-parteċipazzjoni ta' esperti barranin, sabiex iħejji proposti fuq qafas legali u regolatorju komprensiv għas-suq finanzjarju fl-Islanda kollha. Skont l-istess rapport, l-awtoritajiet Islandiżi jipprevedu wkoll li jiġu studjati għażliet futuri oħrajn, inkluża l-possibbiltà li jiġu sseparati l-attivitajiet ta' investiment u ta' servizzi bankarji kummerċjali, l-adozzjoni ta' leġiżlazzjoni dwar l-istabilità finanzjarja u l-possibbiltà li tiġi emendata d-diviżjoni tar-responsabbiltà ta' korpi regolatorji tas-servizzi finanzjarji. Huwa ċar ukoll mid-dikjarazzjonijiet tal-awtoritajiet Islandiżi li reviżjoni tal-qafas tal-politika monetarja tibqa' fuq l-aġenda, bil-possibbiltà jew mingħajr il-possibbiltà li l-Islanda ssir membru tal-Unjoni Ewropea, kif ukoll mezzi possibbli oħrajn biex tittejjeb il-ġestjoni ekonomika u jiġi żgurat li r-regolaturi "ma jintilfux fid-dettall" u japplikaw b'mod effettiv l-għodda makro-prudenzjali l-aktar adattati.

([28]) Ara l-Kapitolu 6 tar-rapport mill-Ministru tal-Ekonomija għall-Althingi, *The Future Structure of the Icelandic Financial System* (*L-Istruttura tas-Sistema Finanzjarja tal-Islanda fil-Ġejjieni*), disponibbli fuq http://eng.efnahagsraduneyti.is/publications/news/nr/3559

([29]) Mill-ħarifa 2008, bosta impriżi finanzjarji għebu mis-suq (minbarra l-banek kummerċjali l-kbar "il-qodma", Glitnir, Kaupthing u Landsbanki): Sparisjóðabanki Íslands (qabel, Icebank), Reykjavik Savings Bank (SPRON), Sparisjóður Mýrasýslu (Myrasysla Savings Bank, SPM), VBS Investment Bank u Askar Capital Investment Bank. L-operazzjonijiet ta' Straumur-Burdaras Investment Bank u Saga Capital Investment Bank naqsu ferm ukoll.

u l-banek kbar jieħdu taħt idejhom id-depożiti mill-banek li qegħdin jagħlqu, il-konċentrazzjoni fis-suq domestiku żdiedet. Il-preżenza globali tal-banek il-ġodda fis-swieq finanzjarji taż-ŻEE min-naħa l-oħra hija ħafna iżgħar minn dik tal-predeċessuri tagħhom, minħabba li l-operazzjonijiet bankarji internazzjonali ngħalqu.

(48) Barra minn hekk, is-suq domestiku ċkien b'mod konsiderevoli minħabba li ċerti swieq sekondarji għebu jew huma ġeneralment kajmani. L-għajbien kważi totali tas-suq tal-ishma u l-introduzzjoni ta' kontrolli fuq il-kapital naqqsu l-operazzjonijiet fis-swieq tal-ishma u tal-muniti u rriżultaw f'għażliet ta' investiment limitati. Bil-livell tal-investimenti fl-ekonomija f'livell storikament baxx u l-familji u l-kumpaniji ġeneralment ingranati ħafna, id-domanda għall-kreditu hija baxxa. Mill-kollass, il-banek ikkonċentraw l-isforzi tagħhom fuq kwistjonijiet interni u r-ristrutturar tal-portafolli tas-self tagħhom kif ukoll ir-ristrutturar ta' xi wħud mill-klijenti korporattivi ewlenin tagħhom.

(49) Qabel il-kriżi finanzjarja, il-banek tat-tfaddil kienu jirrappreżentaw kollettivament sehem mis-suq ta' madwar 20 – 25 % f'depożiti. Dan issa niżel għal madwar 2 – 4 %. L-ishma mis-suq mitlufa mill-banek tat-tfaddil u mill-banek kummerċjali li ħerġin mis-suq inkisbu mit-tliet banek kummerċjali ewlenin, Arion Bank, Íslandsbanki u Landsbanki. Flimkien it-tliet banek kbar issa jirrappreżentaw madwar 90-95 % tas-suq minflok is-60-75 % ta' qabel, fejn is-sehem mis-suq ta' Landsbankinn huwa marġinalment l-ogħla. Minbarra l-għaxar banek tat-tfaddil reġjonali, li fil-preżent jirrappreżentaw madwar 2-4 % tas-suq, l-uniku attur ieħor fis-suq huwa r-ristrutturat MP Bank ([30]), b'sehem mis-suq ta' madwar 1-5 %.

(50) Is-suq finanzjarju Islandiż għaldaqstant huwa b'mod ċar oligopolistiku u l-akbar tliet kumpaniji jistgħu flimkien jiksbu pożizzjoni dominanti fis-suq. Skont l-Awtorità Islandiża għall-Kompetizzjoni (ICA), li tagħha l-Awtorità talbet l-opinjonijiet dwar l-istat tal-kompetizzjoni fl-Islanda u r-rimedji potenzjali, hemm ostkoli sinifikanti għad-dħul fis-suq bankarju Islandiż. Dan għandu effett ħażin fuq il-kompetizzjoni. Hemm ukoll ċerti impedimenti għall-konsumaturi li jkunu jixtiequ jibdlu l-banek. L-awtoritajiet tal-Islanda barra minn hekk irrikonoxxew li r-riskji tar-rata tal-kambju assoċjati mal-valuta żgħira u mhux innegozjata tal-Islanda, il-korona Islandiża, komplew jillimitaw il-kompetizzjoni u xekklu lill-banek u lill-kumpaniji barranin milli jidħlu fis-suq Islandiż.

(51) L-ICA dan l-aħħar iffokat fuq kwistjoni speċifika rigward l-infrastruttura tal-IT għall-operazzjonijiet tal-banek u l-kooperazzjoni tagħhom f'dak ir-rigward. Din hija marbuta mal-fornitur tas-servizz tal-IT li huwa proprjetà konġunta tal-istituzzjonijiet finanzjarji, *Reiknistofa bankanna* (iċ-Ċentru tad-Dejta tal-Banek Islandiżi; RB). Din il-kwistjoni hija rilevanti għall-valutazzjoni ta' dan il-każ u kienet fost il-kwistjonijiet diskussi mill-Awtorità mal-awtoritajiet tal-Islanda u mal-banek.

(52) RB huwa proprjetà konġunta tat-tliet banek Islandiżi ewlenin, żewġ banek ta' tfaddil, l-Assoċjazzjoni Islandiża tal-Banek ta' Tfaddil u tat-tliet proċessuri ewlenin tal-kards tal-ħlas fl-Islanda. Landsbankinn għandu 36,84 % tal-ishma f'RB, Íslandsbanki għandu 29,48 % u Arion Bank 18,7 %. Għaldaqstant it-tliet banek kummerċjali flimkien għandhom 85,02 % tal-ishma f'RB. Il-klijenti ta' RB huma s-sidien, il-Bank Ċentrali tal-Islanda u istituzzjonijiet finanzjarji oħrajn kif ukoll l-entitajiet governattivi u pubbliċi. Il-kooperazzjoni tal-banek f'dan il-qasam hija wiesgħa, peress li RB żviluppa s-sistema tal-ikklerjar u s-saldu fl-Islanda. Huwa jipprovdi wkoll għadd ta' soluzzjonijiet bankarji ewlenin li huma soluzzjonijiet li jaqdu diversi klijenti, użati mill-parti l-kbira tal-banek Islandiżi. Barra minn hekk RB jopera wkoll sistema ta' fatturazzjoni elettronika u pagament elettroniku għall-korporattivi u l-konsumaturi.

(53) Skont l-ICA, il-kollass fl-2008 għamel lill-banek iż-żgħar u l-banek ta' tfaddil partikolarment vulnerabbli. Għall-impriżi finanzjarji ż-żgħar, is-servizzi meħtieġa tal-IT kienu ta' importanza kruċjali, peress li dawn jistgħu jitqiesu bħala wieħed mill-ostakoli għad-dħul għall-parteċipanti l-ġodda fis-suq. Il-pjattaforma għas-servizzi tal-IT kienet

([30]) Fil-11 ta' April 2011, kuntratt għall-bejgħ ta' operazzjonijiet ta' MP bank (il-qadim) fl-Islanda u l-Litwanja ġie approvat matul il-laqgħa tal-azzjonisti tal-bank, meta iktar minn 40 azzjonist ġdid investew ISK 5,5 biljun f'ishma ġodda fil-bank. Operazzjonijiet oħrajn tal-bank il-qadim baqgħu mas-sidien ta' qabel u ġew trasferiti f'entità legali ġdida, EA fjárfestingarfélag hf. Għal iktar dettalji, ara l-istqarrijiet għall-istampa ta' MP bank tal-11 ta' April 2011 disponibbli fuq https://www.mp.is/um-mp-banka/utgefid-efni/frettir/nr/1511 u https://www.mp.is/um-mp-banka/utgefid-efni/frettir/nr/1510

ipprovduta sa ċertu punt minn RB fir-rigward tal-impriżi finanzjarji l-kbar u, fir-rigward tal-banek tat-tfaddil u l-atturi ż-żgħar fis-suq, minn Teris. Wara l-għeluq ta' ħafna mill-impriżi finanzjarji ż-żgħar f'dawn l-aħħar snin, Teris tilef sehem sinifikanti mid-dħul tiegħu, li f'Jannar tal-2012 wassal għall-bejgħ ta' xi whud mis-soluzzjonijiet tal-IT tiegħu lil RB. Skont RB u Teris, din it-transazzjoni kienet *inter alia* immirata sabiex tassigura provvista kontinwa ta' servizzi tal-IT lill-impriżi finanzjarji ż-żgħar.

(54) L-ICA kienet qiegħda tinvestiga żewġ każijiet li jirrigwardaw lil RB. L-ewwel, jekk is-sjieda konġunta u l-kooperazzjoni tal-banek u ta' impriżi finanzjarji oħrajn fil-forum ta' RB għandhomx jitqiesu bħala ksur tal-projbizzjoni fuq prattiki restrittivi skont l-Artikolu 10 tal-Att dwar il-Kompetizzjoni tal-Islanda. It-tieni, il-kompatibbiltà tax-xiri minn RB tal-assi ewlenin ta' Teris qiegħda tkun evalwata skont id-dispożizzjonijiet dwar il-fużjoni tal-istess att. Madankollu, f'Mejju 2012 dawn iż-żewġ każijiet ingħalqu bi ftehim bejn RB u s-sidien tiegħu, minn naħa, u l-ICA min-naħa l-oħra. ([31])

(55) Minbarra t-tħassib imsemmi hawn fuq marbut direttament mas-suq finanzjarju tal-Islanda, l-ICA indikat b'mod partikolari l-ħtieġa li l-bejgħ u r-ristrutturar ta' kumpaniji operattivi ([32]) jitlestew mingħajr dewmien żejjed. Bosta kumpaniji operattivi nxtraw mill-banek (kredituri ta' dawk il-kumpaniji) minħabba dejn żejjed wara l-kollass ekonomiku fl-2008. Skont l-ICA, jista' jinħoloq kunflitt ta' interess meta l-banek jipprovdu servizzi finanzjarji lil kumpaniji meta fl-istess waqt dawn il-kumpaniji jkunu tagħhom. L-ICA hija tal-fehma li s-sjieda diretta u indiretta tal-banek ([33]) hija l-aktar problema mifruxa u perikoluża għall-kompetizzjoni fil-konsegwenzi tal-kriżi finanzjarja, minħabba li din għandha effett fuq kważi kull kumpanija u industrija fl-Islanda. Fil-fehma tal-ICA, ristrutturar aktar mgħaġġel tal-kumpaniji jtejjeb il-kompetizzjoni fis-suq finanzjarju. Meta l-involviment tal-banek fir-ristrutturar tal-klijenti korporattivi tagħhom kien soġġett għar-rekwiżiti ta' notifika taħt il-kontroll tal-amalgamazzjoni nazzjonali, f'dan ir-rigward l-ICA spiss stabbiliet kundizzjonijiet rigward is-sjieda tal-banek. Madankollu, soluzzjoni komprensiva għall-problema tidher li hija diffiċli, minħabba li hija marbuta essenzjalment mal-ingranaġġ għoli tas-settur tan-negozju Islandiż.

(56) Fis-sottomissjoni tagħhom lill-Awtorità, it-tliet banek kummerċjali, Arion Bank, Íslandsbanki u Landsbankinn, kollha esprimew l-opinjoni li ma seħħet l-ebda bidla kbira fil-kundizzjonijiet tal-kompetizzjoni fis-suq finanzjarju Islandiż mill-ħarifa tal-2008 li għandha tqajjem tħassib. Kompetizzjoni effettiva pprevaliet fis-suq, mingħajr ebda evidenza ta' mġieba kolluživa tal-akbar tliet atturi. Meta eżaminat il-kundizzjonijiet tal-kompetizzjoni fis-suq, l-ICA kienet injorat ċerti fatturi ewlenin, bħall-fatt li l-banek barranin kienu għal żmien twil u għadhom jikkompetu b'mod attiv mal-banek Islandiżi għall-provvista ta' servizzi finanzjarji lill-akbar klijenti, bħal impriżi f'attivitajiet ibbażati fuq l-esportazzjoni (is-sajd, l-industrija tal-enerġija intensiva, eċċ.) kif ukoll attività tal-istat u muniċipali.

(57) Madankollu, din il-fehma hija kuntrarja għall-opinjoni espressa fis-sottomissjoni tal-awtoritajiet Islandiżi, kif stabbilit fir-rapport imsemmi hawn fuq mill-Ministru tal-Affarijiet Ekonomiċi lil Althingi u għall-opinjoni tal-ICA. Barra minn hekk, kif se jkun spjegat hawn taħt, Íslandsbanki, minkejja ċerti riżervi rigward l-analiżi tal-kundizzjonijiet tal-kompetizzjoni, iddeċieda li jipprovdi ċerti impenni mmirati lejn it-tnaqqis tad-distorsjoni tal-kompetizzjoni marbuta mal-miżuri tal-għajnuna kkonċernati. Dawk l-impenni huma rrapportati fl-Anness.

([31]) Skont is-saldu, RB u s-sidien tiegħu qablu fuq numru ta' impenji mmirati lejn il-prevenzjoni tat-tfixkil tal-kompetizzjoni li jirriżultaw mill-operazzjonijiet ta' RB u l-kooperazzjoni tas-sidien tiegħu. L-impenji jeħtieġu, *inter alia*, li RB jitħaddem b'termini kummerċjali ġenerali indipendenti mis-sidien tiegħu u l-maġġoranza tal-bord ta' RB għandu jkun imsawwar minn speċjalisti indipendenti mis-sidien, l-aċċess għas-sistemi u s-servizzi pprovduti minn RB għandu jiġi pprovdut fuq bażi mhux diskriminatorja u t-termini tas-servizzi pprovduti minn RB għandhom ikunu l-istess, irrelevanti jekk il-klijent ikunx azzjonist f'RB. Is-sidien eżistenti ta' RB ħadu l-impenn li b'mod regolari joffru għall-bejgħ parti mill-parteċipazzjonijiet tagħhom f'RB, bil-għan li tiġi faċilitata l-akkwiżizzjoni tas-sjieda f'RB tal-impriżi mhux finanzjarji. Stediniet bħal dawn għandhom isiru tal-inqas sena iva sena le, sakemm tal-inqas terz mill-parteċipazzjonijiet azzjonarji totali f'RB jinbiegħu lill-partijiet minbarra l-azzjonisti attwali jew offruti għall-bejgħ f'offerti tal-ishma.

([32]) L-ICA tuża t-termini "kumpaniji operattivi" għall-parteċipazzjonijiet tal-banek f'negozji normalment mhux finanzjarji li l-banek akkwistaw fir-rigward tar-ristrutturar tal-portafolli tas-self tagħhom permezz ta' skambji ta' dejn ma' ekwità jew mod ieħor. Bl-istess mod, l-Awtorità tuża t-terminu "kumpanija operattiva" għall-impriżi tal-ekonomija reali, li ma jappartjenux għall-kummerċ ċentrali tal-bank fis-swieq finanzjarji.

([33]) F'dan il-kuntest, l-Awtorità tifhem li s-sjieda indiretta tirreferi għall-influwenza possibbli tal-banek u l-kontroll fuq il-kumpanija minħabba d-djun eċċessivi tagħhom mal-bank.

3. DESKRIZZJONI TAL-MIŻURI

## 3.1. **Il-benefiċjarju**

(58) Kif deskritt aktar 'il fuq, Glitnir falla fl-2008, bħal żewġ banek kummerċjali kbar oħra Islandiżi. Għalhekk biex jassiguraw il-kontinwità fl-operat tas-settur bankarju domestiku, l-awtoritajiet Islandiżi ħadu ċerti miżuri, sabiex jirrestawraw ċerti operazzjonijiet ta' Glitnir Bank hf (il-qadim), inkluż l-istabbiliment u l-kapitalizzazzjoni ta' New Glitnir Bank hf (li issa ngħata l-isem ta' Íslandsbanki).

### 3.1.1. *Glitnir Bank*

(59) Qabel il-kriżi finanzjarja tal-2008 Glitnir Bank kien it-tielet l-akbar bank fl-Islanda. Eżatt qabel il-kollass tiegħu, fl-aħħar ta' Ġunju 2008 il-karta tal-bilanċ tiegħu kienet tammonta għal ISK 3 862 biljun. Is-swieq ewlenin tal-bank kienu fl-Islanda u fin-Norveġja fejn kien joffri firxa ta' servizzi finanzjarji, inklużi servizzi bankarji korporattivi, servizzi bankarji ta' investiment, swieq kapitali, servizzi ta' mmaniġġjar tal-investiment u operazzjonijiet bankarji għall-konsumatur. Glitnir kellu wkoll operazzjonijiet fil-Finlandja, fl-Isvezja, fid-Danimarka, fir-Renju Unit, fil-Lussemburgu, fl-Istati Uniti, fil-Kanada, fiċ-Ċina u fir-Russja. Kellu għadd ta' kumpaniji sussidjarji, bl-aktar sinifikanti jkunu: Glitnir AB (l-Isvezja); Glitnir Bank Oyi (il-Finlandja); Glitnir Bank ASA (in-Norveġja); Glitnir Bank Lussemburgu SA; u Gltinir Asset Management Lussemburgu. L-espansjoni internazzjonali tal-bank kienet ibbażata fuq żewġ setturi tal-industrija speċjalizzati; il-frott tal-baħar u l-enerġija sostenibbli ([34]). L-ishma fil-bank kienu elenkati fl-OMX (il-Borża Islandiża).

### 3.1.2. *Íslandsbanki*

(60) Is-suċċessur ta' Glitnir, Íslandsbanki, huwa bank universali li joffri sensiela ta' servizzi finanzjarji komprensivi lil individwi, familji, korporazzjonijiet u investituri professjonali fl-Islanda, u li jispeċjalizza f'żewġ setturi tal-industrija; il-frott tal-baħar u l-enerġija ġeotermali. Wara l-amalgamazzjoni ma' Byr, l-assi tal-bank issa kienu jammontaw għal madwar ISK 800 biljun. Għandu madwar 1 100 impjegat, u huwa t-tielet l-akbar bank fl-Islanda meta mkejjel f'termini ta' assi totali. Il-prodotti u s-servizzi bankarji jaqgħu f'erba' diviżjonijiet: Operazzjonijiet bankarji għall-konsumatur, Servizzi Bankarji Korporattivi, Ġestjoni tas-Swieq u tal-Ġid. Skont Íslandsbanki, għandu sehem mis-suq ta' bejn [20] u [40] % f'dawk is-segmenti kollha tan-negozju.

#### 3.1.2.1. Operazzjonijiet bankarji għall-konsumatur – l-Islanda

(61) L-operazzjonijiet bankarji għall-konsumatur joffru servizzi bankarji lil individwi, familji u kumpaniji żgħar u ta' daqs medju (SMEs). Id-diviżjoni tinkludi n-netwerk tal-fergħat ta' Íslandsbanki, id-diviżjoni tal-Finanzjament Ibbażat fuq l-Assi tal-Bank u sussidjarja li titħaddem b'mod indipendenti, Kreditkort, emittent ewlieni tal-karti ta' kreditu fl-Islanda.

(62) L-aħħar figuri disponibbli, juru li Íslandsbanki għandu sehem mis-suq ta' [> 30] % fis-settur tal-operazzjonijiet bankarji għall-konsumatur.

#### 3.1.2.2. Servizzi bankarji korporattivi – l-Islanda

(63) Is-Servizzi Bankarji Korporattivi (CB) jipprovdu servizzi ta' self u ta' kreditu ieħor lil kumpaniji ta' daqs medju u kbar fl-Islanda, li normalment jissejħu "l-akbar 300". Barra minn hekk, Corporate Solutions, diviżjoni f'CB, tiġġestixxi u tmexxi r-ristrutturar tal-portafoll ta' korporazzjonijiet kbar li jinsabu f'diffikultà.

(64) L-aħħar figuri disponibbli, juru li Íslandsbanki għandu sehem mis-suq ta' [> 30] % fis-suq bankarju korporattiv.

([34]) Ir-Rapport Annwali ta' Glitnir għall-2007, p. 40. Ir-rapport jinsab hawnhekk: http://tools.euroland.com/arinhtml/is-isb/2007/ar_eng_2007/. Ir-Rapporti Finanzjarji Kkonsolidati ta' Glitnir għall-2007 huma disponibbli hawnhekk: http://en.sff.is/media/auglysingar/Glitnir_-Annual_Report_2007.pdf

3.1.2.3. S w i e q

(65) Id-diviżjoni tas-swieq toffri firxa sħiħa ta' servizzi fil-finanzjament tal-korporazzjonijiet, titoli u kambju u prodotti tas-suq tal-flus fl-Islanda kif ukoll konsulenza dwar il-finanzi korporattivi fis-setturi tal-enerġija ġeotermali u tal-frott tal-baħar fl-Istati Uniti.

(66) L-aħħar figuri disponibbli, juru li Íslandsbanki għandu sehem mis-suq ta' [> 5] % tas-suq tal-ekwità ([35]), [> 20] % tas-suq tal-bonds, [> 30] % tas-suq tal-kambju (FX) u madwar [35 - 45] % tas-suq tal-Finanzjament tal-Korporazzjonijiet. ([36])

3.1.2.4. Ġ e s t j o n i t a l - Ġ i d - V Í B

(67) Il-Ġestjoni tal-Ġid jipprovdi lil klijenti ta' kull daqs bejgħ istituzzjonali, servizzi bankarji privati (għonja) u servizzi ta' investiment privat (bejgħ bl-imnut) u fondi ta' partijiet terzi. VÍB joffri wkoll ġestjoni u amministrazzjoni ta' fondi permezz tas-sussidjarja tiegħu Íslandssjóðir hf, ġestita u operata b'mod indipendenti.

(68) L-aħħar figuri disponibbli juru li Íslandsbanki għandu sehem mis-suq ta' [> 30] % tal-Bejgħ Korporattiv u Istituzzjonali, [> 30] % tas-Servizzi ta' Investiment bl-Imnut, [> 25] % tas-swieq tas-Servizzi Bankarji Privati, [> 35] % tas-swieq tal-Ġestjoni tal-Fondi Reċiproki u [> 15] % tas-suq tas-Servizzi tal-Penzjoni Privati. ([37])

3.2. **Paragun bejn il-bank il-qadim u l-ġdid**

3.2.1. *Paragun bejn Glitnir u Íslandsbanki (2008)*

*Tabella 1*

**Il-karta tal-bilanċ tal-ftuħ ta' Íslandsbanki mqabbla mal-karta tal-bilanċ ta' Glitnir għall-ewwel nofs tal-2008**

| | Islandsbanki hf. | Glitnir banki hf. | |
|---|---|---|---|
| (ISK m) | 15.10.2008 | 30.6.2008 | Δ % |
| Cash and balances with Central Bank | 53 829 | 37 550 | 43 % |
| Derivatives | 0 | 278 404 | – 100 % |
| Bonds and debt instruments | 3 762 | 217 873 | – 98 % |
| Shares and equity instruments | 3 944 | 71 767 | – 95 % |
| Securities used for hedging | 0 | 162 332 | – 100 % |
| Loans to banks | 10 597 | 328 027 | – 97 % |
| Loans to customers | 482 536 | 2 548 164 | – 81 % |
| Investments in associates | 296 | 540 | – 45 % |
| Investment property | 1 589 | 5 539 | – 71 % |
| Property and equipment | 1 773 | 4 897 | – 64 % |
| Intangible assets | 107 | 63 218 | – 100 % |
| Deferred tax assets | 34 | 2 018 | – 96 % |
| Non-current assets held for sale | 1 894 | 908 | 109 % |

([35]) Íslandsbanki għandu t-tieni l-ogħla sehem tas-suq fuq in-NASDAQ OMX ICE, suq tad-dħul fiss skont iċ-ċifri tal-fatturat għall-2011.
([36]) Madankollu, peress li l-biċċa l-kbira tat-transazzjonijiet li jiddeterminaw is-sehem mis-suq tal-bank f'dan is-segment tan-negozju mhumiex irrapportati pubblikament, dawn huma biss estimi sottomessi mill-awtoritajiet Islandiżi.
([37]) Madankollu, peress li l-biċċa l-kbira tat-transazzjonijiet li jiddeterminaw is-sehem mis-suq tal-bank f'dan is-segwent tan-negozju mhumiex irrapportati pubblikament, dawn huma biss estimi sottomessi mill-awtoritajiet Islandiżi.

| | Islandsbanki hf. | Glitnir banki hf. | |
|---|---|---|---|
| (ISK m) | 15.10.2008 | 30.6.2008 | Δ % |
| Share subscription | 64 225 | 0 | 100 % |
| Other assets | 5 279 | 141 560 | – 96 % |
| **Total Assets** | **630 965** | **3 862 797** | **– 84 %** |
| Short positions | 0 | 23 312 | – 100 % |
| Derivatives | 0 | 109 903 | – 100 % |
| Deposits from Central Bank & banks | 134 303 | 311 775 | – 57 % |
| Deposits from customers | 361 302 | 709 584 | – 49 % |
| Debt issued and other borrowed funds | 53 808 | 2 241 976 | – 98 % |
| Subordinated loans | 103 | 145 902 | – 100 % |
| Post-employment obligations | 0 | 696 | – 100 % |
| Current tax liabilities | 34 | 812 | – 96 % |
| Deferred tax liabilities | 0 | 4 937 | – 100 % |
| Non-current liabilities held for sale | 1 285 | 0 | 100 % |
| Other liabilities | 14 471 | 113 465 | – 87 % |
| **Total Liabilities and Equity** | **565 306** | **3 662 362** | **– 85 %** |
| Share capital | 10 000 | 14 547 | – 32 % |
| Share premium | 55 000 | 53 174 | 3 % |
| Other reserves | | 37 143 | – 100 % |
| Retained earnings | | 94 744 | – 100 % |
| Minority interest | 660 | 727 | – 9 % |
| **Total Equity** | **68 030** | **200 435** | **– 66 %** |
| **Total Liabilities and Equity** | **630 965** | **3 862 797** | **– 84 %** |

(69) Hemm differenzi kbar bejn il-bank il-ġdid u l-qadim kemm f'termini tal-operat kif ukoll tal-iskala tagħhom. Íslandsbanki huwa fil-biċċa l-kbira bank domestiku mingħajr ebda operat bankarju b'liċenzja f'pajjiżi barranin waqt li Glitnir kien bank internazzjonali li kien jopera fi 11-il pajjiż. Íslandsbanki għandu erba' segmenti ta' negozju; Servizzi Bankarji Kummerċjali/bl-Imnut, Ġestjoni tal-Assi, Servizzi Bankarji Korporattivi u tal-Investiment, u Swieq tat-Teżor u Kapitali, li huma kollha ffukati fuq is-suq domestiku. B'mod l-aktar notevoli, l-iskala tal-operazzjonijiet ta' Íslandsbanki huma sostanzjalment iżgħar minn dik ta' Glitnir; il-karta tal-bilanċ tal-bank il-qadim ta' ISK 3 862 biljun meta mqabbla ma' dik tal-bank il-ġdid ta' ISK 631 biljun tammonta għal tnaqqis ta' 84 %. Paragun tal-karta tal-bilanċ tal-bank il-qadim f'Ġunju 2008 mal-karta tal-bilanċ tal-ftuħ tal-bank il-ġdid tinsab fit-Tabella 1 hawn fuq.

(70) Glitnir għandu taħlita diversa ta' finanzjament u kien emittent kbir ta' bonds mibjugħa madwar id-dinja kollha. Íslandsbanki, min-naħa l-oħra, jiddependi prinċipalment fuq id-depożiti għall-finanzjament. Dan, flimkien mal-probabbiltà li l-bank mhux se jkollu aċċess għal sorsi ta' finanzjament simili għal dawk tal-bank predeċessur tiegħu (ta' mill-inqas fuq medda ta' żmien qasir), tillimita l-kapaċità tal-bank li jikber. Il-paragun fil-Graff 1 tal-indikaturi prinċipali taż-żewġ banek juri differenzi konsiderevoli ([38]):

*Graff 1*

**Íslandsbanki meta ġie stabbilit, imqabbel ma' Glitnir fl-2008 (Q2), figuri magħżula**




(71) Il-bank il-ġdid għandu wkoll numru sostanzjalment iżgħar ta' persunal. In-numru medju ta' persunal ekwivalenti għal impjegati full time minn Glitnir matul l-ewwel nofs tal-2008 kien ta' 2 174 meta mqabbel ma' 1 110 għal Íslandsbanki (inklużi sussidjarji) matul l-ewwel nofs tal-2009, li hija differenza ta' 49 %. Il-figuri matul l-istess perjodi għal operazzjonijiet domestiċi juru biss li l-bank il-ġdid impjega 242 impjegat inqas minn Glitnir.

### 3.3. **Bażi legali nazzjonali għal miżuri ta' għajnuna**

— *Att Nru 125/2008 dwar l-Awtorità għall-Iżborżi tat-Teżor minħabba Ċirkostanzi mhux tas-Soltu fis-Suq Finanzjarju eċċ, spiss imsejjaħ l-Att ta' Emerġenza*

(72) L-Att ta' Emerġenza ta lill-FME l-awtorità li tintervjeni "f'ċirkostanzi estremi" u tassumi setgħat tal-laqgħat tal-azzjonisti tal-istituzzjonijiet finanzjarji u l-laqgħat tal-bord, u tiddeċiedi fuq iċ-ċessjoni tal-assi u l-obbligazzjonijiet tagħhom. L-FME ngħatat is-setgħa wkoll sabiex taħtar kumitati ta' riżoluzzjoni għall-impriżi finanzjarji li tkun akkwiżixxiet, li kellhom is-setgħat tal-laqgħat tal-azzjonisti. Fl-istralċ tal-istituzzjonijiet, l-Att jagħti status ta' prijorità lil talbiet minn detenturi ta' depożiti u skemi ta' garanzija tad-depożiti. L-Att awtorizza wkoll lill-Ministeru tal-Finanzi tal-Islanda sabiex iwaqqaf banek ġodda. L-Att ta' Emerġenza jinkludi emendi tal-Att dwar l-Impriżi Finanzjarji, Nru 161/2002, l-Att dwar is-Sorveljanza Uffiċjali tal-Attivitajiet Finanzjarji, Nru 87/1998, l-Att dwar il-Garanziji tad-Depożiti u l-Iskema ta' Kumpens għall-Investituri, Nru 98/1999, u l-Att dwar l-Affarijiet tad-Djar, Nru 44/1998.

— *L-Att dwar il-Baġit tal-Istat Supplementari għall-2008 (Artikolu 4)*

— *L-Att dwar il-Baġit tal-Istat għall-2009 (Artikolu 6)*

([38]) Il-graffs huma bbażati fuq il-figuri għal Glitnir fl-ewwel nofs tal-2008 u Íslandsbanki fl-ewwel nofs tal-2009.

### 3.4. **Il-miżuri ta' għajnuna**

(73) L-intervent tal-awtoritajiet tal-Islanda wara li falla Glitnir Bank ġie spjegat iktar 'il fuq, u dan ġie spjegat f'iktar dettall fid-deċiżjoni ta' ftuħ. L-essenza tal-interventi tista' tinġabar fil-qosor kif ġej: L-FME ħadet kontroll fuq Glitnir fis-7 ta' Ottubru 2008, u obbligazzjonijiet domestiċi u (ħafna mill-) assi domestiċi ġew trasferiti lil New Glitnir. Il-bank il-qadim/il-kredituri tiegħu kellhom jiġu kkumpensati għal dan it-trasferiment billi jirċievi s-somma tad-differenza bejn l-assi u l-obbligazzjonijiet. Peress li d-determinazzjoni ta' din id-differenza kienet diffiċli u tieħu ħafna żmien, l-Istat ipprovda xi kapital inizjali u impenn li jikkontribwixxi iktar kapital jekk ikun hemm bżonn. Imbagħad ikkapitalizza l-bank, qabel ma finalment intlaħaq ftehim bejn l-Istat u l-kredituri tal-bank il-qadim f'Ottubru, li wassal sabiex is-sehem tal-Istat fil-bank naqas minn 100 % għal 5 %. L-Awtorità tqis li din id-data – 15 ta' Ottubru 2009 – timmarka l-bidu tal-perjodu ta' ristrutturar ta' 5 snin, li konsegwentement se jitlesta sal-15 ta' Ottubru 2014.

(74) It-taqsima li ġejja hija limitata għad-deskrizzjoni ta' dawk l-aspetti tal-intervent tal-Istat li jikkostitwixxu miżuri ta' għajnuna rilevanti għall-valutazzjoni skont l-Artikolu 61 tal-Ftehim ŻEE.

#### 3.4.1. *Il-kapital ta' Grad 1*

(75) L-Istat ipprovda kapital tal-Livell I darbtejn – darba, meta nħoloq New Glitnir, u mbagħad mill-ġdid meta kkapitalizza l-bank bis-sħiħ (u b'mod retroattiv); segwit minn ftehim mal-bank il-qadim f'isem il-kredituri tiegħu li skont dan l-Istat żamm sehem ta' 5 % mill-bank.

##### 3.4.1.1. Kapital inizjali

(76) Wara t-twaqqif ta' bank ġdid, Íslandsbanki– l-Istat ipprovda ISK 775 miljun fi flus kontanti bħala kapital inizjali għall-bank il-ġdid u barra minn hekk ta impenn li jikkontribwixxi sa ISK 110 biljun b'kollox bħala kapital ta' riskju tal-Grad I għall-bank il-ġdid għall-ekwità sħiħa tiegħu. Il-figura ta' qabel tikkorrispondi għall-kapital minimu meħtieġ skont il-liġi tal-Islanda għat-twaqqif ta' bank. Il-figura tal-aħħar ġiet ikkalkolata bħala 10 % ta' valutazzjoni inizjali tad-daqs probabbli tal-bilanċ tal-assi peżati tar-riskju tal-bank u ġiet inkluża b'mod formali fil-baġit tal-istat għas-sena 2009 bħala allokazzjoni ta' fondi tal-gvern biex jiġu indirizzati ċ-ċirkostanzi straordinarji fis-swieq finanzjarji. Din l-allokazzjoni ta' kapital kienet maħsuba sabiex tipprovdi garanzija adegwata għall-operabilità tal-bank sakemm setgħu jiġu solvuti l-kwistjonijiet relatati mar-rikapitalizzazzjoni finali tiegħu, inkluż id-daqs tal-bilanċ tal-ftuħ tiegħu bbażat fuq il-valutazzjoni tal-kumpens pagabbli lill-bank il-qadim għall-assi ttrasferiti.

##### 3.4.1.2. L-injezzjoni kapitali u ż-żamma ta' sehem ta' 5 % bħala parti mis-saldu mal-kredituri tal-bank il-qadim

(77) Fl-20 ta' Lulju 2009, il-Gvern tal-Islanda u l-Kumitat ta' Riżoluzzjoni ta' Glitnir ikkonkludew ftehim dwar il-kapitalizzazzjoni inizjali ta' Íslandsbanki u l-bażi għall-kumpens pagabbli lill-kredituri ta' Glitnir bi skambju għat-trasferiment ta' assi u depożiti fil-biċċa l-kbira domestiċi minn Glitnir ([39]). Fuq il-bażi ta' dan il-ftehim, l-Istat ikkommetta fl-14 ta' Awwissu 2009 li jipprovdi lil Íslandsbanki b'kapital ta' ekwità addizzjonali ta' ISK 64,2 biljun, biex b'hekk l-ekwità totali tal-bank ammonta għal ISK 65 biljun, li kien meħtieġ sabiex jissodisfa r-rekwiżit tal-FME ta' proporzjon tal-Livell I ta' 12 %. Il-ftehim kien jipprovdi għal żewġ għażliet possibbli fir-rigward tal-ħlas ta' assi netti ttrasferiti u parteċipazzjoni fl-ekwità; jew li Glitnir jieħu l-maġġoranza tal-ishma f'Íslandsbanki u jitħallas għall-assi ttrasferiti b'ishma fil-bank jew, jekk dak dak it-teħid ta' ishma ma jseħħx, il-kapitalizzazzjoni tal-gvern tibqa' fis-seħħ u Íslandsbanki jibqa' proprjetà tal-gvern. Glitnir ingħata żmien sat-30 ta' Settembru 2009 biex jiddeċiedi dwar liema għażla se jagħżel; din id-data sussegwentement ġiet estiża sal-15 ta' Ottubru 2009. Fil-15 ta' Ottubru 2009 ġie mħabbar li l-Kumitat ta' Riżoluzzjoni ta' Glitnir kien iddeċieda, f'isem il-kredituri tiegħu, li jieħu 95 % tal-kapital azzjonarju f'Íslandsbanki bħala kumpens għall-assi li kienu ġew ittrasferiti mill-bank il-qadim għall-ġdid. L-istat żamm il-5 % li kien jifdal.

([39]) Saru emendi minuri għal dan il-ftehim fil-31 ta' Lulju 2009, l-14 ta' Awwissu 2009 u l-4 ta' Settembru 2009, u ġie ffirmat ftehim finali fit-13 ta' Settembru 2009.

(78) Bħala parti mit-transazzjoni ġie miftiehem li l-Kumitat ta' Riżoluzzjoni (kredituri) kien se jħallas lill-istat is-somma ta' ISK 8,3 biljun għall-imgħax totali li akkumula fuq l-investiment tiegħu matul il-perjodu. Dan ammonta għal redditu ta' 12,8 %, li ġie annwalizzat għal 13,9 %, u kkonkluda s-saldu fir-rigward ta' dawk l-assi ttrasferiti minn Glitnir lil Íslandsbanki mal-kollass tal-banek f'Ottubru 2008.

3.4.2. *Kontribut kapitali tal-Livell II*

(79) Fil-15 ta' Ottubru 2009, il-Gvern ipprovda wkoll lill-bank b'self subordinat sabiex isaħħaħ l-ekwità u l-pożizzjoni ta' likwidità tiegħu sabiex jikkonforma mar-rekwiżiti kapitali tal-FME. Is-self subordinat huwa disponibbli f'Euro u jammonta għal ISK 25 biljun ta' kapital tal-Livell II f'forma ta' strument li jipprovdi għal Íslandsbanki biex joħroġ noti subordinati mhux iggarantiti. It-terminu tan-noti huwa ta' għaxar snin sa mit-30 ta' Diċembru 2009. L-istrument għandu inċentivi intrinsiċi għal ħruġ fil-forma ta' żieda fl-imgħax wara ħames snin. Skont il-ftehim, ir-rata tal-imgħax fis-sena għall-ewwel ħames snin hija 400 punt bażiku 'il fuq minn EURIBOR ([40]) u fil-perjodu minn ħames sa għaxar snin wara l-konklużjoni tal-ftehim ir-rata tal-imgħax fis-sena hija 500 punt bażiku 'l fuq minn EURIBOR.

(80) B'rabta mal-miżuri kapitali tal-Livell I deskritti hawn fuq, permezz tal-kontribut kapitali tal-Livell II ġie żgurat li Íslandsbanki kkonforma mar-rekwiżit ta' CAD tal-FME ta' 16 % fil-15 ta' Ottubru 2009.

3.4.3. *Il-garanzija tad-depożiti*

(81) Biex tikkonforma mad-Direttiva 97/9/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' Marzu 1997 dwar skemi ta' kumpens għall-investitur ([41]) u 94/19/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 1994 dwar skemi ta' garanzija għal depożiti ([42]), l-Islanda adottat l-Att Nru 98/1999 dwar skemi ta' garanziji tad-depożiti u kumpens għall-investitur u b'hekk waqqfet l-hekk imsejjaħ Fond ta' Garanzija tad-Depożituri u l-Investituri ("TIF"), li ġie ffinanzjat minn kontribuzzjonijiet annwali mill-banek, ikkalkolati fir-rigward tad-depożiti totali ta' dak il-bank.

(82) Skont l-awtoritajiet Islandiżi, u biex tiġi pprovduta iktar garanzija u serħan il-moħħ lill-pubbliku ġenerali dwar is-sikurezza tad-depożiti tagħhom meta faqqgħet il-kriżi, il-miżuri ta' salvataġġ tal-bank tal-Gvern tal-Islanda tal-ħarifa tal-2008 involvew ukoll appoġġ addizzjonali mill-istat tad-depożiti fil-banek domestiċi kummerċjali u tat-tfaddil, barra l-kamp ta' applikazzjoni tal-Att Nru 98/1999 li jimplimenta d-Direttiva 94/19/KE dwar skemi ta' garanzija għal depożiti u d-Direttiva 97/9/KE dwar skemi ta' kumpens għall-investitur.

(83) Fis-6 ta' Ottubru 2008 l-Uffiċċju tal-Prim Ministru ħabbar li l-"*Gvern tal-Islanda jisħaq li d-depożiti fil-banek domestiċi kummerċjali u tat-tfaddil u l-fergħat tagħhom fl-Islanda se jkunu koperti bis-sħiħ*" ([43]). Din id-dikjarazzjoni ttenniet mill-Uffiċċju tal-Prim Ministru attwali fi Frar u f'Diċembru 2009. ([44]) Barra minn hekk, saret referenza għaliha f'ittra ta' intenzjoni mibgħuta mill-Gvern tal-Islanda lill-Fond Monetarju Internazzjonali (u ppubblikata fuq il-websajt tal-Ministeru tal-Ekonomija u tal-FMI) fis-7 ta' April 2010 (u mtennija f'ittra ta' intenzjoni oħra datata t-13 ta' Settembru 2010). L-ittra (li ġiet iffirmata mill-Prim Ministru tal-Islanda, il-Ministeru tal-Finanzi, il-Ministeru tal-Ekonomija u l-Gvernatur tas-CBI) iddikjarat li "Bħalissa, għadna impenjati li nħarsu d-depożituri bis-sħiħ, iżda malli

([40]) Rata Offruta tal-Euro Interbank.
([41]) ĠU L 84, 26.3.1997, p. 22.
([42]) ĠU L 135, 31.5.1994, p. 5.
([43]) It-traduzzjoni bl-Ingliż tat-tħabbira hija disponibbli minn: http://eng.forsaetisraduneyti.is/news-and-articles/nr/3033.
([44]) http://www.efnahagsraduneyti.is/frettir/frettatilkynningar/nr/2842
http://www.efnahagsraduneyti.is/frettir/frettatilkynningar/nr/3001. Il-Ministru tal-Affarijiet Ekonomiċi rrefera wkoll għal dan, dan l-aħħar, f'intervista ma' Viðskiptablaðið fit-2.12.2010, paġna 8: "*[Id-dikjarazzjoni] sejra tiġi rtirata fiż-żmien dovut. Ma għandniex l-intenzjoni li nżommu garanziji ta' depożiti bla limitu għal żmien indefinit. Il-mistoqsija ta' meta din sejra tiġi rtirata tiddependi, madankollu fuq meta tidħol fis-seħħ sistema ta' depożitar alternattiva u effettiva kif ukoll sistema finanzjarja li tkun solviet għal kollox il-kwistjonijiet tagħha*" (traduzzjoni tal-Awtorità).

tiġi garantita l-istabilità finanzjarja se nippjanaw it-tneħħija gradwali ta' din il-garanzija kategorika." ([45])Barra minn hekk, fit-taqsima tal-liġi għall-Att tal-Baġit tal-2011 dwar il-garanziji tal-istat, f'nota f'qiegħ il-paġna ssir referenza għad-dikjarazzjoni tal-Gvern tal-Islanda li d-depożiti fil-banek tal-Islanda jgawdu minn garanzija tal-istat. ([46])

(84) Dikjarazzjoni riċenti tal-Ministru tal-Ekonomija u l-eks-Ministru tal-Finanzi (2009-2011), Steingrímur Sigfússon f'dibattitu fil-Parlament tal-Islanda dwar il-kost tal-gvern relatat mal-akkwiżizzjoni minn Landsbankinn ta' SpKef, tikkonferma dan li ntqal hawn fuq. Skont il-Ministru, dwar din il-kwistjoni wieħed irid jiftakar id-dikjarazzjoni tal-Istat fil-ħarifa tal-2008 li d-depożiti kollha fil-banek tat-tfaddil u l-banek kummerċjali huma sikuri u protetti. "Il-ħidma kollha li saret sa issa ġiet ibbażata fuqha (jiġifieri d-dikjarazzjoni) u sfortunatament huwa minnu li dawn (jiġifieri l-ħlasijiet dovuti lil SpKef) se jkunu fost l-ikbar nefqiet iffinanzjati direttament mill-istat bħala spejjeż għall-garanzija tad-depożiti tal-abitanti kollha ta' Suðurnes … u l-klijenti kollha ta' SpKef fil-Fjords tal-Punent u ż-żoni tal-Punent u l-Majjistral … Ma nimmaġinax li hemm xi ħadd li stenna li d-detenturi ta' depożiti f'dawk iż-żoni jiġu ttrattati b'xi mod differenti mill-abitanti l-oħrajn, u allura l-istat ma tantx seta' jagħmel mod ieħor f'dan ir-rigward". ([47])

(85) Skont il-Gvern tal-Islanda, il-garanzija addizzjonali tad-depożiti se titneħħa qabel ma jitneħħew bis-sħiħ il-kontrolli fuq il-kapital, li skont l-awtoritajiet tal-Islanda bħalissa hija ppjanata li sseħħ fi tmiem l-2013.

3.4.4. *Faċilità ta' Likwidità Speċjali*

(86) Barra minn hekk, bħala kundizzjoni biex il-kredituri jieħdu ekwità fil-bank il-ġdid, il-Gvern Islandiż ikkonkluda ftehim ieħor ma' Íslandsbanki fil-11 ta' Settembru 2009 li kellu jidħol fis-seħħ jekk kieku l-Kumitat ta' Riżoluzzjoni ta' Glitnir iddeċieda li jeżerċita l-għażla tiegħu li jsir is-sid maġġoritarju tal-bank ([48]). Skont il-ftehim, il-Ministru tal-Finanzi jikkommetti ruħu li jsellef bonds tal-gvern li jistgħu jiġu akkwistati mill-ġdid bi skambju għal assi ddefiniti b'mod speċifiku fuq termini u kundizzjonijiet speċifikati fil-ftehim sa valur ta' ISK 25 biljun.

(87) It-termini ewlenin tal-ftehim biex tiġi pprovduta likwidità huma skont kif ġej:

| | |
|---|---|
| Ammont massimu tas-self: | ISK 25 biljun |
| Terminu: | Sa Settembru 2012 |
| Remunerazzjoni: | 3,0 % fuq l-ewwel ISK 8 biljun; 3,5 % fuq tit-tieni ISK 8 biljun; 4,0 % għal ammonti 'il fuq minn ISK 16-il biljun |
| Ħlas: | Íslandsbanki huwa meħtieġ iħallas 0,5 % tal-ammont tas-self kull meta jiġu pprovduti titoli ġodda |
| Kontrogaranzija: | Íslandsbanki huwa meħtieġ jipprovdi kontrogaranzija għas-self tat-titoli tat-Teżor, li jistgħu jkunu assi finanzjarji f'diversi forom. |

([45]) Il-paragrafu rilevanti jista' jinstab fit-Taqsima 16 (paġna 6) tal-ittra: http://www.efnahagsraduneyti.is/media/Acrobat/Letter_of_Intent_2nd_review_-_o.pdf
([46]) http://hamar.stjr.is/Fjarlagavefur-Hluti-II/GreinargerdirogRaedur/Fjarlagafrumvarp/2011/Seinni_hluti/Kafli_8.htm [Mbl 10.6.2012].
([47]) Traduzzjoni mhux uffiċjali mill-Awtorità ta' dikjarazzjoni rrapportata f'Morgunblaðið (www.mbl.is) fl-10 ta' Ġunju 2012.
([48]) Ġie ffirmat ukoll addendum fit-13.1.2010 u ġie konkluż ftehim ġdid fid-19.7.2010 b'risposta għal ċerti rimarki sottomessi mill-FME.

(88) Skont l-awtoritajiet Islandiżi, din il-faċilità ta' likwidità hija meħtieġa minħabba li d-deċiżjoni tal-kredituri li jieħdu l-ishma ta' Íslandsbanki naqqset b'mod sinifikanti l-assi tal-bank li jistgħu jiġu akkwistati mill-ġdid u heddet il-kapaċità tiegħu li jikkonforma mar-rekwiżiti superviżorji fir-rigward ta' riżervi ta' likwidità. ([49]) Skont l-awtoritajiet Islandiżi l-faċilità hija maħsuba bħala miżura addizzjonali li għandha tintuża biss meta sorsi oħrajn ta' likwidità ma jkunux suffiċjenti. L-ipprezzar u t-termini tal-faċilità jinkludu inċentivi sabiex ma jiġi skoraġġit l-użu tagħha jekk ikunu disponibbli għażliet oħrajn. Sa issa, il-faċilità qatt ma ntużat.

3.4.5. *Ftehim ta' self ta' titoli ta' Straumur*

(89) Fid-9 ta' Marzu 2009, l-FME, li kienet qed taġixxi taħt l-awtorità mogħtija lilha mill-Att ta' Emerġenza, assumiet il-poteri tal-azzjonisti ta' Straumur–Burdaras Investment Bank hf. ("Straumur") u ħatret Kumitat ta' Riżoluzzjoni biex jissostitwixxi l-Bord tad-Diretturi tiegħu ([50]). Wara konsultazzjoni mal-Kumitat ta' Riżoluzzjoni, il-kredituri, is-CBI u l-Ministeru tal-Finanzi, fis-17 ta' Marzu 2009, l-FME ttrasferixxiet l-obbligazzjonijiet għad-depożiti ta' Straumur lil Íslandsbanki ([51]). Bħala ħlas lura talli assuma l-obbligazzjonijiet ta' depożitu, Straumur ħareġ bond ikkollaterizzat kontra l-assi tiegħu. Il-bond inħareġ fit-3 ta' April 2009 għall-ammont ta' ISK 43 679 014 232 għal terminu sal-31 ta' Marzu 2013. Il-bond jagħti imgħax fuq l-ammont ta' REIBOR ([52]) b'żieda ta' 190 punt bażiku fl-ewwel 12-il xahar qabad ma jonqos għal REIBOR b'żieda ta' 100 punt bażiku minn hemm 'il quddiem sal-maturità. Simultanjament, Íslandsbanki u l-Ministeru tal-Finanzi daħlu fi ftehim ta' self ta' titoli, li fih il-gvern effettivament iwiegħed noti tal-gvern li jistgħu jiġu akkwistati mill-ġdid bħala garanzija għall-pretensjoni ta' Straumur, u bħala kumpens għal dan Íslandsbanki jista' jikseb likwidità mis-CBI safejn dik il-likwidità tkun meħtieġa bħala riżultat talli Íslandsbanki assuma r-responsabbiltà għad-depożiti ta' Straumur.

(90) Fil-ftehim Íslandsbanki huwa impenjat li jirritorna lill-istat l-ammont ta' bonds tal-gvern ekwivalenti għall-ħlasijiet li l-bank jirċievi taħt il-bond maħruġ minn Straumur. Il-partijiet qablu wkoll li f'każ li Íslandsbanki ma jirċevix ħlas sħiħ taħt il-bond, u f'każ li l-istat ma jkunx ħallas id-dejn li jifdal, Íslandsbanki jżomm il-bonds tal-gvern pendenti. Essenzjalment, għalhekk, Íslandsbanki assuma r-responsabbiltajiet ta' Straumur għad-depożiti u rċieva ammont korrispondenti ta' assi ggarantiti mill-gvern bħala kumpens.

(91) Kif indikat hawn fuq, il-bond ta' Straumur kellu jimmatura fil-31 ta' Marzu 2013. Madankollu, fl-istess ħin il-bond tħallas bis-sħiħ, mingħajr ma kien meħtieġ intervent mill-Istat Islandiż.

3.4.6. *Il-kapitalizzazzjoni u l-akkwist ta' Byr, u l-faċilità ta' self subordinat mogħtija lil Byr*

(92) Kif deskritt fid-dettall fid-Deċiżjoni Nru 126/11/COL tat-13 ta' April 2011 ("id-Deċiżjoni Byr") il-Gvern Islandiż ta għajnuna mill-Istat fil-forma ta' kapital u faċilità ta' self subordinat għall-istabbiliment ta' Byr, li kompla l-operazzjonijiet tal-predeċessur tiegħu, il-bank tat-tfaddil Byr ("Byr il-qadim"). F'dan il-proċess il-kredituri ta' Byr il-qadim saru l-azzjonisti ta' Byr (il-ġdid), flimkien mal-Istat Islandiż li pprovda kapital għall-istabbiliment tal-kumpanija l-ġdida.

(93) Meta d-Deċiżjoni Byr ġiet adottata fit-13 ta' April 2011, il-kontijiet annwali għas-sena 2010 kienu għadhom mhux disponibbli. Madankollu, f'dak il-punt il-maniġment ta' Byr kien kunfidenti li l-miżuri ta' salvataġġ li kienu approvati temporanjament mill-Awtorità fid-Deċiżjoni Byr kienu se jkunu biżżejjed biex jiġu żgurati l-operazzjonijiet tal-bank ta' mill-inqas sakemm ikun jista' jiġi ppreżentat pjan ta' ristrutturar lill-Awtorità li jistabbilixxi vijabbiltà fit-tul. Matul il-proċess tal-awditjar tal-kontijiet tal-bank fl-ewwel nofs tal-2011, sar ċar li tnižżil fil-valur ulterjuri tal-assi ta' Byr kien meħtieġ, u dan min-naħa naqqas il-proporzjon CAD tal-bank.

([49]) Kif imsemmi hawn fuq, waħda mill-kundizzjonijiet tal-FME kienet teħtieġ li assi li jikkonsistu fi flus kontanti jew simili għandhom jammontaw għal 5 % ta' depożiti fuq talba u l-banek għandhom ikunu kapaċi jifilħu għal ħruġ ta' depożiti instantanju ta' 20 %.
([50]) Id-deċiżjoni hija disponibbli bl-Ingliż fuq: http://fme.is/lisalib/getfile.aspx?itemid=6055
([51]) Id-deċiżjoni hija disponibbli bl-Ingliż fuq: http://fme.is/lisalib/getfile.aspx?itemid=6077
([52]) REIBOR tfisser ir-Rata Interbankarja Offruta ta' Reykjavik, li tirrappreżenta r-rata tas-suq interbankarju għal self fuq perjodu ta' żmien qasir fil-banek kummerċjali u ta' tfaddil Islandiżi. L-approċċ huwa simili għal kif bosta pajjiżi jużaw LIBOR bħala r-rata bażi għal self b'rata varjabbli, iżda l-banek Islandiżi jużaw REIBOR (u primjum) bħala l-bażi sabiex jipprovdu self b'rata ta' imgħax varjabbli fil-munita Islandiża, l-krona.

(94) Kif deskritt fid-dettall fid-Deċiżjoni Nru 325/11/COL tad-19 ta' Ottubru 2011 ("it-tieni Deċiżjoni Byr"), l-iskarsezza riżultanti ta' kapital ma setgħetx tiġi rrimedjata, u Byr tpoġġa għall-bejgħ. L-akkwist sussegwenti, b'mod partikolari l-użu potenzjali ta' għajnuna mill-istat għal dan l-iskop minn Íslandsbanki, ġie approvat mill-Awtorità fit-tieni Deċiżjoni Byr, mingħajr preġudizzju għall-proċedura ta' investigazzjoni formali tal-Awtorità dwar jekk l-għajnuna mogħtija lil Íslandsbanki kinitx kumpatibbli mal-Ftehim ŻEE, li hija evalwata fid-deċiżjoni inkwistjoni.

(95) Barra minn hekk, l-Awtorità kkunsidrat li d-disponibbiltà kontinwa tal-faċilità ta' self subordinat għall-perjodu *interim* sakemm tkun tista' ssir il-fużjoni formali bejn Byr u Íslandsbanki, jiġifieri sakemm Byr kienet entità legali separata skont il-liġi nazzjonali, hija kumpatibbli mal-funzjonament tal-Ftehim ŻEE. Skont l-awtoritajiet Islandiżi, la Byr u lanqas Íslandsbanki qatt ma ġibdu mill-faċilità ta' self subordinat.

(96) L-Awtorità indikat li l-eżitu tal-valutazzjoni finali ta' dawn il-miżuri kien jiddependi fuq l-informazzjoni fil-pjan ta' ristrutturar għall-entità li rriżultat mill-fużjoni bejn Íslandsbanki u Byr li l-Gvern Islandiż kien impenja ruħu li jippreżenta sa mhux aktar tard minn tliet xhur wara l-eżekuzzjoni tat-transazzjoni prevista. Tabilħaqq, kif deskritt hawn fuq, pjan ta' ristrutturar għall-entità li rriżultat mill-fużjoni ġie ppreżentat fil-ħin, li l-Awtorità se tevalwa hawn isfel.

Il-pjan ta' ristrutturar

(97) L-awtoritajiet Islandiżi ssottomettew pjan ta' ristrutturar għal Íslandsbanki fil-31 ta' Marzu 2011. Wara l-akkwist ta' Byr, il-pjan ġie emendat, aġġornat u ppreżentat mill-ġdid mill-awtoritajiet Islandiżi fit-22 ta' Frar 2012 (iktar 'il quddiem il-"pjan ta' ristrutturar"). Il-pjan ta' ristrutturar ġie ssupplimentat bi pjan ta' negozju ta' ħames snin datat 14 ta' Jannar 2012 ([53]) u rapport tal-Proċess ta' Evalwazzjoni ta' Kapital tal-Adegwatezza Interna (Internal Capital Adequacy Assessment Process – ICAAP) (ippreżentat lill-FME fl-1 ta' April 2012).

(98) Il-pjan ta' ristrutturar, flimkien mal-pjan ta' negozju ta' ħames snin, jindirizza l-kwistjonijiet sostantivi ta' vijabbiltà, qsim tal-piż u limitazzjoni tad-distorsjoni tal-kompetizzjoni. Skont il-pjan ta' ristrutturar, Íslandsbanki se jiffoka fuq in-negozju prinċipali tiegħu u r-ristrutturar tal-portafolji ta' self domestiċi u korporattivi.

(99) Barra minn hekk, l-awtoritajiet Islandiżi ssottomettew rapport tal-ICAAP għall-2012 biex juru l-kapaċità ta' Íslandsbanki li jiflaħ għall-istress.

(100) Kif indikat hawn fuq, l-Awtorità tikkunsidra li l-perjodu ta' ristrutturar idum sal-15 ta' Ottubru 2014.

3.4.7. *Deskrizzjoni tal-pjan ta' ristrutturar*

(101) L-awtoritajiet Islandiżi u l-Bank jikkunsidraw li r-ristrutturar ta' Íslandsbanki se jiżgura li dan jerġa' jsir bank sod u ffinanzjat sew bi proporzjonijiet ta' kapital sodi sabiex ikun jista' jżomm l-irwol tiegħu bħala fornitur ta' kreditu lill-ekonomija reali. Huma jissottomettu li dan se jinkiseb permezz tal-passi li ġejjin:

(i) Tnaqqis fl-ingranaġġ tal-karta tal-bilanċ billi jiġi stralċat il-bank il-qadim u jinħoloq bank ġdid;

(ii) Tiġi stabbilita u miżmuma pożizzjoni b'saħħitha tal-proporzjon ta' kapital

(iii) Tinkiseb profitabbiltà sodisfaċenti

(iv) Tiġi stabbilita u miżmuma pożizzjoni ta' likwidità b'saħħitha

(v) Jiġi ristrutturat il-portafoll tas-self, kemm għall-unitajiet domestiċi kif ukoll għan-negozji

([53]) Il-pjan kummerċjali għal 5 snin ġie ssupplimentat ukoll bi preżentazzjoni tat-tibdiliet ewlenin fil-Pjan Kummerċjali għal 5 snin, imħejji għal-Laqgħa tal-Bord tas-27 ta' Marzu 2012, u rifless fir-rapport tal-ICAAP.

(vi) Titjieb l-istrateġija tal-finanzjament

(vii) Tinkiseb kostefficjenza

(viii) Titjieb il-governanza korporattiva

(102) Qabel ma jiġu deskritti kull wieħed mill-punti ta' hawn fuq f'aktar dettall, se tiġi spjegata hawn isfel il-perspettiva tal-bank dwar kif qegħdin jiġu indirizzati d-dgħjufijiet li kkontribwew għall-kollass ta' Glitnir. Huwa enfasizzat li għalkemm Íslandsbanki huwa bbażat fuq l-operazzjonijiet domestiċi ta' Glitnir, dan huwa bank differenti. Huwa sottomess ukoll li saru bidliet materjali sabiex jiġu indirizzati dgħjufijiet li huma maħsuba li kkontribwew għall-kollass tal-predeċessur tiegħu. Fost l-aktar bidliet importanti nsibu emendi għar-regoli dwar self bejn partijiet relatati, it-tneħħija tas-self b'ishma bħala garanziji u self f'muniti barranin [54] lil klijenti li d-dħul tagħhom mhuwiex f'muniti barranin kif ukoll dixxiplina aktar stretta fuq l-approvazzjonijiet ta' self. Waqt li Íslandsbanki bl-istess mod bħal Glitnir beħsiebu jipprovdi firxa wiesgħa ta' servizzi finanzjarji fis-suq Islandiż, id-differenza bejn is-servizzi bankarji ta' qabel u wara l-krizi għal Íslandsbanki hija aktar viżibbli fil-mod "kif" il-bank jagħmel negozju (proċessi, proċeduri, dokumentazzjoni, regoli u regolazzjoni) aktar milli "liema" servizz u firxa ta' prodotti huwa joffri. Il-fehmiet ta' Íslandsbanki fuq din il-kwistjoni huma miġbura fil-qosor fil-graff 2 hawn isfel:

*Graff 2*

**Dgħjufijiet fil-passat u l-bidliet li jindirizzaw dawn id-dgħjufijiet**




(103) Il-pjan ta' ristrutturar, kif ukoll il-pjan ta' negozju ta' 5 snin, huwa bbażat fuq ġabra ta' preżunzjonijiet ġenerali u ekonomiċi. [55] Dawn il-preżunzjonijiet jikkostitwixxu s-sisien ekonomiċi tax-xenarju bażiku, kif imsemmi hawn isfel.

(104) Il-preżunzjonijiet ġenerali jinkludu li:

— ir-ristrutturar se jitlesta sa tmiem is-sena […] fis-Servizzi Bankarji Korporattivi u […] fis-Servizzi Bankarji bl-Imnut. L-aġġustament tal-imgħax fuq self b'ipoteki se jitlesta fi tmiem is-sena […]. L-amortizzament tal-iskont, li huwa deskritt f'aktar dettall iktar 'il quddiem, fuq il-portafoll akkwistat mingħand Glitnir se jiġi ddistribwit kif meħtieġ;

[54] Self FX ifisser self f'muniti barranin. Self f'munita barranija ggarantit u normalment għandu x'jaqsam ma' self denominat f'munita differenti minn dik tal-pajjiż fejn ikun jgħix min jissellef.

[55] Il-preżunzjonijiet ekonomiċi li fuqhom huma bbażati l-projezzjonijiet huma mħejjija mid-Dipartiment ta' Riċerka tal-Bank. Il-preżunzjonijiet ġenerali ġew ikkumpilati mil-kapijiet tad-dipartimenti rilevanti u impjegati ta' livell għoli u approvati mill-Bord Amministrattiv Eżekuttiv tal-Bank.

— il-bank se jkollu ISK […] biljun ta' qligħ addizzjonali fuq […];

— il-kontrolli kapitali se jitneħħew fi stadji

— mhu se jkun kemm ebda limitu fuq finanzjament ibbażat fuq self f'ISK. Mhuwiex preżunt li l-finanzjament ibbażat fuq self f'muniti barranin se jaqbeż il-ħlasijiet lura ta' selfiet preżentament pendenti ddenominati f'muniti barranin fl-2012; huwa preżunt li l-aċċess għal finanzjament f'muniti barranin se jsir disponibbli aktar faċilment mill-2012 u iktar 'il quddiem.

(105) Barra minn hekk, il-Bord tad-Diretturi ta' Íslandsbanki ppropona numru ta' miri finanzjarji:

— Redditu duq l-Ekwità (Return on Equity – ROE): Rata ħielsa mir-riskju + […] %. Ir-rata ħielsa mir-riskju titqies li hija r-rata tal-kont kurrenti tal-Bank Ċentrali (3,75 % f'Diċembru 2011). Il-mira tassumi proporzjon tal-Grad 1 ta' […] %

— Proporzjon Kapitali CAD: […] % […]

— Proporzjon tal-Grad 1: […] % […]

(106) Il-preżunzjonijiet makro-ekonomiċi jinkludu

— It-tkabbir ekonomiku se jkompli fl-2012 u lil hinn iżda b'rata aktar bil-mod milli antiċipat qabel. L-unitajiet domestiċi se jkunu f'pożizzjoni ekonomika aħjar hekk kif il-kapaċità tal-akkwist tiżdied bit-tnaqqis fil-qgħad.

— L-inflazzjoni se tibqa' kemxejn 'il fuq mil-mira tas-CBI, jiġifieri kemxejn taħt it-3 % mill-2013 'il quddiem. Dawn huwa bbażat fuq rata ta' kambju stabbli tal-ISK (b'tisħiħ modest fil-bidu tal-perjodu) u suq tax-xogħol bilanċjat b'żidiet moderati fil-pagi u żidiet gradwali fil-prezzijiet tad-djar.

| Bidla bejn il-medja tas-snin (%) | 2012 | 2013 | 2014 | 2015 | 2016 |
|---|---|---|---|---|---|
| Tkabbir tal-PDG | 2,2 | 2,1 | 3,4 | 2,3 | 3,0 |
| Qgħad | 6,6 | 6,0 | 5,4 | 5,0 | 4,4 |
| Inflazzjoni | 4,4 | 2,9 | 2,8 | 2,7 | 2,6 |
| Pagi | 6,7 | 4,7 | 4,8 | 5,0 | 4,8 |

Ir-rati tal-imgħax fuq medda ta' żmien qasir se jibqgħu l-istess b'rata ta' madwar 5 % ([56]) fl-2012 iżda se jogħlew bil-mod hekk kif l-ekonomija tirkupra.

— Waqt li l-kundizzjonijiet fis-suq tax-xogħol se jitjiebu, il-qgħad se jibqa' pjuttost ogħla milli kien qabel il-kriżi finanzjarja. Iż-żieda fil-pagi se tirpilja hekk kif tonqos ir-rata tal-qgħad.

— Finalment, wieħed jassumi li l-ISK se tkompli tkun il-munita tal-Islanda matul il-perjodu ta' ristrutturar. Il-kontrolli tal-muniti se jitneħħew fi stadji mill-2012 'il quddiem. Xi restrizzjonijiet fuq il-flussi ta' kapital se jibqgħu matul id-deċennju.

(i) Tnaqqis tal-ingranaġġ tal-karta tal-bilanċ permezz tal-istralċ tal-bank il-qadim u l-istabbiliment ta' bank ġdid;

(107) Kif imsemmi hawn fuq, il-biċċa l-kbira tal-assi domestiċi ta' Glitnir ġew ittrasferiti lil Íslandsbanki matul Ottubru 2008. B'riżultat ta' dan il-proċess, il-biċċa l-kbira tad-dejn bl-ingrossa baqa' fil-patrimonju ta' Glitnir, u b'hekk Íslandsbanki qatt ma kien ingranat bl-istess mod kif kien Glitnir. Skont il-pjan ta' ristrutturar, dan ifisser li l-kwistjoni ta' tnaqqis tal-ingranaġġ tal-karta tal-bilanċ tal-bank essenzjalment diġà kienet ġiet solvuta f'Ottubru 2008.

([56]) Sa mis-16.5.2012, ir-rata tas-self kollaterizzat ta' sebat ijiem tas-CBI kienet ta' 5,5 %.

(ii) L-istabbiliment u ż-żamma ta' pożizzjoni b'saħħitha tal-proporzjon ta' kapital

(108) B'riżultat tal-miżuri ta' kapitalizzazzjoni deskritti hawn fuq, u l-iżviluppi sa minn meta ġie stabbilit il-bank, b'mod partikolari l-evalwazzjoni mill-ġdid tal-assi (li dwarha nelaboraw aktar 'il quddiem), Íslandsbanki kellha proporzjonijiet kapitali ferm ogħla mir-rekwiżiti kapitali tal-FME, kif indikat hawn isfel fit-Tabella 2:

*Tabella 2*

**Proporzjonijiet ta' kapital matul l-2008-2011, ammonti f'miljuni ta' ISK**

| | 31.12.2008 | 31.12.2009 | 31.12.2010 | 31.12.2011 (*) |
|---|---|---|---|---|
| Kapital tal-Grad 1 | 68 030 | 91 996 | 120 993 | 120 530 |
| Kapital tal-Livell 2 | — | 24 843 | 21 251 | 21 937 |
| Kapital totali | 68 030 | 116 839 | 142 244 | 142 234 |
| Assi ppeżati skont ir-Riskju (Risk-Weighted Assets — RWA) | 656 713 | 589 819 | 534 431 | 629 419 |
| Proporzjon tal-Grad 1 | 10,4 % | 15,6 % | 22,6 % | 19,1 % |
| Proporzjon CAD | 10,4 % | 19,8 % | 26,6 % | 22,6 % |

(*) Fil-ħin meta ġie ppreżentat il-pjan ta' ristrutturar, ir-rapportaġġ finanzjarju għall-2011 ma kienx tlesta, u d-dejta mit-30.9.2011 intużat fil-pjan finali ta' ristrutturar. Wara l-pubblikazzjoni tad-dikjarazzjoni finanzjarja ta' Íslandsbanki għall-2011, l-Awtorità aġġornat iċ-ċifri.

(109) Barra minn hekk, skont ir-rapport tal-ICAAP ippreżentat mal-pjan ta' ristrutturar, Íslandsbanki jbassar il-proporzjonijiet ta' kapital li ġejjin għall-perjodu bejn l-2012 sal-2016, kif indikat hawn taħt fit-Tabella 3:

*Tabella 3*

**Proporzjonijiet ta' kapital imbassra għall-2012-2016 u RWA, ammonti f'biljuni ta' ISK**

| | 2012 | 2013 | 2014 | 2015 | 2016 |
|---|---|---|---|---|---|
| Assi ppeżati skont ir-Riskju (Risk-Weighted Assets — RWA) | (…) | (…) | (…) | (…) | (…) |
| Proporzjon tal-Grad 1 | [20-25] % | [15-20] % | [10-20] % | [10-15] % | [10-15] % |
| Proporzjon CAD | [20-30] % | [15-25] % | [15-20] % | [10-20] % | [10-15] % |

(110) Skont dawn il-figuri, Íslandsbanki jantiċipa li jibqa' sew 'il fuq mir-rekwiżiti kapitali tal-FME matul il-perjodu ta' ristrutturar u lil hinn. […]

(iii) Kisba ta' profitabbiltà sodisfaċenti

(111) Skont il-pjan ta' ristrutturar, u kif muri 'l isfel fit-tabella 4, ir-redditu fuq l-ekwità ta' Íslandsbanki kien b'saħħtu sa minn meta ġie stabbilit il-bank fl-2008 (bl-eċċezzjoni tal-2011) ([57]).

([57]) Ir-raġuni mogħtija għat-tnaqqis fl-ROE fl-2011 kienet is-sentenza tal-Qorti Suprema dwar is-self f'muniti barranin tal-15.2.2012 u r-rinunzja tal-avvjament wara l-fużjoni ma' Byr.

*Tabella 4*

**Redditu fuq l-Ekwità (Return on Equity — ROE) fil-passat**

*(%)*

| | 2008 | 2009 | 2010 | 2011 |
|---|---|---|---|---|
| ROE | 17,2 | 30,0 | 28,5 | 1,5 |

Barra minn hekk, il-pjan ta' ristrutturar jipprevedi r-redditu li ġej fuq il-kapital matul ir-ristrutturar u lil hinn (Tabella 5).

*Tabella 5*

**Tbassir tar-Redditu fuq l-Ekwità (Return on Equity — ROE)**

*(%)*

| | 2012 | 2013 | 2014 | 2015 | 2016 |
|---|---|---|---|---|---|
| ROE | [5-15] | [10-20] | [5-15] | [5-15] | [5-15] |

(112) Dan it-tbassir huwa r-riżultat tal-ippjanar finanzjarju aktar dettaljat fil-pjan ta' ristrutturar, li l-aktar aspetti rilevanti tiegħu huma dawn li ġejjin:

— Profitt mis-segmenti tan-negozju l-aktar importanti huwa mistenni li […]; dan huwa dovut l-aktar għal żieda fl-ispiża tal-finanzjament u n-nuqqas ta' "dħul minn skont" mill-2014 'il quddiem.

— Il-profitti fis-segment tan-negozju tas-swieq huma mistennija li jiżdiedu minn […] għal […] ISK sal-2016, b'mod predominanti minħabba d-dħul akbar minn ħlasijiet u kummissjonijiet.

— Il-marġni nett mill-imgħax huwa mistenni li […] fl-2014 u mbagħad huwa mistenni li jibqa' stabbli.

— In-numru ta' impjegati huma mistenni li jonqos b' […]

— Il-proporzjon tal-ispiża/dħul huwa mistenni li jonqos minn 75 % fl-2011 għal […] % fl-2014.

(113) Skont l-awtoritajiet Islandiżi, il-prestazzjoni ferm soda ta' Íslandsbanki sa minn meta ġie stabbilit hija dovuta sa ċertu punt għall-fatt li l-portafoll tas-self kien akkwistat mill-bank mingħand Glitnir bi skont kbir ([58]). L-iskont kien u se jibqa' Parti Importanti tad-dħul tal-Bank waqt li l-portafoll tas-self qiegħed jiġi ristrutturat. Madankollu, skont it-tbassir, l-iskont se jkun ġie amortizzat kollu meta jitlesta r-ristrutturar.

(114) Sabiex jissostanzjaw din il-fehma, l-awtoritajiet Islandiżi ppreżentaw kalkolu (Tabella 6) li tindika x'kienu se jkunu r-riżultati annwali mingħajr l-iskont u "oġġetti rregolari" oħrajn, bħar-rinunzja għall-avvjament li tirriżulta mit-transazzjoni ta' Byr.

*Tabella 6*

**Profitti netti minn oġġetti rregolari**

*ISK m*

| | Profitt għas-sena | "Oġġetti irregolari" | Profitt nett minn "oġġetti irregolari" |
|---|---|---|---|
| 2008 | 2 366 | – 1 543 | 14 909 |
| 2009 | 23 982 | 801 | 23 181 |

([58]) L-"iskont profond" kellu żewġ aspetti, skont l-awtoritajiet Islandiżi, u kien jikkonsisti f'indeboliment u fi skont. L-indeboliment jirrifletti d-differenza fil-valur tat-talba u l-irkupru stmat tal-assi tas-self. Barra minn hekk, il-portafoll ta' self stmat ma kienx ivvalutat bir-rati tas-suq u l-iskont jirrifletti d-differenza fir-rati tal-imgħax kuntrattwali u r-rati tas-suq.

*ISK m*

| | Profitt għas-sena | "Oġġetti irregolari" | Profitt nett minn "oġġetti irregolari" |
|---|---|---|---|
| 2010 | 29 369 | 14 507 | 14 862 |
| 2011 | 9 613 | – 11 074 | 20 687 |
| 2012 | (…) | (…) | (…) |
| 2013 | (…) | (…) | (…) |
| 2014 | (…) | — | (…) |
| 2015 | (…) | — | (…) |
| 2016 | (…) | — | (…) |

(115) Skont din id-dejta, il-bank xorta waħda kien se jagħmel, u matul il-perjodu ta' ristrutturar se jagħmel, profitti anki fin-nuqqas tal-iskont. ([59]) Mhuwiex ċar, madankollu, jekk iż-żewġ aspetti tal-"iskont profond" imsemmija hawn fuq humiex riflessi f'dawn il-figuri.

(iv) Stabbiliment u żamma ta' pożizzjoni ta' likwidità b'saħħitha

(116) Dwar il-likwidità, l-FME teħtieġ li l-flus kontanti jew assi simili għall-flus kontanti għandhom jammontaw għal 5 % tad-depożiti meta mitluba u l-banek għandhom ikunu jifilħu għal 20 % ta' ħruġ instantanju ta' depożiti. Barra minn hekk, il-Bank Ċentrali tal-Islanda jistabbilixxi r-regoli fuq il-likwidità tal-istituzzjonijiet ta' kreditu ([60]) li skont dawn jiġu klassifikati l-assi likwidi u l-obbligazzjonijiet tal-istituzzjonijiet ta' kreditu skont it-tip u l-maturità u l-piżijiet assenjati skont ir-riskju. L-istituzzjonijiet ta' kreditu jrid ikollhom assi likwidi li jaqbżu l-obbligazzjonijiet tat-tliet xhur li jmiss. Ir-regoli jinvolvu wkoll test tal-istress li fih skont jiġi applikat fuq bosta partiti tal-ekwità, iżda fejn, min-naħa, jiġi supponut li l-obbligi kollha jridu jitħallsu mal-maturità, u min-naħa l-oħra, li l-porzjonijiet ta' obbligi oħrajn, bħal depożiti, iridu jitħallsu b'avviż li jingħata bi ftit żmien minn qabel jew ebda żmien affattu.

(117) Kif juru l-Figuri A u B, Íslandsbanki żamm riżervi ta' likwidità fir-rekwiżiti superviżorji fl-2009, l-2010 u l-2011.

*Figuri A u B*

**Il-konformità ta' Íslandsbanki ma' rekwiżiti ta' likwidità superviżorji**

| Central Bank liquidity ratios if government liquidity facility is excluded | | | |
|---|---|---|---|
| Requirement to be above 100 % for 0-1 and 0-3 months | | | |
| | 31.12.2009 | 31.12.2010 | 31.12.2011 |
| ON - 1 m | 2,34 | 2,73 | 1,32 |
| 0-3 m | 2,41 | 2,73 | 1,31 |
| A change in classification results in a significant drop in the ratios between year-end 2010 and 2011 | | | |

| FME liquidity ratios if government liquidity facility is excluded | | | |
|---|---|---|---|
| Requirement to be above 20 % in liquid assets ratio and above 5 % in the cash ratio | | | |
| | 31.12.2009 | 31.12.2010 | 31.12.2011 |
| Liquid assets ratio | N/A | 33 % | 31 % |
| Cash ratio | N/A | 17 % | 12 % |
| Not implemented until after year-end 2009 | | | |

([59]) Ir-rapport tal-ISFI għall-2011 (dwar l-operazjzonijiet tal-bank fl-2010) jasal għal konklużjoni simili; il-"profitabbiltà fundamentali" ta' Íslandsbanki hija saħansitra ogħla skont dan ir-rapport. Ara http://www.bankasysla.is/files/SkyrslaBR_2011_net_746171431.pdf

([60]) Ara r-Regoli tas-CBI dwar il-Proporzjonijiet tal-Likwidità Nru. 317 tal-25 ta' April 2006, disponibbli fuq http://www.sedlabanki.is/lisalib/getfile.aspx?itemid=4713

(118) Kif turi l-figura C hawn isfel, Íslandsbanki kellu titjib fil-proporzjonijiet tal-likwidità għal obbligazzjonijiet li jimmaturaw fit-3 xhur sa 6 xhur li jmiss fl-2010 u l-2011, waqt li l-indikatur ta' 12-il xahar huwa aktar staġnat.

(…)

**[Graff li turi l-proporzjonijiet ta' likwidità ta' Íslandsbanki**

Valuri mhux żvelati għal raġunijiet ta' segretezza professjonali]

*Figura C*

**Proporzjonijiet ta' likwidità storiċi:**

— Il-proporzjon ta' likwidità A juri l-kopertura ta' obbligazzjonijiet li jimmaturaw fit-tliet xhur li ġejjin

— Il-proporzjon ta' likwidità B juri l-kopertura ta' obbligazzjonijiet li jimmaturaw fis-sitt xhur li ġejjin

— Il-proporzjon ta' likwidità C juri l-kopertura ta' obbligazzjonijiet li jimmaturaw fit-12-il xahar li ġejjin

(119) L-iżvilupp mistenni tal-pożizzjoni ta' likwidità ta' Íslandsbanki, b'mod partikolari f'każ ta' avveniment li joħloq stress, huwa diskuss aktar 'l isfel.

(v) Tlestija tar-ristrutturar tal-portafoll ta' self, kemm għal unitajiet domestiċi privati kif ukoll għan-negozji.

(120) Qabel il-kriżijiet finanzjarji fl-2008, kemm il-klijenti privati tal-bank kif ukoll dawk kummerċjali assumew livell għoli ta' dejn. Meta l-ekonomija u, b'mod partikolari, il-prezzijiet tal-proprjetà immobbli waqgħu minħabba l-kriżi, il-klijenti li f'daqqa waħda kellhom livell ta' ingranaġġ eċċessiv spiss ma setgħux ikomplu jħallsu l-pagamenti fuq id-djun tagħhom, u b'hekk kellhom ekwità negattiva. Minbarra t-theddida ġenerali għall-benesseri ekonomiku tal-Islanda, id-deterjorament f'daqqa fil-portafoll ta' self tal-bank sar riskju kbir għall-vijabbiltà futura tal-banek. Għal din ir-raġuni, ir-ristrutturar tal-portafolji tas-self privat u kummerċjali (tnaqqis tal-ingranaġġ), kif rifless fil-pjan ta' ristrutturar, sar prijorità għal Íslandsbanki.

(121) Skont l-awtoritajiet Islandiżi, Íslandsbanki żviluppa programmi speċifiċi ta' riljiev mid-dejn u kkoopera mal-istat u ma' banek oħrajn fuq miżuri ġenerali ta' riljiev mid-dejn (pereż. l-aġġustament ta' 110 % tas-self b'ipoteka). ([61])

(122) Íslandsbanki ssottometta l-qafas tal-metodi ta' ristrutturar li juża lill-Awtorità, li huwa bbażat fuq informazzjoni kkumpilata f'Novembru 2010. Il-metodi jiddistingwu bejn ristrutturar ta' dejn għall-kumpaniji u għall-unitajiet domestiċi u individwi. Hemm soluzzjonijiet imfassla apposta għal kumpaniji aktar kbar, waqt li l-SMEs huma offruti aġġustament tal-kapital, u/jew aġġustament tad-dejn/imgħax pendenti jew skont il-valur tal-assi fil-kumpanija jew inkella l-fluss tal-flus liberu.

(123) L-unitajiet domestiċi u l-individwi huma offruti varjetà ta' għażliet ta' ristrutturar, bħal vaganzi mill-pagamenti, estensjoni tat-termini u skemi ta' pagamenti flessibbli.

(124) Sabiex jiġi mmonitorjat u żgurat il-progress fir-ristrutturar, Íslandsbanki żviluppa wkoll l-hekk imsejjaħ "Dashboard tar-Ristrutturar", li ġie ppreżentat lill-Awtorità.

(125) Skont l-awtoritajiet Islandiżi, u minkejja wħud mill-avvenimenti mhux mistennija bħas-sentenza riċenti tal-Qorti Suprema Islandiża dwar self f'muniti barranin, Íslandsbanki se jlesti r-ristrutturar tal-portafoll tiegħu ta' self korporattiv sa tmiem is-sena 2012 u fl-2013 fis-Servizzi Bankarji bl-Imnut. Ir-risettjar ta' rati tal-imgħax huwa previst li jitlesta sa tmiem is-sena 2014.

([61]) Il-banek Islandiżi ewlenin qablu li joffru lill-klijenti kollha b'ingranaġġ eċċessiv aġġustament ta' 110 % fuq is-self b'ipoteka, jiġifieri li l-kapital tas-self b'ipoteka jiġi ffissat għal 110 % tal-valur irreġistrat tal-proprjetà.

(vi) Titjib tal-istrateġija ta' finanzjament;

(126) Il-bażi ta' depożiti ta' Íslandsbanki baqgħet pjuttost stabbli f'livell ta' madwar ISK 400 biljun sa minn meta ġie stabbilit u żdiedet għal ISK 535 biljun fit-tmiem is-sena 2011 minħabba l-fużjoni ta' Íslandsbanki ma' Byr. Preżentament, id-depożiti jammontaw għal kważi 80 % tal-obbligazzjonijiet totali.

(127) Il-proporzjon ta' depożiti/self tal-Bank kien madwar u 'l fuq minn 80 % matul l-2010 u l-2011. Íslandsbanki jassumi li r-rati ta' depożiti li preżentament huma baxxi se jinkoraġġixxu lill-investituri biex ipoġġu parti mill-fondi tagħhom f'investimenti li jrendu iżjed hekk kif l-ekonomija tirkupra u l-aptit għar-riskju jiżdied. Bħala riżultat, il-bank jipprevedi li l-proporzjon ta' depożiti/self jista' jaqa' għal madwar […] % sal-2016. Barra minn hekk, id-depożiti f'muniti barranin huma mistennija li […]. Íslandsbanki jimmira li jiddiversifika gradwalment it-taħlita tiegħu ta' finanzjament.

(128) […]. ([62])

(129) Rigward il-bżonnijiet ta' finanzjament f'ISK, […]. Min-naħa l-oħra, Íslandsbanki kien l-ewwel bank Islandiż li ħareġ bond kopert. L-ewwel ħruġ kien f'Diċembru 2011, ħruġ ta' ISK 4 biljun marbut mas-CPI ([63]). Il-ħruġ intlaqa' sew minn investituri istituzzjonali u kien soprasottoskritt. Íslandsbanki jistenna li jkun jista' joħroġ karta għal żmien qasir fl-2012 kif ukoll li jespandi l-ħruġ preżenti ta' bonds koperti b'rata ta' ISK 10 biljun fis-sena. […].

(130) Skont il-pjan ta' ristrutturar, il-bidla fit-taħlita ta' finanzjament se iżżid l-ispiża tal-finanzjament matul il-perjodu ppjanat. L-ispiża tas-self hija preżunta li hija madwar […]bp 'il fuq mir-rata bażi għat-taħlita tal-Bank ta' bonds indiċjati mas-CPI u […]bp għal bonds mhux indiċjati, waqt li l-ispiża tad-depożiti hija ta' madwar […]bp 'il fuq mir-rata bażika.

(vii) Kost-effiċjenza

(131) Skont il-pjan ta' ristrutturar, Íslandsbanki jkompli jiffoka fuq operazzjonijiet effiċjenti u simplifikati sabiex jikkumbatti ż-żieda fl-ispiża tal-infrastruttura li seħħet bħala riżultat ta' kontrolli regolatorji aktar stretti u żieda fit-tassazzjoni. Il-bank jissottometti li fl-2011 tlestiet ħidma sostanzjali sabiex tiżdied il-kosteffiċjenza iżda jenfasizza li dan huwa proġett fit-tul li jeħtieġ bidliet għall-proċessi u analiżi kontinwa. Skont il-pjan ta' ristrutturar, l-enfasi fuq il-kuxjenza dwar l-ispejjeż se tkompli fl-2012 flimkien mat-tnaqqis tal-ispejjeż u l-analiżi tal-ispejjeż, u matul dan il-perjodu l-proċeduri interni tal-bank se jiġu rriveduti u mtejba fejn meħtieġ. Kif indikat hawn fuq, dawk il-miżuri, kif ukoll it-tnaqqis fil-persunal, huma mistennija li jwasslu għal tnaqqis fil-proporzjon tal-ispiża/dħul minn 75 % fl-2011 għal […] % fl-2014.

(viii) Titjib għall-governanza korporattiva u l-ġestjoni tar-riskju

(132) Íslandsbanki informa lill-Awtorità li waħda mill-prijoritajiet tiegħu hija li l-istrutturi u l-proċessi tiegħu ta' governanza korporattiva jinġiebu konformi mal-aqwa prattiki nazzjonali u internazzjonali. F'dan ir-rigward, Íslandsbanki stabbilixxa taqsima għall-Ġestjoni tar-Riskju u l-Kontroll tal-Kreditu. It-taqsima tiehu ħsieb kwistjonijiet ta' ġestjoni tar-riskju u ta' Kontroll tal-Kreditu; xogħol li huwa marbut ma' proċessi ta' kuljum f'kull taqsima fil-Bank. Fl-2011 Íslandsbanki ppubblika għall-ewwel darba Ktieb tar-Riskji ([64]) komprensiv flimkien mar-Rapport Annwali. Il-Ktieb tar-Riskji, li se jiġi ppubblikat kull sena, jipprovdi informazzjoni addizzjonali dwar il-qafas ta' ġestjoni tar-riskju, l-istruttura u l-adegwatezza kapitali, l-iskoperturi għar-riskju u l-proċessi ta' valutazzjoni tar-riskju tal-Bank.

([62]) Íslandsbanki saħaq li l-prijorità ta' depożitu fl-Islanda tillimita l-kapaċità li jinħareġ dejn bla garanzija […]
([63]) Consumer Price Index (Indiċi tal-Prezzijiet tal-Konsumatur).
([64]) Il-Ktieb tar-Riskju huwa disponibbli fuq is-sit elettroniku tal-Bank www.Íslandsbanki.is/riskbook.

3.4.8. *Il-kapaċità li tintlaħaq vijabbiltà taħt xenarju ta' bażi u stress*

(133) Fil-pjan ta' ristrutturar, b'referenza għar-rapport tal-ICAAP, l-awtoritajiet Islandiżi ppreżentaw xenarju ta' stress għal Íslandsbanki bil-għan li tintwera l-kapaċità ta' Íslandsbanki li jikseb vijabbiltà fit-tul.

3.4.8.1. Ix-xenarju bażilari

(134) Il-pjan ta' ristrutturar kif deskritt hawn fuq inklużi l-preżunzjonijiet li fuqu huwa bbażat jikkostitwixxi l-każ bażilari.

3.4.8.2. Ix-xenarju ta' stress

(135) Fil-Kapitolu 5.9.3 tal-pjan ta' ristrutturar, Íslandsbanki għamel referenza għal xenarju ta' stress ippreżentat fir-Rapport tal-ICAAP, ippreżentat lill-Awtorità Finanzjarja Islandiża fl-1 ta' April 2012.

(136) Il-konstatazzjonijiet ewlenin tar-Rapport tal-ICAAP tal-2012 huma li l-kapitalizzazzjoni tal-Íslandsbanki hija ferm ogħla mir-rekwiżiti minimi kemm interni kif ukoll esterni u tmur lil hinn minn dak li jista' jitqies bħala mira fit-tul għal Bank li jopera f'kundizzjonijiet ta' negozju "normali". Skont ir-rapport, ir-rekwiżiti kapitali minimi interni u r-riżultati mit-testijiet tal-istress li saru fl-ICAAP preżenti jindikaw li l-ħlasijiet ta' dividendi previsti fil-pjan ta' negozju ta' 5 snin jidhru li huma raġonevoli.

(137) Skont ir-Rapport tal-ICAAP, id-deċiżjonijiet dwar il-ħlas ta' dividend ta' kull sena għandhom ikunu bbażati fuq analiżi aġġornata tal-adegwatezza kapitali u għandhom iqisu wkoll il-pożizzjoni ta' likwidità tal-Bank.

(138) Skont ir-Rapport tal-ICAAP, il-proporzjon ta' kapital minimu għall-Bank jinsab fil-medda ta' […] % - […] % tal-RWA. Fit-tmiem tas-sena 2012, l-ammont minimu ta' kapital meħtieġ huwa stmat li se jkun ISK […] biljun, li minnhom ISK […] biljun huma meħtieġ taħt il-Pilastru 2a, minħabba l-fatturi ta' riskju li mhumiex koperti jew li huma sottovalutati taħt il-Pilastru 1. Fir-realtà madankollu, il-proporzjon ta' kapital tal-Bank kien ta' 22,6 % fit-tmiem tal-2011. Ir-riżultati mit-testijiet tal-istress jindikaw li parti mill-kapital żejjed hija meħtieġa bħala lqugħ kontra avvenimenti negattivi li jistgħu jolqtu l-operazzjonijiet tal-Bank iżda ħlas gradwali ta' kapital żejjed fil-forma ta' dividendi huwa raġonevoli. Il-kapital stmat bħala neċessarju biex jilqa' għal avvenimenti ta' stress jammonta għal ISK […] biljun fil-bidu tal-2012 u l-kapital żejjed fit-tmiem tal-2012 huwa […] biljun, kif muri hawn isfel fit-Tabella 7:

*Tabella 7*

**Ħarsa Ġenerali lejn ir-Rapport tal-ICAAP**

*ISK biljun*

| | Pilastru 1 (*) | Pilastru 2a (**) | Pilastru 2b | CAD meħtieġ |
|---|---|---|---|---|
| | Rekwiżit minimu | Żieda | Ittestjar tal-istress | Il-livelli kollha kkombinati |
| Riskju ta' kreditu | (…) | (…) | | (…) |
| Riskju tas-suq | (…) | (…) | | (…) |
| Riskju operattiv | (…) | | | (…) |

*ISK biljun*

| | Pilastru 1 (*) | Pilastru 2a (**) | Pilastru 2b | CAD meħtieġ |
|---|---|---|---|---|
| | Rekwiżit minimu | Żieda | Ittestjar tal-istress | Il-livelli kollha kkombinati |
| Riskju ta' konċentrazzjoni | | (…) | | (…) |
| **Kapital minimu meħtieġ taħt il-Pilastru (1 u 2a)** | (…) | (…) | | (…) |
| Ittestjar tal-istress | | | (…) | (…) |
| **CAD meħtieġ** | (…) | (…) | (…) | (…) |
| CAD fi (tmiem is-sena 2012) | | | | (…) |
| **Kapital żejjed** | | | | (…) |

(*) L-ewwel pass fil-valutazzjoni tar-rekwiżiti kapitali huwa bbażat fuq il-kalkoli tal-Pilastru 1.

(**) Skont ir-rapport tal-ICAAP, ir-rekwiżiti ta' kapital addizzjonali taħt il-Pilastru 2 (Pilastru 2a u 2b) huma stmati skont kif ġej:

a. Tipi ta' riskju oħrajn u riskju mhux kopert għal kollox taħt il-Pilastru 1: Minbarra l-kapital minimu meħtieġ taħt il-Pilastru 1 jista' jkun meħtieġ kapital ulterjuri taħt il-Pilastru 2a minħabba fatturi ta' riskju oħrajn jew minħabba sottodikjarazzjoni tal-fatturi ta' riskju tal-Pilastru 1. Ir-rekwiżiti ta' kapital taħt il-Pilastru 1 u l-Pilastru 2a jifformaw ir-rekwiżit kapitali tal-linja bażi għall-Bank.

b. It-tnaqqis f'kapital disponibbli minħabba l-ittestjar għall-istress u għal skopijiet strateġiċi: Ir-rekwiżit ta' kapital tal-linja bażi huwa stmat fuq il-bażi ta' "kundizzjonijiet ta' negozju normali". Il-Bank madankollu jeħtieġ li jiżgura li l-kapital tiegħu huwa suffiċjenti biex jappoġġa n-negozju f'kundizzjonijiet tas-suq taħt stress u li jappoġġa l-istrateġija kummerċjali tal-Bank għas-snin li ġejjin. B'hekk, jista' jkun meħtieġ li l-Bank iżomm riżerva ta' kapital sabiex ikun jista' jiflaħ għal kundizzjonijiet tas-suq taħt stress u jappoġġa t-tkabbir maħsub. Sabiex jistma d-daqs tar-riżerva ta' kapital meħtieġa, il-pjan ta' negozju tal-Bank jitpoġġa taħt stress fuq il-bażi ta' diversi preżunzjonijiet rilevanti għall-profil ta' riskju u l-istrateġija ta' negozju tal-Bank.

(139) Fir-Rapport tal-ICAAP, Íslandsbanki evalwat it-telf possibbli aggregat minħabba r-riskju ta' kreditu, riskju tas-suq (fil-ktieb tan-negozjar u dak bankarju), ir-riskju operattiv, ir-riskju tan-negozju (impatt ta' żieda fl-ispejjeż ta' finanzjament u inqas tnaqqis fl-ispiża operattiva u l-impatt ta' […] % inqas żieda fid-dħul mis-suq), kif ukoll ir-riskju legali u politiku (pereż. l-impatt tad-deċiżjoni reċenti tal-Qorti Suprema dwar self f'muniti barranin, ebda rkupru addizzjonali għall-portafoll korporattiv (ikel tal-baħar) u fatturi oħrajn ta' riskju legali u politiku.

(140) Barra minn hekk, Íslandsbanki wettaq test tal-istress fuq il-proporzjon ta' likwidità tal-bank. Hawnhekk, Íslandsbanki għamel xenarju tal-istress bażilari wieħed ([65]) u xenarju stressjat aktar sever, fejn is-sorsi differenti ta' dħul u ħruġ ta' flus ikunu stressjati sa gradi differenti. Ir-riżultat jindika li l-Bank jinsab f'pożizzjoni tajba biex jissodisfa t-tfixkil mhux mistenni fil-likwidità.

3.4.9. *L-istrateġija ta' ħruġ/ħlas lura tal-Istat*

(141) Kif diġà ġie spjegat iktar 'il fuq, il-kontribuzzjoni tal-kapital tal-Grad II għandha durata ta' 10 snin minn Diċembru 2009. Dwar ir-remunerazzjoni, hemm klawżola ta' intensifikazzjoni inkorporata wara ħames snin (jiġifieri fl-2014), minn 400bp għal 500bp fuq EURIBOR. Skont l-awtoritajiet tal-Islanda, din l-intensifikazzjoni għandha taġixxi bħala inċentiv għall-bank sabiex iħallas lura dan il-kapital minn dan iż-żmien.

([65]) Il-proporzjon tal-likwidità interna tal-Bank jirrappreżenta sitwazzjoni stressjata milli kundizzjonijiet kummerċjali normali.

(142) Dwar is-sehem tal-ekwità ta' 5 % li l-Istat għandu f'Íslandsbanki, il-parteċipazzjonijiet tal-gvern f'impriżi finanzjarji huma mmexxija minn Icelandic State Financial Investments (l-ISFI) ([66]). Skont il-Baġit tal-Istat għall-2012, il-gvern ġie awtorizzat ibigħ l-ishma li għandu bħalissa fil-bank tat-tfaddil, iżda għadha ma ttieħdet l-ebda deċiżjoni dwar il-bejgħ ta' parteċipazzjonijiet tal-istat fit-tliet banek kummerċjali ewlenin. Madankollu, twaqqaf grupp ta' ħidma mill-Ministri responsabbli sabiex jistħarrġu modi possibbli ta' ċessjoni tal-parteċipazzjonijiet azzjonarji fil-banek kummerċjali. Il-gvern indika li filwaqt li ma għandu l-ebda intenzjoni li jnaqqas il-parteċipazzjonijiet tiegħu f'Landsbankinn għall-inqas minn żewġ terzi tal-kapital azzjonarju tal-bank, l-ishma f'Íslandsbanki u f'Arion Bank daqt jistgħu jiġu offruti għall-bejgħ jew jinbiegħu mal-banek kollha kemm huma jekk is-sidien ta' maġġoranza jiddeċiedu li jbigħu, soġġetti għas-soluzzjoni ta' ċerti prerekwiżiti ([67]).

(143) Il-faċilità tal-likwidità speċjali hija disponibbli biss sa Settembru 2012 u qatt ma ntużat. L-awtoritajiet Islandiżi qed jippjanaw li jneħħu d-dikjarazzjoni tal-gvern fuq garanzija ġenerali fuq depożiti fil-futur qarib, qabel jitneħħew il-kontrolli fuq il-kapital.

(144) Fir-rigward tal-ftehim Straumur, filwaqt li l-bond kellu jimmatura sa tmiem Marzu 2013, dan tħallas kollu kemm hu minn Straumur kmieni fl-2012. Minn dak iż-żmien, l-assunzjoni tar-riskji min-naħa tal-Istat għas-sufficjenza tal-assi bażi ntemmet.

## 4. IR-RAĠUNIJIET GĦAT-TNEDIJA TAL-PROĊEDURA TA' INVESTIGAZZJONI FORMALI U L-MIŻURI APPROVATI TEMPORANJAMENT FID-DEĊIŻJONIJIET TA' BYR

(145) Fid-deċiżjoni ta' ftuħ, l-Awtorità kkonkludiet b'mod preliminari li l-miżuri mill-Istat tal-Islanda li jikkapitalizza Íslandsbanki, kif ukoll il-faċilità ta' likwidità, jinvolvu għajnuna mill-Istat skont l-Artikolu 61 taż-ŻEE. Barra minn hekk, ma tistax teskludi li l-għajnuna mill-Istat kienet preżenti fil-garanzija tad-depożiti u fil-ftehim ta' Straumur. Id-deċiżjoni ta' ftuħ ma koprietx il-miżuri ta' għajnuna relatati mal-akkwist ta' Byr, li ġew temporanjament approvati mil-Awtorità fid-deċiżjonijiet ta' Byr. L-Awtorità se tieħu deċiżjoni finali fuq dawn il-miżuri, li għad għandhom impatt fuq il-valutazzjoni għad-dispożizzjoni, fid-deċiżjoni attwali.

(146) Dwar il-kompatibilità tal-miżuri valutati fid-Deċiżjoni ta' ftuħ, l-Awtorità qieset li deċiżjoni finali setgħet tittieħed biss fuq il-bażi ta' pjan ta' ristrutturar, li ma kienx għadu ġie ppreżentat meta l-Awtorità fetħet il-proċedura ta' investigazzjoni formali fil-15 ta' Diċembru 2010. Kien b'mod partikolari minħabba n-nuqqas ta' pjan ta' ristrutturar iktar minn sena wara t-twaqqif ta' Íslandsbanki li l-Awtorità esprimiet dubji dwar il-kompatibbiltà tal-għajnuna.

### 4.1. **Il-kummenti mill-partijiet interessati**

(147) L-Awtorità rċiviet dikjarazzjoni f'isem il-krédituri tal-bank il-qadim, li fiha enfasizzaw li kellhom jitqiesu bħala partijiet interessati, u indikat sabiex possibilment tippreżenta iktar kummenti iktar tard.

### 4.2. **Il-kummenti mill-awtoritajiet tal-Islanda**

(148) L-awtoritajiet tal-Islanda jaċċettaw li l-miżuri mwettqa fit-twaqqif ta' New Glitnir Bank, issa Íslandsbanki, jikkostitwixxu għajnuna mill-Istat. Madankollu, fil-fehma tal-awtoritajiet tal-Islanda, il-miżuri huma kompatibbli mal-funzjonament tal-Ftehim ŻEE fuq il-bażi tal-Artikolu 61(3)(b) tal-Ftehim, peress li huma neċessarji, proporzjonati u xierqa biex jiġi rimedjat taqlib serju fl-ekonomija Islandiża. Fil-fehma tal-awtoritajiet tal-Islanda, il-miżuri meħuda huma konformi f'kull aspett mal-prinċipji stabbiliti fil-linji gwida tal-Awtorità dwar l-għajnuna mill-Istat u jiddikjaraw li l-għajnuna hija neċessarja u limitata għall-ammont minimu meħtieġ.

([66]) L-ISFI huwa korp tal-istat b'Bord tad-Diretturi indipendenti, li jirrapporta għand il-Ministeru tal-Finanzi, li twaqqaf bl-Att Nru 88/2009 u li daħal fis-seħħ f'Awwissu 2009. L-ISFI għandu jkun lesta l-ħidma tiegħu mhux aktar tard minn ħames snin mit-twaqqif tiegħu. L-ISFI jamministra l-parteċipazzjonijiet tal-istat skont il-liġi, prattiki ta' governanza u tan-negozju tajbin u l-politika dwar is-sjieda tal-istat. Għandu l-għan li jerġa' jġib u jibni suq finanzjarju domestiku dinamiku, filwaqt li fl-istess ħin jippromwovi kompetizzjoni effettiva fis-suq kif ukoll jiggarantixxi trasparenza fid-deċiżjonijiet kollha tal-parteċipazzjoni tal-istat f'attivitajiet finanzjarji

([67]) Dawn il-prerekwiżiti jikkonċernaw b'mod partikolari inċertezzi li jirriżultaw minn sentenzi riċenti tal-Qorti Suprema dwar self denominat f'muniti barranin u li l-assi ta' beni insolventi tal-banek l-antiki ġew stralċati b'mod sodisfaċenti. Ara l-Kapitoli 9.7 tar-rapport Future Structure of the Icelandic Financial System (Struttura Futura tas-Sistema Finanzjarja Islandiża), disponibbli fuq http://eng.efnahagsraduneyti.is/media/Acrobat/Future-Structure.pdf

(149) Barra minn hekk, l-awtoritajiet tal-Islanda jishqu li l-eks azzjonisti ta' Glitnir Bank tilfu l-ishma kollha tagħhom u ma rċivew l-ebda kumpens mill-istat, li l-għajnuna hija mfassla sew biex tnaqqas l-effett mifrux fuq il-kompetituri kemm jista' jkun u li t-termini tas-self (il-kapital tal-Grad II) huma paragunabbli mar-rati tas-suq.

(150) L-awtoritajiet tal-Islanda ma jqisux li l-garanzija tad-depożiti tinvolvi għajnuna mill-Istat.

4.3. **L-impenji mill-awtoritajiet tal-Islanda**

(151) L-awtoritajiet tal-Islanda ppreżentaw għadd ta' impenji, ħafna minnhom relatati mat-tfixkil tal-kompetizzjoni kkaġunat mill-għajnuna li qed tiġi valutata, u li huma stabbiliti fl-Anness.

## II. **IL-VALUTAZZJONI**

### 1. IL-PREŻENZA TA' GĦAJNUNA MILL-ISTAT

(152) L-Artikolu 61(1) tal-Ftehim ŻEE għandu jaqra kif ġej:

"Bla ħsara għal kif jista' jkun previst xort'oħra f'dan il-Ftehim, kull għajnuna mogħtija mill-Istati Membri tal-KE, l-Istati tal-EFTA jew permezz ta' riżorsi Statali f'kull għamla tkun xi tkun li tgħawweġ jew thedded li tgħawweġ il-kompetizzjoni billi tiffavorixxi ċerti impriżi jew il-produzzjoni ta' ċerti oġġetti tkun, sa fejn taffettwa l-kummerċ bejn Partijiet Kontraenti, inkompatibbli mat-twettiq ta' dan il-Ftehim."

(153) L-Awtorità se tivvaluta l-miżuri li ġejjin ([68])hawn taħt:

— Il-kapital operattiv inizjali pprovdut mill-Istat tal-Islanda lill-bank il-ġdid;

— Il-kapitalizzazzjoni (temporanja) sħiħa tal-bank il-ġdid mill-istat;

— Iż-żamma mill-Istat tal-kapital azzjonarju ta' 5 % li fadal wara li 95 % tal-kapital azzjonarju fil-bank il-ġdid ġew trasferiti lill-kredituri ta' Glitnir; u

— Il-forniment mill-Istat ta' kapital tal-Grad II lill-bank il-ġdid permezz ta' dejn subordinat.

Hawn taħt, il-miżuri ta' hawn fuq jissejħu b'mod kollettiv bħala "l-miżuri ta' kapitalizzazzjoni". Barra minn hekk, l-Awtorità se tivvaluta:

— Il-ftehim speċjali dwar il-faċilità ta' likwidità;

— Id-dikjarazzjoni tal-Gvern tal-Islanda li jiggarantixxi depożiti domestiċi fil-banek Islandiżi kollha bis-sħiħ; u

— Il-ftehim Straumur.

(154) L-Awtorità tfakkar ukoll li identifikat lil Íslandsbanki bħala benefiċjarju potenzjali ta' għajnuna mogħtija lil Byr fit-tieni deċiżjoni Byr, b'mod partikolari tal-faċilità ta' self subordinat li nżammet disponibbli sakemm setgħet issir il-fużjoni bejn Byr u Íslandsbanki. Barra minn hekk, l-Awtorità ttenni li l-miżuri ta' salvataġġ li ġew approvati temporanjament għal Byr, li issa ġiet amalgamata ma' Íslandsbanki, jikkostitwixxu għajnuna mill-Istat, u l-kumpatibbiltà finali tagħhom tiddependi fuq il-pjan ta' ristrutturar għall-entità amalgamata.

1.1. **Il-preżenza tar-riżorsi tal-istat**

(155) Kif l-Awtorità diġà kkonkludiet b'mod preliminari fid-deċiżjoni ta' ftuħ, jidher biċ-ċar li l-miżuri ta' kapitalizzazzjoni huma ffinanzjati permezz ta' riżorsi tal-istat ipprovduti mit-Teżor tal-Islanda. Ir-riżorsi tal-istat huma preżenti biċ-ċar fil-faċilità ta' likwidità wkoll li hija disponibbli għal Íslandsbanki. Dwar il-ftehim ta' Straumur, l-Istat ġarrab ir-riskju li l-assi ta' Straumur ma jkunux biżżejjed biex ikopru l-obbligazzjonijiet trasferiti (depożiti) tal-bank ta' Straumur. Fi ftit kliem, iggarantixxa li jkopri d-diskrepanza, u dan jinvolvi trasferiment (potenzjali) ta' riżorsi tal-istat.

([68]) Deskritti fid-dettall fil-Kapitolu 3 ta' din id-deċiżjoni.

(156) Dwar il-garanzija tad-depożiti, l-Awtorità tisħaq mill-bidu nett li l-valutazzjoni tagħha hija limitata għall-garanzija tad-depożiti addizzjonali spjegata hawn fuq, li fl-essenza tagħha tikkonsisti fid-dikjarazzjonijiet li saru mill-Gvern tal-Islanda li d-depożiti fil-banek domestiċi kummerċjali u tat-tfaddil u l-fergħat tagħhom fl-Islanda se jiġu koperti bis-sħiħ.

(157) Din il-valutazzjoni hija bla ħsara għall-fehma tal-Awtorità dwar il-kompatibilità tal-Att Nru 98/1999 u l-azzjonijiet tal-Gvern tal-Islanda u t-TIF matul il-kriżi finanzjarja mal-liġi taż-ŻEE, b'mod partikolari d-Direttiva 94/19/KE. Rigward l-impilmentazzjoni tad-Direttivi 97/9/KE u 94/19/KE, l-Awtorità hija tal-fehma li sa fejn it-tali miżuri jikkostitwixxu għajnuna mill-Istat, ġeneralment l-użu tar-riżorsi tal-istat biex tinżamm konformità mal-obbligi skont il-liġi taż-ŻEE ma jqajjimx problemi skont l-Artikolu 61 ŻEE. Għalhekk, din id-deċiżjoni ma tikkonċernax dawk il-miżuri.

(158) Fid-deċiżjoni ta' ftuħ, l-Awtorità ddikjarat li kienet se tinvestiga iktar dwar jekk id-dikjarazzjonijiet li saru mill-Istat tal-Islanda deskritti iktar 'il fuq humiex preċiżi, sodi, inkondizzjonali u legalment vinkolanti biżżejjed tant li jinvolvu impenn ta' riżorsi tal-istat ([69]).Fil-valutazzjoni ta' jekk ġewx issodisfati dawn il-kriterji, l-Awtorità tosserva li d-dikjarazzjonijiet involvew impenn irrevokabbli ta' riżorsi pubbliċi kif muri mill-fatt li l-istat tal-Islanda għamel minn kollox biex jipproteġi lid-depożituri: Mhux biss bidel il-prijorità tad-detenturi ta' depożiti f'beni insolventi (li ma jkunx jinvolvi l-użu ta' riżorsi tal-istat), iżda għamilha ċara wkoll li ma kienx se jippermetti li d-depożituri jġarrbu xi telf ieħor. Il-garanzija kategorika tal-gvern fuq id-depożiti kollha fil-banek domestiċi kummerċjali u tat-tfaddil hija distinta iktar minn kwalunkwe skema ta' garanzija tad-depożiti bbażata fuq l-atti taż-ŻEE minħabba li l-protezzjoni hija bla limiti fl-ammont u l-banek li jibbenefikaw mill-miżura ma għamlu ebda kontribuzzjoni finanzjarja.

(159) Il-fehim tal-Gvern tal-Islanda tad-dikjarazzjoni tiegħu hija murija mill-interventi mill-istat fis-settur finanzjarju li seħħew minn Ottubru tal-2008 li kienu motivati bl-intenzjoni li tiġi onorata din id-dikjarazzjoni. Dawk l-interventi inkludew miżuri sabiex ikopru depożiti ta' impriżi finanzjarji, bħat-twaqqif tat-tliet banek kummerċjali, it-trasferiment tad-depożiti ta' SPRON lil Arion Bank, it-trasferiment tad-depożiti ta' Straumur lil Íslandsbanki, l-akkwiżizzjoni mis-CBI tad-depożiti ta' ħames banek tat-tfaddil f'Sparisjódabanki Íslands, it-trasferiment tad-depożiti f'Byr Savings Bank lil Byr hf, it-trasferiment tad-depożiti minn Keflavík Savings Bank lil SpKef u r-responsabilità tal-Istat għad-depożiti f'SpKef wara l-fużjoni sfurzata ma' Landsbankinn.

(160) L-awtoritajiet tal-Islanda argumentaw f'bosta każijiet ta' għajnuna mill-istat, uħud minnhom issemmew iktar 'il fuq, li bħalissal-Awtorità qiegħda tinvestiga jekk il-miżura magħżula rispettiva kinitx l-alternattiva bl-inqas piż finanzjarju għall-istat tal-Islanda sabiex jibqa' konformi mal-wiegħda tiegħu li jipproteġi lid-depożitur bis-sħiħ.

(161) Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, l-Awtorità tqis li hemm miżura legalment vinkolanti, preċiża, inkondizzjonali u soda fis-seħħ. Fuq din il-bażi, l-Awtorità b'hekk tikkonkludi li d-dikjarazzjonijiet mill-istat tal-Islanda li skont dawn id-depożiti huma garantiti bis-sħiħ jinvolvu impenn ta' riżorsi tal-istat fit-tifsira tal-Artikolu 61 ŻEE.

### 1.2. **Il-preferenza lil ċerti impriżi jew il-produzzjoni ta' ċerti prodotti**

#### 1.2.1. *Il-vantaġġ*

(162) L-ewwel nett, il-miżuri ta' għajnuna jridu jagħtu lill-bank il-ġdid vantaġġi li jħaffulu l-imposti li normalment jiġġarrbu mill-baġit tiegħu. B'konformità mal-konklużjoni preliminari li waslet għaliha fid-deċiżjoni ta' ftuħ, l-Awtorità għadha tal-fehma li kull waħda mill-miżuri ta' kapitalizzazzjoni tagħti vantaġġ lill-bank il-ġdid peress li l-kapital ipprovdut ma jkunx disponibbli għall-bank mingħajr l-intervent mill-istat.

([69]) F'dan ir-rigward ara s-sentenza tal-Qorti Ġenerali fil-Kawżi Konġunti T-425/04, T-444/04, T-450/04 u T-456/04, *Franza et vs Il-Kummissjoni*, is-sentenza tal-21 ta' Mejju 2010, Ġabra [2010] ECR II-02099, paragrafu 283 (b'appell).

(163) Fid-determinazzjoni ta' jekk investiment f'impriża, pereżempju permezz ta' injezzjoni kapitali, jinvolvix vantaġġ, l-Awtorità tapplika l-prinċipju ta' investitur f'ekonomija tas-suq, u tivvaluta jekk investitur privat ta' daqs paragunabbli għal dak tal-korp pubbliku li jopera f'kundizzjonijiet normali tas-suq kienx jagħmel investiment bħal dan. ([70]) Rigward miżuri ta' kapitalizzazzjoni għall-benefiċċju ta' banek f'diffikultà, mill-bidu tal-kriżi finanzjarja, ġeneralment l-approċċ meħud kemm mill-Kummissjoni Ewropea (f'għadd ta' każijiet mindu bdiet il-kriżi finanzjarja ([71]) kif ukoll mill-Awtorità ([72]) kien li r-rikapitalizzazzjonijiet mill-istat tal-banek jammontaw għal għajnuna mill-istat minħabba t-taqlib u l-inċertezza li kkaratterizzaw is-swieq finanzjarji sa mill-ħarifa tal-2008. Din il-kunsiderazzjoni ġenerali tapplika b'mod partikolari għas-swieq finanzjarji tal-Islanda fl-2008 u l-2009, meta falliet is-sistema sħiħa. B'hekk l-Awtorità tqis li l-miżuri ta' kapitalizzazzjoni jagħtu vantaġġ lil Íslandsbanki minkejja t-trasferiment eventwali ta' 95 % tal-kapital tal-bank il-ġdid lill-kredituri (ħafna minnhom mis-settur privat). L-involviment tas-settur privat fil-kapitalizzazzjoni ta' Íslandsbanki huwa msawwar kollu kemm hu minn kredituri tal-bank il-qadim li qegħdin ifittxu biss li jimminimizzaw it-telf tagħhom ([73]).

(164) Tapplika kunsiderazzjoni simili f'dak li għandu x'jaqsam mal-faċilità speċjali ta' likwidità, li hija negozjata bħala parti minn pakkett ta' miżuri ta' assistenza mill-istat bil-għan li terġa' tibda l-operazzjonijiet ta' bank fallut f'bank iffurmat ġdid u li tħeġġeġ il-parteċipazzjoni ekwitarja fil-bank il-ġdid mill-kredituri tal-bank fallut. Jidher ċar li l-Istat involva ruħu peress li ma kienx ċar jekk Íslandsbanki setax jikseb biżżejjed likwidità mis-suq. B'hekk, flok ma aġixxa bħal investitur privat, l-Istat ħa post ir-rwol tal-parteċipanti mis-suq privat li baqgħu lura milli jagħtu flus b'self lill-impriżi finanzjarji. Għaldaqstant l-Awtorità tikkonferma l-konklużjoni preliminari li laħqet fid-deċiżjoni ta' ftuħ u tqis li l-faċilità ta' likwidità speċjali tagħti vantaġġ lil Íslandsbanki.

(165) Dwar it-trasferiment ta' assi u passivi ta' Straumur Bank – il-ftehim ta' Straumur, l-Awtorità tosserva bi pjaċir li t-tranżazzjoni ġenerali għandha l-għan li tipprovdi lil Íslandsbanki b'kumpens li jilħaq eżatt l-ammont tal-obbligazzjonijiet trasferiti. Madankollu, ir-riskju sħiħ li assi ta' Stramur ikunu ta' valur inqas mid-depożiti trasferiti, u l-obbligu li tiġi kkumpensata kwalunkwe diskrepanza potenzjali, huwa allokat lill-Istat. B'hekk jidher li Íslandsbanki, minbarra li jirċievi xi dħul (permezz ta' ħlasijiet tal-imgħax fuq il-bond), jista' jakkwista avvjament u ishma tas-suq addizzjonali, bla ma jieħu ebda riskju. L-Awtorità tikkonkludi li dan jikkostitwixxi vantaġġ.

(166) Fl-aħħar, l-Awtorità trid tivvaluta wkoll jekk il-garanzija tad-depożiti addizzjonali tagħtix vantaġġ lil Íslandsbanki u l-banek tal-Islanda inġenerali. F'dan ir-rigward, l-Awtorità tosserva li meta saret għall-ewwel darba d-dikjarazzjoni li d-depożiti jkunu garantiti mill-awtoritajiet tal-Islanda, ma kienx kompletament ċar dwar kif din il-garanzija se taħdem fil-prattika, b'mod partikolari x'effett ikollu intervent bħal dan fuq il-bank li ma setax jibqa' jlaħħaq mal-obbligi finanzjarji tiegħu vis-à-vis id-depożituri tiegħu. Sadanittant, jidher li bank bħal dan jithalla jfalli, iżda li l-istat tal-Islanda jiżgura – pereżempju billi jittrasferixxi depożiti f'bank ieħor u jikkumpensa għad-diskrepanza fl-assi – li d-depożiti jistgħu jitħallsu bis-sħiħ, u li d-depożituri qatt ma jitilfu aċċess għall-ammont sħiħ tad-depożiti tagħhom.

(167) L-Awtorità tqis li huwa ta' importanza sekondarja dwar kif l-Istat jaġixxi eżattament biex jikkonforma mal-garanzija bla limitu fuq depożiti domestiċi. L-importanti hu li ħa l-obbligu li jinvolvi ruħu mingħajr limiti jekk bank jonqos milli jħallas depożiti.

([70]) Ara pereżempju T-228/99 *WestLB* [2003] Ġabra II-435.

([71]) Ara pereżempju d-deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-10 ta' Ottubru 2008 fil-kawża NN 51/2008 *Guarantee scheme for banks in Denmark* (*Skema ta' garanzija għall-banek fid-Danimarka*), fil-paragrafu 32, u d-deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-21 ta' Ottubru 2008 fil-Kawża C 10/2008 *IKB*, fil-paragrafu 74.

([72]) Ara pereżempju d-deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-10 ta' Ottubru 2008 fil-kawża NN 51/2008 *Guarantee scheme for banks in Denmark* (*Skema ta' garanzija għall-banek fid-Danimarka*), fil-paragrafu 32, u d-deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-21 ta' Ottubru 2008 fil-Kawża C 10/2008 *IKB*, fil-paragrafu 74.

([73]) F'dan il-kuntest, ara raġunar simili adottat mill-Kummissjoni Ewropea fir-rigward tal-investimenti li saru minn fornituri ta' ditta f'diffikultà fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C 4/10 (ex NN 64/09) – Aid in favour of Trèves (France) (Għajnuna favur Trèves (Franza)).

(168) Fil-fehma tal-Awtorità, din il-garanzija bla limitu ffavorixxiet lil Íslandsbanki: L-ewwel nett, peress li tipprovdi vantaġġ kompetittiv ta' valur – garanzija mill-istat bla limitu, u b'hekk xibka tas-sigurtà notevoli – fuq alternattivi u fornituri ta' investimenti alternattivi. Dan intwera, pereżempju minn rapport riċenti tal-Ministru tal-Ekonomija li ddikjara li: "Bħalissa, l-impriżi finanzjarji tal-Islanda qed joperaw f'ambjent protett b'kontrolli fuq il-kapital u garanzija tad-depożiti kategorika. F'kundizzjonijiet bħal dawn, tista' tgħid li d-depożiti fil-banek huma l-unika għażla sigura għall-faddala Islandiżi". ([74])

(169) It-tieni, jidher ċar li fin-nuqqas tal-garanzija, Íslandsbanki seta' iktar faċilment jara assalt bankarju bħal ta' qablu ([75]). B'hekk, il-bank aktarx li kien ikollu jħallas rati tal-imgħax ogħla (biex jikkumpensa għar-riskju) biex jattira jew anki sempliċiment iżomm l-istess ammont ta' depożiti, li kieku ma kienx hemm il-garanzija fuq id-depożiti addizzjonali bla limiti applikata mill-istat tal-Islanda. B'hekk, l-Awtorità tikkonkludi li l-garanzija tad-depożiti tinvolvi vantaġġ għall-bank.

1.2.2. *Is-selettività*

(170) It-tieni, il-miżura ta' għajnuna trid tkun selettiva peress li tippreferi lil *"ċerti impriżi jew il-produzzjoni ta' ċerti prodotti"*. Il-miżuri ta' kapitalizzazzjoni, il-faċilità ta' likwidità u l-ftehim ta' Straumur huma selettivi peress li huma ta' benefiċċju għal Íslandsbanki biss.

(171) Barra minn hekk, peress li l-appoġġ mill-istat jista' jkun selettiv anki f'sitwazzjonijiet fejn settur wieħed jew iktar tal-ekonomija jibbenefikaw u oħrajn le, l-Awtorità tqis ukoll li l-garanzija mill-istat fuq id-depożiti li tibbenefika lis-settur bankarju sħiħ tal-Islanda bħala selettiv. Din il-konklużjoni ssegwi wkoll mill-kunsiderazzjonijiet stabbiliti hawn fuq li skont dawn il-banek huma preferuti fuq impriżi oħrajn li joffru possibilitajiet ta' tfaddil u investiment ta' flus.

## 1.3. **It-tfixil tal-kompetizzjoni u l-effett fuq il-kummerċ bejn il-Partijiet Kontraenti**

(172) Il-miżuri jsaħħu l-pożizzjoni ta' Íslandsbanki f'paragun mal-kompetituri (jew kompetituri potenzjali) fl-Islanda u Stati oħrajn taż-ŻEE. Íslandsbanki hija impriża attiva, kif spjegat iktar 'il fuq, fis-swieq finanzjarji, li huma miftuħin għall-kompetizzjoni internazzjonali fiż-ŻEE. Filwaqt li bħalissa s-swieq finanzjarji tal-Islanda huma kemxejn maqtugħin għalihom, speċjalment minħabba l-kontrolli fuq il-kapital, għadu jeżisti (potenzjal għal) il-kummerċ transkonfinali li se jiżdied malli jitneħħew il-kontrolli fuq il-kapital. Għaldaqstant, il-miżuri kollha li qed jiġu valutati għandhom jitqiesu li qed ifixklu l-kompetizzjoni u jaffettwaw il-kummerċ bejn il-Partijiet Kontraenti għall-Ftehim ŻEE. ([76])

## 1.4. **Il-konklużjoni**

(173) Għalhekk, l-Awtorità tasal għall-konklużjoni li l-miżuri meħuda mill-Istat tal-Islanda sabiex jikkapitalizza l-bank il-ġdid, kif ukoll il-faċilità ta' likwidità, il-garanzija tad-depożiti u l-ftehim ta' Straumur jinvolvu għajnuna mill-istat skont it-tifsira tal-Artikolu 61(1) tal-Ftehim ŻEE. L-Awtorità tfakkar li hija waslet għall-istess konklużjoni firrigward tal-miżuri ta' kapitalizzazzjoni mogħtija minn Byr fid-deċiżjonijiet ta' Byr.

([74]) Rapport tal-Ministru tal-Ekonomija lill-Althingi (Marzu 2012), "The Future Structure of the Icelandic Financial System" ("L-Istruttura tas-Sistema Finanzjarja tal-Islanda fil-Ġejjieni"), Kap. 9.6, li jinsab fuq: http://eng.atvinnuvegaraduneyti.is/media/Acrobat/Future-Structure.pdf

([75]) L-Awtorità tosserva li fir-rigward tal-kummenti tal-Gvernatur tas-CBI, li fil-kelmtejn ta' qabel ir-rapport dwar l-Istabbiltà Finanzjarja tal-bank għat-tieni nofs tal-2010 jiddikjara li *"bħalissa, il-kapitalizzazzjoni tal-istituzzjonijiet finanzjarji hija protetta mill-kontrolli fuq il-kapital u d-dikjarazzjoni tal-Gvern ta' garanzija tad-depożiti"*. Ara http://www.sedlabanki.is/lisalib/getfile.aspx?itemid=8260, p. 5. Ara wkoll id-Deċiżjonijiet tal-Kummissjoni NN48/2008 Guarantee Scheme for Banks in Ireland (Skema ta' Garanzija għall-Banek fl-Irlanda), paragrafi 46 u 47: http://ec.europa.eu/community_law/state_aids/comp-2008/nn048-08.pdf; u NN51/2008 Guarantee Scheme for Banks in Denmark (Skema ta' Garanzija għall-Banek fid-Danimarka): http://ec.europa.eu/community_law/state_aids/comp-2008/nn051-08.pdf

([76]) F'dan ir-rigward, ara l-Kawża 730/79 *Phillip Morris vs Il-Kummissjoni* [1980] ECR 2671.

## 2. IR-REKWIŻITI PROĊEDURALI

(174) Skont l-Artikolu 1(3) tal-Parti I tal-Protokoll 3 SCA, "l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA għandha tiġi mgħarrfa, minn żmien qabel biżżejjed biex tkun tista' tippreżenta l-kummenti tagħha, dwar kwalunkwe pjan li tagħti jew tibdel għajnuna (…). L-Istat ikkonċernat ma għandux idaħħal fis-seħħ il-miżuri proposti minnu sakemm il-proċedura tkun irriżultat f'deċiżjoni finali".

(175) L-awtoritajiet tal-Islanda ma nnotifikawx il-miżuri ta' għajnuna koperti mid-deċiżjoni operattiva għall-Awtorità qabel ma implimentawhom. B'hekk, l-Awtorità tikkonkludi li l-awtoritajiet tal-Islanda ma rrispettawx l-obbligi tagħhom skont l-Artikolu 1(3) tal-Parti I tal-Protokoll 3. Għalhekk, l-għoti ta' dawk il-miżuri ta' għajnuna kien kontra l-liġi.

## 3. IL-KOMPATIBILITÀ TAL-GĦAJNUNA

(176) Bħala kumment preliminari, l-Awtorità tosserva li filwaqt li Íslandsbanki huwa entità legali ġdida li twaqqaf fl-2008 – fir-rigward tal-operazzjonijiet domestiċi – jidher biċ-ċar li dan huwa s-suċċessur ekonomiku ta' Glitnir, fis-sens li hemm kontinwità ekonomika bejn dawn iż-żewġ entitajiet. Peress li dawk l-operazzjonijiet ekonomiċi li twettqu minn Íslandsbanki mill-ħarifa tal-2008 'il quddiem ma setgħux jibqgħu għaddejjin mingħajr l-għajnuna, l-Awtorità tqis il-bank bħala impriża f'diffikultà.

(177) Barra minn hekk, il-miżuri li qegħdin jiġu valutati huma fl-istess ħin miżuri ta' salvataġġ u ristrutturar. Kif ġie ddikjarat fid-deċiżjoni ta' ftuħ, l-Awtorità aktarx li kienet tapprova l-miżuri bħala għajnuna ta' salvataġġ kompatibbli li kieku ġew notifikati qabel ġew implimentati, qabel ma kienet tieħu l-pożizzjoni finali fuqhom fuq il-bażi ta' pjan ta' ristrutturar. Madankollu, fin-nuqqas ta' notifika puntwali, l-Awtorità fetħet il-proċedura ta' investigazzjoni formali u talbet il-preżentazzjoni ta' pjan ta' ristrutturar. Kif ġie indikat iktar 'il fuq, il-kompatibilità finali ta' dawn il-miżuri tiddependi fuq jekk il-pjan ta' ristrutturar jilħaqx il-kriterji tal-linji gwida applikabbli tal-Awtorità dwar l-għajnuna mill-Istat għall-impriżi f'diffikultà.

### 3.1. **Il-bażi legali għall-valutazzjoni tal-kompatibbiltà: Artikolu 61(3) tal-Ftehim ŻEE u l-Linji Gwida tal-Awtorità dwar ir-Ristrutturar**

(178) Filwaqt li l-għajnuna mill-Istat lill-impriżi f'diffikultà bħal Íslandsbanki normalment tiġi valutata skont l-Artikolu 61(3)(c) tal-Ftehim ŻEE, l-Awtorità tista', skont l-Artikolu 61(3)(b) tal-Ftehim, tippermetti sabiex l-għajnuna mill-istat isservi "bħala rimedju għal inkwiet serju fl-ekonomija ta' Stat Membru tal-KE jew Stat tal-EFTA". Kif inhu ddikjarat fil-paragrafu 8 tal-Linji Gwida tal-Banek ([77]), l-Awtorità terġa' ssostni li, b'konformità mal-każistika u l-prattika ta' teħid ta' deċiżjonijiet tal-Kummissjoni Ewropea, l-Artikolu 61(3)(b) tal-Ftehim ŻEE jeħtieġ interpretazzjoni restrittiva ta' x'jista' jsir f'taqlib serju ta' ekonomija tal-Istat tal-EFTA.

(179) Kif ġie deskritt fid-dettall iktar 'il fuq, l-awtoritajiet tal-Islanda spjegaw li s-sistema finanzjarja tal-Islanda daħlet fi stat ta' kriżi sistemika f'Ottubru 2008, u din wasslet għall-falliment tal-banek ewlenin tagħha kif ukoll banek kbar tat-tfaddil fi żmien ftit jiem. Is-sehem mis-suq tal-istituzzjonijiet finanzjarji f'daqqa li fallew kien jaqbeż id-90 % f'ħafna mis-segmenti tas-suq finanzjarju tal-Islanda. Mad-diffikultajiet żdied ukoll it-telf ta' kunfidenza fil-munita tal-pajjiż. L-ekonomija reali tal-Islanda ntlaqtet b'mod sever mill-kriżi finanzjarja. Għad li għaddew iktar minn tliet snin sa mill-bidu tal-kriżi, is-sistema finanzjarja tal-Islanda għadha fi stat ta' taqlib. Anki jekk is-sitwazzjoni marret ħafna għall-aħjar mill-2008 'l hawn, jidher biċ-ċar li fiż-żmien li fih ittieħdu l-miżuri, dawn kellhom l-għan li jirrimedjaw taqlib serju fl-ekonomija tal-Islanda.

(180) B'hekk, jitqies li l-Artikolu 61(3)(b) tal-Ftehim ŻEE japplika f'dan il-każ.

([77]) Ara l-Parti VIII tal-Linji Gwida tal-Awtorità dwar l-Għajnuna mill-Istat. Ir-regoli temporanji dwar il-kriżi finanzjarja. L-applikazzjoni tar-regoli dwar l-għajnuna mill-istat għal miżuri meħuda fir-rigward ta' istituzzjonijiet finanzjarji fil-kuntest tal-kriżi finanzjarja attwali madwar id-dinja, disponibbli fuq http://www.eftasurv.int/?1=1&showLinkID=16604&1=1.

*L-applikazzjoni tal-Komunikazzjoni dwar ir-Ristrutturar*

(181) Il-Linji Gwida tal-Awtorità dwar l-Għajnuna mill-Istat dwar it-treġġigħ lura lejn il-vijabbiltà u l-valutazzjoni tal-miżuri ta' ristrutturar fis-settur finanzjarju fil-kriżi attwali skont ir-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat ([78]) ("il-Linji Gwida dwar ir-Ristrutturar") jistabbilixxu r-regoli dwar l-għajnuna mill-istat applikabbli għar-ristrutturar ta' istituzzjonijiet finanzjarji fil-kriżi attwali. Skont il-Linji Gwida dwar ir-Ristrutturar, biex ikun kompatibbli mal-Artikolu 61(3)(b) ŻEE, ir-ristrutturar ta' istituzzjoni finanzjarja fil-kuntest tal-kriżi finanzjarja jrid:

(i) Iwassal għal treġġigħ lura lejn il-vijabbiltà tal-bank;

(ii) Jinkludi kontribuzzjoni proprja suffiċjenti mill-benefiċjarju (qsim tal-piżijiet);

(iii) Ikun fih biżżejjed miżuri li jillimitaw it-tfixkil tal-kompetizzjoni.

(182) B'hekk, hawn taħt, fuq il-bażi tal-pjan ta' ristrutturar ippreżentat għal Íslandsbanki, li jirrifletti wkoll l-akkwist ta' Byr, l-Awtorità se tivvaluta jekk dawn il-kriterji humiex issodisfati, u jekk għalhekk il-miżuri ta' għajnuna deskritti hawn fuq, kif ukoll dawk identifikati mill-Awtorità fid-deċiżjoni ta' Byr jikkostitwixxux għajnuna għar-ristrutturar kompatibbli.

## 3.2. **It-treġġigħ lura lejn il-vijabbiltà**

(183) It-treġġigħ lura lejn il-vijabbiltà fit-tul ta' benefiċjarju fir-riċevuta ta' għajnuna għar-ristrutturar huwa l-għan ewlieni ta' din l-għajnuna, u l-valutazzjoni ta' jekk għajnuna għar-ristrutturar hix se tikseb dan hija aspett importanti fid-determinazzjoni tal-kompatibbiltà tagħha.

(184) Kif indikat iktar 'il fuq, it-taqlib fl-ekonomija tal-Islanda fil-bidu tal-ħarifa tal-2008, il-preżenza ta' miżuri straordinarji bħall-kontrolli fuq il-kapital, ambjent regolatorju f'evoluzzjoni u ħarsa ġenerali makroekonomika li, minkejja xi stabbiltà riċenti, għadha kemxejn inċerta, speċjalment minħabba l-inkwiet ekonomiku li għaddej fiż-żona tal-euro, ma jagħmluha xejn faċli biex bank jopera bi profitt u tiġi żgurata l-vijabbiltà tiegħu fit-tul. L-Awtorità tisħaq mill-bidu li din il-kunsiderazzjoni trid tiġi kkunsidrata fil-valutazzjoni ta' hawn taħt.

(185) It-Taqsima 2 tal-Linji Gwida dwar ir-Ristrutturar jistabbilixxu li l-Istat taż-ŻEE għandu jipprovdi pjan ta' ristrutturar komprensiv u dettaljat li jipprovdi tagħrif sħiħ fuq il-mudell kummerċjali u li jreġġa' lura l-vijabbiltà fit-tul tal-bank. Il-paragrafu 10 tal-Linji Gwida dwar ir-Ristrutturar jeħtieġ li l-pjan ta' ristrutturar jidentifika l-kawżi tad-diffikultajiet tal-bank u d-dgħjufijiet tal-bank stess, u jispjega kif il-miżuri ta' ristrutturar proposti jirrimedjaw il-problemi sottostanti tal-bank.

(186) Kif spjegat hawn fuq, il-kawżi tad-diffikultajiet ta' Íslandsbanki huma spjegati t-tnejn li huma fil-pjan ta' ristrutturar, iżda anki fir-rapport tal-Kummissjoni ta' Investigazzjoni Speċjali. Fost il-kawżi ewlenin identifikati f'dan tal-aħħar fil-livell tal-bank ta' qabel kien hemm l-espansjoni eċċessiva u insostenibbli, l-ingranaġġ tas-sidien tal-bank, il-konċentrazzjoni tar-riskju, l-ekwità dgħajfa u d-daqs tal-banek meta mqabbla mal-ekonomija tal-Islanda. Barra minn hekk, Glitnir espanda f'LBOs ingranati ħafna ([79]) u fi swieq tal-immobbli kummerċjali barra mill-Islanda. Kien jiddependi ħafna wkoll fuq il-finanzjament tal-operaturi b'terminu qasir u ħa riskju maġġuri billi sellef lis-sidien tiegħu, u l-bank kellu skoperturi singoli kbar.

*Il-miżuri regolatorji tal-vijabbiltà*

(187) Filwaqt li l-pjan ta' ristrutturar ta' Íslandsbanki jindirizza ħafna mid-dgħjufijiet tal-bank kif identifikat iktar 'il fuq, l-Awtorità tqis li l-falliment ta' Glitnir, u t-tiġrif tal-industrija finanzjarja tal-Islanda, kienu kkaġunati wkoll minn għadd ta' fatturi speċifiċi għall-Islanda, relatati mad-daqs żgħir tagħha u n-nuqqasijiet regolatorji u superviżorji enfasizzati mill-Kummissjoni Speċjali ta' Investigazzjoni. Għalhekk, il-vijabbiltà fit-tul ta' Íslandsbanki, bħal dik ta' kwalunkwe bank Islandiż ieħor, ma tiddependix biss fuq il-miżuri meħuda fil-livell tal-bank, iżda anki fuq jekk dawk in-nuqqasijiet superviżorji u regolatorji ġewx rimedjati.

([78]) It-treġġigħ lura għall-vijabbiltà u l-valutazzjoni tal-miżuri ta' ristrutturar fis-settur finanzjarju fil-kriżi attwali skont ir-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat, adottati mill-Awtorità fil-25.11.2009 skont il-kapitolu VII: Regoli Temporanji dwar il-Kriżi Finanzjarja, kif estiżi mil-Linji Gwida tal-2012 dwar il-Kriżi Finanzjarja. Disponibbli fuq il-websajt tal-Awtorità fuq: http://www.eftasurv.int/media/state-aid-guidelines/Part-VIII—Return-to-viability-and-the-assessment-of-restructuring-measures-in-the-financial-sector.pdf.

([79]) Akkwiżizzjoni ingranta.

(188) F'dan ir-rigward, l-Awtorità tosserva b'mod pożittiv l-emendi għall-qafas regolatorju u superviżorju magħmula mill-awtoritajiet tal-Islanda, kif spjegat fl-Anness.

(189) L-ewwel nett, is-setgħat u l-kompetenzi tal-FME żdiedu, *inter alia* b'responsabilitajiet ġodda dwar skoperturi individwali kbar u r-riskji relatati magħhom, li fil-fehma tal-Awtorità jindirizzaw wieħed mill-fatturi li wasslu għall-falliment finanzjarju.

(190) It-tieni, ir-rekwiżiti temporanji ta' proporzjon għoli tal-CAD, u għadd ta' dispożizzjonijiet relatati mal-kollateralizzazzjoni, b'mod partikolari l-projbizzjoni tal-estensjoni ta' kreditu fl-isfond ta' wegħdiet ta' ishma proprji, għandhom l-għan li jiżguraw li l-banek tal-Islanda ma jkunux jistgħu jerġgħu jibnu pożizzjoni dgħajfa ta' kapital. L-Awtorità tqis li dawn il-miżuri se jikkontribwixxu għar-reżiljenza tal-banek tal-Islanda.

(191) It-tielet, ġiet implimentata firxa ta' miżuri relatati mal-eliġibbiltà tad-diretturi u l-membri tal-bord, kif ukoll ir-remunerazzjoni tagħhom. Barra minn hekk, l-għoti b'self lill-partijiet relatati (bħal sidien) ġie soġġett għal regoli iktar stretti, u issal-FME tista' tipprojbixxi lill-bank milli jwettaq attivitajiet speċifiċi, jekk tara li għandu jsir hekk. Ir-regoli esterni u interni tal-kontabbiltà ġew emendati wkoll, pereżempju tnaqqas iż-żmien kemm kontabilist estern jista' jaħdem għall-istess bank. L-Awtorità tosserva bi pjaċir li dawn il-miżuri għandhom l-għan li jipprevjenu milli jerġgħu jseħħu l-avvenimenti f'dak li għandu x'jaqsam mas-sidien u l-eżekuttivi superjuri. Il-miżuri jżidu wkoll il-monitoraġġ tar-riskji esterni, li t-tnejn li huma jnaqqsu t-theddid għall-vijabbiltà tal-banek.

(192) Ir-raba', skont l-awtoritajiet tal-Islanda, il-possibbiltà diġà msemmija għall-FME sabiex jiġu limitati l-attivitajiet ta' bank, tnediet ukoll mit-teħid ta' depożiti fuq skala kbira mill-banek kummerċjali tal-Islanda qabel il-kriżi, li jidher li tal-inqas ħaffef il-falliment tagħhom. Barra minn hekk, fil-fehma tal-Awtorità jidher ukoll li r-regoli l-ġodda dwar il-likwidità u l-bilanċ tal-kambju ([80]) jinvolvu ċerti restrizzjonijiet fir-rigward tal-possibilità li l-banek jattiraw ammonti kbar b'mod sproporzjonat ta' depożiti barranin jekk dan jista' jrendi n-negozji tal-bank iktar fraġli u vulnerabbli għal riskji tal-kambju u tal-likwidità. L-Awtorità tilqa' l-fatt li l-awtoritajiet tal-Islanda wieġbu għal dan l-aspett tal-falliment regolatorju.

*Il-pjan ta' ristrutturar ta' Íslandsbanki*

(193) Dwar il-pjan ta' ristrutturar u l-miżuri fil-livell tal-bank, fl-essenza tiegħu Íslandsbanki mar lura għal mudell kummerċjali iktar tradizzjonali, li jiffoka fuq il-qawwa ewlenija tiegħu (l-ibbankjar domestiku, l-industrija tal-frott tal-baħar u l-industrija ġeotermali), li se jiġi ffinanzjat fil-parti l-kbira permezz ta' depożiti tal-klijenti.

(194) Il-proporzjon tad-depożitu għas-self sejjer jaqa' aktar minn madwar 80 % għal […] % fit-tmiem tal-perjodu ta' ristrutturar […].

(195) Barra minn hekk, kif indikat iktar 'il fuq, mill-mument li twaqqaf, Íslandsbanki – jekk jitqabbel ma' Glitnir – kien sostanzjalment b'inqas ingranaġġ, u hekk kif ħafna mid-dejn tal-operaturi baqa' fil-beni ta' Glitnir, skont il-pjan ta' ristrutturar, se jkollu joqgħod fuq ir-rifinanzjament fis-swieq internazzjonali għal dejn mhux garantit iżda sa ċertu punt ferm limitat.

([80]) Ir-Regoli l-Ġodda dwar il-Bilanċ tal-Kambju adottati mis-CBI daħlu fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2011. L-iskop tar-regoli huwa li jillimitaw ir-riskju tal-kambju billi jevitaw milli l-bilanċi tal-kambju jaqbżu limiti definiti. Waħda mill-iktar bidliet importanti mill-verżjonijiet ta' qabel tar-Regoli huwa li l-pożizzjoni permissibbli miftuħa tal-kambju f'muniti individwali tnaqqset minn 20 % għal 15 % tal-ekwità, u l-bilanċ totali permissibbli tal-kambju tnaqqas minn 30 % għal 15 %. Ir-rapportar tal-bilanċ tal-kambju huwa wkoll iktar dettaljat minn qabel, hekk kif l-assi u l-obbligazzjonijiet denominati f'muniti barranin huma kklassifikati skont it-tip: self, bonds, titoli ta' ekwità, ishma f'fondi mutwi, depożiti, ftehimiet li jġarrbu l-imgħax, djun mal-Bank Ċentrali, u l-bqija. Jekk il-bilanċ tal-kambju jaqbeż il-limiti stabbiliti fir-regoli, l-impriża finanzjarja kkonċernata trid tieħu azzjoni biex telimina d-differenza fi żmien massimu ta' tlitt ijiem tax-xogħol. Jekk il-miżuri ta' impriża finanzjarja jonqsu milli jiksbu dan, is-CBI jista' jikkalkola penali perjodiċi. Is-CBI ħa anki passi oħrajn biex jillimita l-iżbilanċi tal-kambju, pereżempju billi kkonkluda ftehim ta' swap bejn il-muniti ma' wieħed mill-banek kummerċjali kif ukoll billi xtara flus barranin. Skont is-CBI, dawn il-miżuri jippromwovu stabbiltà finanzjarja msaħħa u jżidu r-riżervi tas-CBI ta' muniti barranin mhux mislufin.

(196) Id-dipendenza fuq is-swieq tal-operaturi għar-rifinanzjament kienet waħda mir-raġunijiet ewlenin għall-falliment ta' Glitnir. Sa issal-finanzjament ta' Íslandsbanki kien ibbażat l-iktar fuq depożiti u ekwità, iżda l-pjan ta' ristrutturar jipprevedi tnaqqis żgħir fl-importanza tad-depożiti minn 80 % għal […] % tal-obbligazzjonijiet totali, […]. Íslandsbanki beħsiebu jikkumpensa għal dan billi joħroġ bonds koperti fis-suq domestiku. Diġà rnexxielu joħroġ bonds koperti b'valur ta' ISK 4 biljun f'Diċembru 2011, u […].

(197) […]. Íslandsbanki huwa tal-opinjoni li l-aptit limitat attwali tal-investituri għal karti Islandiżi mhux garantiti jista' jikber ladarba l-garanzija bla limitu fuq id-depożiti titneħħa. L-Awtorità tqis li, fuq il-bażi tal-fatti ppreżentati mill-awtoritajiet tal-Islanda, is-sitwazzjoni ta' finanzjament tal-bank tidher li se tkun soda sa tmiem il-perjodu ta' ristrutturar. Minħabba l-inċertezzi madwar il-garanzija tad-depożiti u l-kontrolli fuq il-kapital, kif ukoll l-iżviluppi ambigwi fil-ġejjieni ta' swieq tad-dejn (sovran), ma tistax tikkonkludi fuq jekk l-istrateġija ta' finanzjament ta' Íslandsbanki hijiex se timmaterjalizza kif previst fit-tul. Madankollu, minħabba d-dipendenza qawwija fuq id-depożiti u bonds koperti matul il-perjodu ta' ristrutturar, u s-sehem kbir ta' dawk it-tipi ta' dejn fuq il-karta bilanċjali, l-Awtorità tiddikjara li ċaqliq żgħir fl-istrateġija ta' finanzjament li jista' jkun hemm bżonn li jsir fil-ġejjieni ma jkunx ta' periklu għall-vijabbiltà tal-bank.

(198) Fir-rigward tan-naħa tal-assi tal-karta bilanċjali, l-assi internazzjonali li huma l-aktar ta' riskju – bħat-titoli tal-beni immobbli kummerċjali barra mill-pajjiż – inżammu mal-beni ta' Glitnir. Minħabba dan, il-karta bilanċjali ċkienet b'85 %. B'hekk, dgħjufija ewlenija tal-mudell kummerċjali ta' Glitnir – id-dipendenza fuq assi internazzjonali riskjużi bla valutazzjoni tar-riskju xierqa u għarfien limitat tas-suq – ġiet rimedjata. L-Awtorità tilqa' l-fatt li skont il-pjan ta' ristrutturar, il-bank mhuwiex se jidħol għal negozju simili fil-ġejjieni, iżda minflok se jiffoka fuq in-negozju ċentrali tradizzjonali tiegħu.

(199) Evidentament, il-bank kiber sa minn meta ġie stabbilit, b'mod partikolari permezz tal-akkwist ta' Byr. Madankollu, skont il-pjan ta' ristrutturar, dan ma għandux impatt maġġuri fuq il-mudell kummerċjali ta' Íslandsbanki, minħabba li Byr, b'mod ewlieni, kellu assi domestiċi ta' karatteristiċi simili għal dawk tal-portafoll ta' Íslandsbanki. Fi kwalunkwe każ, l-Awtorità tqis li d-divestimenti impenjati, li qegħdin jiġu diskussi aktar 'l isfel, sejrin jikkontribwixxu sabiex Íslandsbanki jitħalla jiffoka fuq in-negozju ewlieni tiegħu.

(200) Sfida konsiderevoli għall-bank fir-rigward tal-portafoll tal-assi tiegħu tibqa' r-ristrutturar tas-self li ġie ttrasfertit minn Glitnir. F'dan ir-rigward, l-Awtorità tinnota b'mod pożittiv li dan il-proċess ta' ristrutturar huwa prijorità għall-bank, kif muri mill-bosta proposti ġeneriċi u mfasslin apposta li l-bank għamel lill-klijenti tiegħu b'ingranaġġ eċċessiv. Filwaqt li l-proċess ma mexiex malajr daqs kemm kien ippjanat inizjalment, diġà ntlaħaq ħafna. Pereżempju, fit-8 ta' Frar 2012, 2,680 kumpanija għaddew minn xi forma ta' ristrutturar u skont l-awtoritajiet Islandiżi, il-maġġoranza l-kbira ta' dawn, kienu kapaċi jiffinanzjaw id-dejn tagħhom wara r-ristrutturar.

(201) L-Awtorità tqis li dan huwa indikatur tas-solidità tal-metodi ta' ristrutturar ta' Íslandsbanki. Barra minn hekk, fuq il-bażi tad-dejta fid-dashboard tar-ristrutturar tal-banek, jidher realistiku li l-bank jista' jilħaq il-mira tiegħu li jlesti r-ristrutturar tad-dejn korporattiv sa tmiem l-2012 u tad-dejn fuq l-imnut sal-2013. B'mod ġenerali, diment li ma jkunx hemm żviluppi mhux mistennija fl-ambjent makroekonomiku tal-Islanda jew barra l-pajjiż, dan ikun ifisser li fi tmiem il-perjodu ta' ristrutturar, hija l-fehma tal-Awtorità li Íslandsbanki se jkollu karta bilanċjali relattivament b'saħħitha u portafolli tas-self ferm produttivi.

(202) Kif indikat hawn fuq, il-kapitalizzazzjoni dgħajfa ta' Glitnir kienet wieħed mill-fatturi li wassal għall-falliment tiegħu. Il-pjan ta' ristrutturar ta' Íslandsbanki jbassar li l-bank se jibqa' ferm ogħla mill-proporzjon minimu ta' 16 % tal-CAD meħtieġ mill-FME tul il-perjodu ta' ristrutturar. Dan il-proprozjon huwa ferm ogħla mill-minimu ta' 10,5 % tal-Basel III. Anki skont il-każ tal-istress li Íslandsbanki ġie sottomess għalih flimkien mar-rapport tal-ICAPP ta' din is-sena mehmuż mal-pjan ta' ristrutturar, il-proporzjon tal-CAD mhuwiex se jaqa' taħt dan il-punt ta' riferiment għoli. Skont il-pjan ta' ristrutturar, Íslandsbanki se jnaqqas gradwalment il-proporzjon kapitali

tiegħu sabiex iżid il-profittabilità billi jibda jħallas dividendi. ([81]) L-Awtorità tqis li huwa prudenti u konfortanti li anki fil-każ ta' stress sottomess minn Íslandsbanki, li jidher li huwa bbażat fuq parametri li jagħmlu sens, jibqa' surplus kapitali ta' aktar minn ISK […] biljun, li f'ambjent operattiv kif deskritt hawn fuq, jipprovdi lil Íslandsbanki b'kapaċità sinifikanti sabiex jilqa' kontra sitwazzjonijiet mhux mistennija.

(203) Dwar il-pożizzjoni ta' likwidità tal-bank, l-Awtorità tosserva li s-sitwazzjoni attwali, skont il-pjan ta' ristrutturar, tidher robusta biżżejjed, u li ma hemm l-ebda indikazzjoni li s-sitwazzjoni tista' teqleb għall-agħar b'mod sostanzjali tul il-perjodu ta' ristrutturar. Barra minn hekk, l-Awtorità tqis li l-ittestjar tal-istress tal-proporzjon ta' likwidità tal-bank fil-kuntest tar-rapport tal-ICAAP, skont liema, il-bank huwa mħejji sew għal sitwazzjonijiet avversi, jissuġġerixxi li s-sitwazzjoni ta' likwidità ta' Íslandsbanki mhijiex waħda b'saħħitha.

(204) L-Awtorità tilqa' wkoll il-bidliet għall-governanza korporattiva u l-immaniġġar tar-riskji ta' Íslandsbanki, kif spjegat iktar 'il fuq, li jindirizzaw dgħjufija fin-negozju ta' Glitnir u se jikkontribwixxu għal valutazzjoni tar-riskji iktar oġġettiva u professjonali fit-tħaddim tal-bank.

(205) Fir-rigward tal-profitabbiltà, il-Linji Gwida dwar ir-Ristrutturar jistabbilixxu wkoll li l-pjan ta' ristrutturar għandu juri kif il-bank se jreġġa' lura l-vijabbiltà tiegħu fit-tul mingħajr għajnuna mill-Istat malajr kemm jista' jkun. B'mod partikolari, il-bank għandu jkun jista' jiġġenera redditu azzjonarju xieraq, filwaqt li jkopri l-ispejjeż kollha tal-operazzjoni normali tiegħu u jikkonforma mar-rekwiżiti regolatorji rilevanti. B'mod partikolari, il-punt 13 tal-Linji Gwida dwar ir-Ristrutturar jindika li l-vijabbiltà fit-tul tinkiseb meta bank ikun kapaċi jkopri l-ispejjeż kollha tiegħu matul deprezzament u bidliet finanzjarji u jipprovdi redditu azzjonarju xieraq, filwaqt li jittieħed f'kunsiderazzjoni l-profil ta' riskju tal-bank.

(206) F'dan il-punt, l-Awtorità tfakkar dak li diġà ssemma hawn fuq, jiġifieri li l-ambjent ekonomiku li fih jopera Íslandsbanki jkun ta' sfida għal kull bank. Fid-dawl ta' dan, l-Awtorità hija sodisfatta bil-profitabbiltà mbassra talpjan ta' ristrutturar, li, minkejja l-proporzjon ta' kapital għoli, se jkun adegwat u fil-biċċa l-kbira ogħla mill-miri ta' profitabbiltà ta' Íslandsbanki stess matul il-biċċa l-kbira tal-perjodu ta' ristrutturar u lil hinn minnu. Bejn l-2009 u l-2014, ir-ROE jvarja bejn […] % u […] %. Madankollu, kif deskritt hawn fuq, […] il-varjazzjoni hija dovuta l-aktar għal sitwazzjonijiet u avvenimenti irregolari, bħall-gwadannji fil-valutazzjoni mill-assi ttrasferiti minn Glitnir, minn naħa waħda, u t-tniżżil fil-valur ikkawżat mis-sentenza riċenti tal-Qorti Suprema dwar self f'muniti barranin, u l-akkwist ta' Byr min-naħa l-oħra. Skont il-pjan ta' ristrutturar, dawn l-avvenimenti irregolari mhumiex mistennija li jseħħu lil hinn mill-2013, u mill-2014 sal-2016 ir-ROE huwa mistenni li jiżdied minn […] % sa […] %. Il-kalkolu li ssottomettew l-awtoritajiet Islandiżi li fih id-Dikjarazzjoni tal-Qligħ u t-Telf (Profit and Loss Statement - P&L) ġiet imnaddfa minn dawk l-oġġetti rregolari jindika li l-bank għamel u se ikompli jagħmel profitti relattivament stabbli bejn l-2008 u l-2016. Ir-rapport mill-Icelandic State Financial Investments ("ISFI") imsemmi hawn fuq jidher li jappoġġa din il-konklużjoni. Għalkemm mhuwiex ċar jekk dawn il-kalkoli jirriflettux bis-sħiħ l-gwadannji li jirriżultaw mill-iskont profond, l-Awtorità tinnota li wara l-2013, meta l-iskont huwa mbassar li jkun assorbit totalment, il-bank se jagħmel profitti ta' bejn ISK […] u […] biljun kull sena skont il-pjan ta' ristrutturar.

(207) Uħud mill-aspetti l-aktar rilevanti u dettaljati tal-ippjanar finanzjarju li fuqhom huwa bbażat il-pjan ta' ristrutturar issemmew hawn fuq, bħad-dħul li qiegħed jonqos mis-segmenti tan-negozju importanti tas-servizzi bankarji korporattivi u bl-imnut matul il-perjodu ta' ristrutturar. L-Awtorità jidhirlha li dan huwa prinċipalment ir-riżultat talassorbiment tal-iskont, u jirrifletti l-ispejjeż ta' finanzjament li qegħdin jiżdiedu (li jirriżulta minn diversifikazzjoni akbar fuq in-naħa tal-obbligazzjonijiet, b'sehem ta' dejn akbar b'maturitajiet itwal), kif ukoll tnaqqis fil-marġni nett tal-imgħax mil-livell attwali ta' 4,4 % għal […] %. L-Awtorità hija tal-fehma li huwa prudenti li wieħed ma jiddependix fuq żieda fid-dħul f'dawn is-segmenti. Tabilħaqq, jidher probabbli li l-ispejjeż ta' finanzjament se jiżdiedu kemxejn (skont il-pjan ta' ristrutturar, b'massimu ta' […]bp). Rigward l-marġni tar-rata tal-imgħax, l-Awtorità

([81]) Madankollu, fir-rapport tal-ICAAP, Íslandsbanki jenfasizza li deċiżjonijiet fuq kull pagament ta' dividend ta' kull sena, sejrin ikunu bbażati fuq analiżi tal-adegwatezza tal-kapital aġġornata u sejjer iqis ukoll il-pożizzjoni tal-likwidità tal-Bank.

tinnota li anki wara t-tnaqqis antiċipat għal […] %, din tkun pjuttost għolja meta mqabbla fuq livell internazzjonali. ([82]) Skont l-awtoritajiet Islandiżi, il-marġni kienet bejn wieħed u ieħor f'dak il-livell jew ogħla matul l-aħħar deċennji, u hija dovuta, fost fatturi oħrajn, għall-ambjent ta' rati tal-imgħax għoljin fl-Islanda, is-sehem aktar baxx ta' self f'ipoteki fil-portafoll ta' self u d-daqs iżgħar tal-banek. L-Awtorità tikkunsidra dawn l-ispjegazzjonijiet raġonevoli, u għalhekk issib li dan l-aspett tal-ippjanar finanzjarju huwa plawżibbli biżżejjed.

(208) Fattur importanti ieħor li jmexxi l-profitabbiltà futura skont il-pjan ta' ristrutturar huwa dħul akbar minn ħlasijiet u kummissjonijiet, li huwa mbassar li jiżdied […] tul il-perjodu tal-ippjanar […]. Din iż-żieda mbagħad għandha tagħti profitti ta' ISK […] fl-2016. L-awtoritajiet Islandiżi jissottomettu li dawn il-projezzjonijiet huma plawżibbli, peress li n-negozju li jitħallas b'kummissjoni, bħal transazzjonijiet relatati mas-suq tal-ishma u kummerċ tal-kambju prattikament ġie fix-xejn b'riżultat tal-kontrolli kapitali. Madankollu, peress li skont l-awtoritajiet Islandiżi huwa realistiku li wieħed jistenna żieda sostanzjali fl-attività fil-borża, u l-kontrolli kapitali għandhom jitneħħew fit-tmiem tal-2013, l-Awtorità ma għandhiex dubji dwar il-plawżibbiltà ta' dawn il-figuri.

(209) Minbarra n-naħa tad-dħul tat-tbassir tal-P&L, il-bank ħa għadd ta' inizjattivi, kif deskritt hawn fuq, biex iżid l-effiċjenza u jnaqqas l-ispejjeż, fosthom tnaqqis tal-persunal b'madwar 10 %, li kollox ma' kollox għandu jnaqqas l-proporzjon tal-ispiża mad-dħul minn 75 % għal […] % fl-2014. L-Awtorità tilqa' dawn l-isforzi, peress li l-proporzjon preżenti jidher li huwa pjuttost għoli meta mqabbel fuq livell internazzjonali. L-Awtorità tikkunsidra wkoll li, fuq il-bażi tal-pjan ta' ristrutturar, huwa plawżibbli li din il-mira tista' tintlaħaq, peress li tabilħaqq it-tlestija tar-ristrutturar tal-portafoll li ntiret mingħand Glitnir u t-tnaqqis antiċipat tal-ħidma superviżorja għandu jagħmilha possibbli li jitnaqqas in-numru ta' impjegati tal-bank, u l-gwadannji fl-effiċjenza jidhru li xorta għadhom jistgħu jinkisbu fl-operat tal-bank.

(210) Minbarra dan li ntqal hawn fuq, jidher ċar li l-pjan ta' ristrutturar huwa bbażat fuq numru kbir ta' suppożizzjonijiet oħrajn. L-Awtorità kellha l-għan li tiskrutinizza dawk li jidhru l-iktar pertinenti u bl-ikbar influwenza fuq il-vijabbiltà ta' Íslandsbanki fil-ġejjieni. Fir-rigward tas-suppożizzjonijiet makroekonomiċi, dawn jidhru ġeneralment konformi mat-tbassir tal-IMF u ta' Statistics Iceland, pereżempju fir-rigward tat-tkabbir tal-PDG u l-qgħad. B'mod ġenerali, is-suppożizzjonijiet li fuqhom il-pjan ta' ristrutturar huwa bbażat jidhru li huma prudenti biżżejjed biex, flimkien mal-kunsiderazzjonijiet stabbiliti mill-Awtorità ta' hawn fuq, tkun tista' tinħareġ il-konklużjoni li l-miżuri ta' ristrutturar meħuda mill-bank huma biżżejjed biex tiġi żgurata l-vijabbiltà fit-tul tiegħu, diment li ma jfeġġux xi avvenimenti mhux mistennija avversi ta' skala u konsegwenzi mhux previsti.

(211) Wara li ħadet f'kunsiderazzjoni dawn l-elementi, l-Awtorità tqis li l-pjan ta' ristrutturar jinvolvi biżżejjed elementi li jikkontribwixxu għat-treġġigħ lura lejn il-vijabbiltà fit-tul tal-bank għall-Awtorità biex tikkonkludi li nżammet konformità mad-dispożizzjonijiet tat-taqsima 2 tal-Linji Gwida dwar ir-Ristrutturar.

### 3.3. **Il-kontribuzzjoni proprja/il-qsim tal-piżijiet**

(212) Il-paragrafu 22 tal-Linji Gwida dwar ir-Ristrutturar jgħid hekk: "Biex jiġu limitati d-distorsjonijiet fil-kompetizzjoni u biex jiġi affaċċjat periklu morali, l-għajnuna trid tkun limitata għall-minimu neċessarju u l-benefiċjarju tal-għajnuna jrid jipprovdi kontribuzzjoni proprja għall-ispejjeż ta' ristrutturar. Il-bank u d-detenturi tal-kapital tagħha jridu jikkontribwixxu kemm jista' jkun għar-ristrutturar bir-riżorsi proprji tagħhom. Dan hu neċessarju biex jiġi żgurat li banek salvati jġorru responsabbiltà adegwata għall-konsegwenzi tal-imġiba tagħhom fil-passat u biex jinħolqu inċentivi xierqa għall-imġiba futura tagħhom".

(213) F'dan ir-rigward, l-Awtorità tfakkar aspett deċiżiv tal-każ inkwistjoni. Meta Íslandsbanki twaqqaf fuq il-bażi tal-operazzjonijiet domestiċi ta' Glitnir, l-investimenti tal-azzjonisti f'Glitnir Bank kienu kompletament eliminati u b'hekk ikkontribwixxew għall-massimu possibbli għar-ristrutturar ta' Íslandsbanki. Barra minn hekk, il-kredituri ta' Glitnir kellhom iġarrbu telf konsiderevoli ([83]), jew tal-inqas jieħdu r-riskju tal-investiment tagħhom skont il-profitabbiltà ta' Íslandsbanki. B'hekk, f'dak li għandu x'jaqsam mas-sidien u l-kredituri ta' Glitnir, il-kriterju ta' qsim tal-piżijiet huwa ssodisfat b'mod ottimali u hija indirizzata l-kwistjoni ta' periklu morali.

([82]) Ara pereżempju r-rapport tal-Istabilità Finanzjarja tas-CBI 2011:2, li minnu jirriżulta li l-marġni tar-rata tal-imgħax hija madwar darbtejn jew tliet darbiet ogħla fl-Islanda milli f'pajjiżi Nordiċi oħrajn.
([83]) Skont l-istimi attwali, it-telf jista' jammonta għal 70-75 % tas-self li taw lil Glitnir; ara pereżempju http://glitnirbank.com/press-room/tilkynningar-a-islensku/448-athugasemdfraslidastjorn.html

(214) Minbarra dan ta' hawn fuq, l-Awtorità teħtieġ tivvaluta jekk l-għajnuna mill-istat li rċieva Íslandsbanki kinitx limitata għall-minimu neċessarju.

(215) Fir-rigward il-miżuri ta' kapitalizzazzjoni, il-kapitalizzazzjoni inizjali ta' Íslandsbanki, sakemm il-ftehim mal-kredituri ta' Glitnir naqqas is-sehem tal-Istat għal 5 %, kienet biżżejjed bl-eżatt biex tissodisfa r-rekwiżiti ta' kapital tal-FME. Fl-2009, wara li kien konkluż il-ftehim fuq l-akkwiżizzjoni ta' Glitnir minn Arion Bank, u kien ingħata l-kapital tal-Grad II lil Íslandsbanki, il-proporzjon tal-CAD tela' għal madwar 19 %, tliet punti perċentwali iktar mill-proporzjon minimu stabbilit mill-FME. F'dan il-kuntest, l-Awtorità tosserva li l-proporzjon tal-kapital kien jiddependi l-iktar fuq jekk il-valutazzjoni tal-assi li kienu ġew trasferiti minn Glitnir lejn Íslandsbanki kinitx saret bi preċiżjoni. Barra minn hekk, ta' min ifakkar li f'dak iż-żmien il-qagħda ekonomika għall-Islanda kienet miżgħuda inċertezzi. Fid-dawl ta' dan li ntqal hawn fuq, l-Awtorità tqis li l-ammont ta' kapital ipprovdut mill-istat tal-Islanda lil Íslandsbanki kien limitat għall-minimu meħtieġ, peress li ma kien jammonta għal xejn iktar mill-minimu regolatorju flimkien ma' bafer raġonevoli.

(216) Din il-konklużjoni ma ġietx kontrarjata mill-fatt li, wara, il-proprozjon tal-CAD ta' Íslandsbanki kiber mhux ħażin u b'hekk seta' jassorbi bank li kien nieqes serjament mill-kapital – Byr – fl-2011. Iż-żieda fil-proporzjon tal-CAD kienet kważi esklussivament dovuta għat-tlugħ fil-valur tal-valur skont il-kotba tal-assi li kienu ġew trasferiti minn Glitnir lil Íslandsbanki. Dan ma seta' jitbassar bl-ebda ċertezza, u, fil-fehma tal-Awtorità, il-fatt li l-proporzjon tal-CAD żviluppa tant tajjeb iktar tard ma huwa l-ebda raġuni li twassal sabiex jitqies li Íslandsbanki ġie kapitalizzat b'mod eċċessiv mill-Istat fil-bidu. ([84])

(217) Il-paragrafu 26 tal-Linji Gwida dwar ir-Ristrutturar jistabbilixxi li l-banek, meta jirċievu l-għajnuna għar-ristrutturar, "iridu jkunu kapaċi jirrimuneraw il-kapital, inkluż fil-forma ta' dividendi u kupuni fuq dejn subordinat li jkun għadu dovut, mill-profitti ġenerati bl-attivitajiet tagħhom".

(218) F'dan il-kuntest, ta' min ifakkar li l-Istat għamel redditu annwalizzat ta' kważi 14 % fuq il-kapital li ntradd lura diġà fil-Ħarifa tal-2009. Il-prospett ta' redditu sodisfaċenti għas-sehem ta' 5 % li l-Istat żamm jidher li hu promettenti wkoll, minħabba l-prestazzjoni ġenerali tajba ta' Íslandsbanki sa mit-twaqqif tiegħu.

(219) Madankollu, ta' min jisħaq ukoll li r-remunerazzjoni għall-kapital tal-Grad II ġej mil-Linji Gwida tal-Awtorità dwar ir-Rikapitalizzazzjoni ([85]). Kif korrettament ippreżentat mill-awtoritajiet tal-Islanda, ir-remunerazzjoni meħtieġa skont il-Linji Gwida dwar ir-Rikapitalizzazzjoni tammonta għal madwar 15,7 % (li tikkonsisti fl-ispiża ta' finanzjament tal-gvern ta' 8 %, il-firxa tas-CDS ta' Glitnir qabel il-kriżi ta' 5,7 % u tariffa supplimentari ta' 2 %). Ir-remunerazzjoni mħallsa minn Íslandsbanki, EURIBOR flimkien ma' 4 % supplimentazzjoni, tkun tidher li hija nieqsa ferm minn dan il-valur referenzjarju. Skont il-paragrafu 25 tal-Linji Gwida dwar ir-Ristrutturar, tali deroga minn qsim tal-piżijiet adegwat *ex ante* (jiġifieri remunerazzjoni xierqa) tista' tiġi ġġustifikata, *inter alia*, permezz ta' ristrutturar iktar mifrux, inklużi miżuri għal-limitazzjoni tat-tfixkil tal-kompetizzjoni. Kif muri hawn taħt, l-Awtorità tqis li r-ristrutturar ta' Íslandsbanki huwa mifrux biżżejjed sabiex tintlaħaq din il-kundizzjoni.

(220) Filwaqt li l-ftehim ta' Straumur, kif deskritt hawn fuq, jinvolvi elementi ta' għajnuna mill-Istat, l-Awtorità tqis li dan inbena b'mod li jipprova jillimita, jekk ma jeskludix, vantaġġ finanzjarju dirett għal Íslandsbanki. Fl-essenza tiegħu, il-ftehim jikkostitwixxi kumpens innegozjat għal Íslandsbanki bħala tpartita għat-teħid tal-obbligazzjonijiet tad-depożiti ta' Straumur, u aktarx li Íslandsbanki jikseb assi pariġġ għall-obbligazzjonijiet trasferiti. L-Awtorità ma tqisx li din l-għajnuna hija ta' importanza kbira għall-valutazzjoni tagħha tal-qsim tal-piżijiet.

([84]) L-istat tal-kapitalizzazzjoni ta' Íslandsbanki kien ibbażat direttament fuq id-differenza bejn il-valutazzjoni inizjali tal-assi u l-passivi trasferiti, u fuq ir-rekwiżit fuq il-kapital tal-FME.

([85]) Ir-rikapitalizzazzjoni ta' istituzzjonijiet finanzjarji fil-kriżi finanzjarja attwali: limitazzjoni ta' għajnuna għall-minimu meħtieġ u salvagwardji minħabba distorsjonijiet mhux mistħoqqa ta' kompetizzjoni ("il-Linji Gwida ta' Rikapitalizzazzjoni"), ĠU L 17, 21.1.2011 u s-Suppliment ŻEE Nru 3. Il-linji gwida huma disponibbli wkoll fuq il-websajt tal-Awtorità fuq: http://www.eftasurv.int/state-aid/legal-framework/state-aid-guidelines/.

(221) Fl-aħhar, dwar il-garanzija tad-depożiti, fid-deċiżjoni ta' ftuħ l-Awtorità diġà indikat li – fid-dawl taċ-ċirkostanzi straordinarji f'dak iż-żmien – din tista' tikkostitwixxi mezz proporzjonat ta' salvagwardja tal-istabbiltà finanzjarja fl-Islanda. Madankollu, jidher biċ-ċar li għajnuna bħal din ma tistax tiġi approvata b'mod indefinit.

(222) B'hekk, sabiex din l-għajnuna mill-Istat titqies limitata għall-minimu neċessarju, l-Awtorità hija tal-fehma li din trid tieqaf malajr kemm jista' jkun. Għaldaqstant, l-Awtorità tilqa' l-intenzjoni tal-awtoritajiet tal-Islanda li jabolixxu l-garanzija tad-depożiti, qabel ma jitneħħew il-kontrolli fuq il-kapital, b'hekk, skont l-ippjanar attwali, mhux iktar tard minn tmiem l-2013.

(223) Sabiex tagħmel tajjeb għal dewmien fit-tneħħija tal-kontrolli kapitali, u sabiex tirrifletti l-fehma tal-Awtorità li bank vijabbli għandu jkun kapaċi jikkompeti fis-suq mingħajr il-protezzjoni ta' garanzija kategorika bħal din fuq id-depożiti, hija sejra għaldaqstant tawtorizza l-garanzija tad-depożiti sa tmiem l-2014. ([86]) Wara dak iż-żmien, il-protezzjoni tad-depożiti għandha tiġi rregolata biss permezz tal-leġiżlazzjoni applikabbli taż-ŻEE dwar il-garanziji tad-depożiti.

(224) Fuq il-bażi tal-elementi ta' hawn fuq, l-Awtorità tikkonkludi li l-pjan ta' ristrutturar ta' Íslandsbanki jiżgura li l-għajnuna hija limitata għall-minimu neċessarju u li l-benefiċjarju, l-azzjonisti u d-detenturi ta' djun tal-bank ta' qablu ħadu sehem b'mod notevoli fil-qsim tal-piżijiet. B'hekk, l-għajnuna għar-ristrutturar hija konformi mat-Taqsima 3 tal-Linji Gwida dwar ir-Ristrutturar.

### 3.4. **Il-limitazzjoni tat-tfixkil tal-kompetizzjoni**

(225) Fit-Taqsima 4, paragrafu 29-32, il-Linji Gwida dwar ir-Ristrutturar jistabbilixxu li:

"L-istabbiltà finanzjarja tibqa' l-għan primarju tal-għajnuna għas-settur finanzjarju fi kriżi sistemika, iżda s-salvagwardjar tal-istabbiltà sistemika għal perjodu qasir ma jridx jirriżulta fi ħsara għal perjodu itwal għall-kundizzjonijiet ta' kompetizzjoni ugwali jew għas-swieq kompetittivi. F'dan il-kuntest, il-miżuri biex jillimitaw id-distorsjonijiet fil-kompetizzjoni minħabba l-għajnuna mill-Istat għandhom rwol importanti. […]Il-miżuri biex jillimitaw id-distorsjoni fil-kompetizzjoni jridu jitfasslu b'mod speċifiku biex jaffaċċjaw id-distorsjonijiet identifikati fis-swieq fejn il-bank benefiċjarju jopera wara r-ritorn tiegħu għal-vijabbiltà wara r-ristrutturar, filwaqt li fl-istess ħin jaderixxu ma' politika u prinċipji komuni. L-Awtorità tieħu bħala punt ta' tluq għal-valutazzjoni tagħha tal-bżonn ta' miżuri bħal dawn, id-daqs, l-iskala u l-ambitu tal-attivitajiet li l-bank inkwistjoni jkollu wara l-implimentazzjoni ta' pjan ta' ristrutturar kredibbli kif previst fit-Taqsima 2 ta' dan il-Kapitolu. […]In-natura u l-forma ta' miżuri bħal dawn se jiddependu fuq żewġ kriterji: l-ewwel, l-ammont tal-għajnuna u l-kundizzjonijiet u ċ-ċirkustanzi li bihom ingħatat u, it-tieni, il-karatteristiċi tas-suq jew tas-swieq li fuqhom se jopera l-bank benefiċjarju.

Dwar l-ewwel kriterju, il-miżuri li jillimitaw id-distorsjonijiet se jvarjaw b'mod sinifikanti skont l-ammont tal-għajnuna kif ukoll il-grad tal-qsim tal-piżijiet u l-livell tal-prezzijiet. Ġeneralment, fejn il-qsim tal-piżijiet ikun ikbar u l-kontribuzzjoni proprja tkun ogħla, ikun hemm inqas konsegwenzi negattivi li jirriżultaw mill-periklu morali.

Dwar it-tieni kriterju, l-Awtorità se tanalizza l-effetti probabbli tal-għajnuna fuq is-swieq fejn il-bank benefiċjarju jopera wara r-ristrutturar. L-ewwel nett, se jiġu eżaminati d-daqs u l-importanza relattiva tal-bank fis-suq jew fis-swieq tiegħu, wara li jkun irritorna għal-vijabbiltà. Il-miżuri se jitfasslu skont il-karatteristiċi tas-suq biex jiġi żgurat li tiġi preżervata kompetizzjoni effettiva. […]Il-miżuri li jillimitaw id-distorsjonijiet fil-kompetizzjoni ma jridux jippreġudikaw il-prospetti tar-ritorn tal-bank għall-vijabbiltà."

(226) Minn dan li ntqal hawn fuq jirriżulta li d-daqs tal-għajnuna, b'mod partikolari f'termini relattivi, u l-karatteristiċi tas-suq huma deċiżivi fil-valutazzjoni mwettqa mill-Awtorità fuq l-adegwatezza tal-miżuri ta' limitazzjoni tat-tfixkil tal-kompetizzjoni. Fl-istess ħin, jidher ċar li t-tali miżuri ma jridux ixekklu l-vijabbiltà tal-benefiċjarju tal-għajnuna għar-ristrutturar, u t-tħassib dwar il-kompetizzjoni jrid jiġi indirizzat fid-dawl tal-għan ewlieni ta' stabbiltà finanzjarja fil-kriżi attwali.

([86]) Fi tmiem l-2014, se jkunu ntemmu l-perjodi ta' ristrutturar tal-banek Islandiżi kollha li fuqhom tnediet investigazzjoni formali.

(227) Fl-isfond tal-qafas legali ta' hawn fuq, iktar 'il quddiem l-Awtorità se tistabbilixxi l-kunsiderazzjonijiet li hija tqis essenzjali għall-valutazzjoni tagħha tal-miżuri li jillimitaw it-tfixkil tal-kompetizzjoni.

(228) L-ewwel u qabel kollox, l-Awtorità tqis li minħabba s-sitwazzjoni partikolari fis-swieq finanzjarji tal-Islanda u l-kundizzjonijiet ekonomiċi, kif deskritti fil-kapitoli ta' qabel, hemm bżonn li ssir valutazzjoni bir-reqqa tal-kundizzjonijiet tas-suq u l-ambjent kompetittiv. Il-miżuri li jillimitaw it-tfixkil tal-kompetizzjoni għandhom jirriflettu ċ-ċirkostanzi li bħalissa huma diffiċli, filwaqt li jiżguraw li t-tfixkil tal-kompetizzjoni huwa limitat għall-minimu kemm fil-perjodu qasir kif ukoll fit-tul.

(229) It-tieni, kif ġie stabbilit iktar 'il fuq fit-taqsima fuq il-qsim tal-piżijiet, ġiet indirizzata l-ikbar kontribuzzjoni possibbli mill-eks sidien ta' Glitnir, u sa ċertu punt, il-kredituri ta' Glitnir. Minħabba dan, il-bżonn ta' miżuri oħrajn tal-kompetizzjoni ġie limitat.

(230) It-tielet, rigward il-karatteristiċi tas-suq rilevanti u kif spjegat iktar 'il fuq, il-falliment tas-sistema finanzjarja fl-Islanda, segwit mill-interventi tal-awtoritajiet tal-Islanda, inkluż it-twaqqif ta' Íslandsbanki fuq il-bażi tal-operazzjonijiet domestiċi ta' Glitnir, wasslu għal konċentrazzjoni ikbar fis-suq Islandiż għas-servizzi finanzjarji, u żiedu b'mod sostanzjali s-sehem mis-suq tat-tliet banek il-kbar – Íslandsbanki, Arion Bank u Landsbankinn. Minbarra dawn, hemm biss ftit atturi oħrajn u żgħar tas-suq, u l-prospettiva immedjata ta' attur li jidħol ġdid hija ferm limitata, mhux biss minħabba l-ostakli li diġà ssemmew għad-dħul u d-daqs żgħir tas-suq, iżda b'mod partikolari anki minħabba l-kontrolli prevalenti fuq il-kapital. Íslandsbanki jgawdi pożizzjoni ferm importanti f'dan is-suq konċentrat, b'sehem mis-suq ta' aktar minn […] % f'ħafna mill-iktar segmenti relevanti u ekonomikament importanti.

(231) Ir-raba', il-kriżi wasslet għal numru ta' problemi ferm speċifiċi, bħal-livell estremament għoli ta' sjieda diretta u indiretta tal-banek il-kbar fl-ekonomija reali u l-eżistenza ta' monopolju de-facto għas-servizzi informatiċi bankarji (RB), bi sjieda ta' maġġoranza mit-tliet banek il-kbar.

(232) Il-ħames, id-daqs relattiv tal-għajnuna li rċieva Íslandsbanki huwa notevoli. F'dan ir-rigward, l-Awtorità tosserva li fil-bidu, il-kapital sħiħ tal-bank ġie pprovdut mill-Istat. Barra minn hekk, il-bank ibbenefika minn firxa ta' miżuri ta' għajnuna – il-ftehim ta' Straumur, il-faċilità speċjali ta' likwidità u l-garanzija kategorika tad-depożiti. Fl-istess ħin, Íslandsbanki għadu bank żgħir, tal-inqas meta mqabbel ma' standards internazzjonali.

(233) Fis-sitt lok, l-akkwist ta' Byr mill-bank jeħtieġ miżuri ta' kompetizzjoni addizzjonali. Fit-tieni deċiżjoni Byr, l-Awtorità talbet li l-pjan ta' ristrutturar li ġej għandu jinkludi miżuri li jiżguraw li s-suq finanzjarju Islandiż ikun jista' jibbenefika minn kompetizzjoni effettiva fil-futur, sabiex jiġi indirizzat it-tħassib li l-Awtorità qajmet dwar l-istat ta' kompetizzjoni fis-suq finanzjarju Islandiż.

(234) F'dan l-isfond, l-Awtorità tosserva li ttieħdu jew se jittieħdu għadd ta' miżuri li jillimitaw it-tfixkil tal-kompetizzjoni li jirriżulta mill-għajnuna mill-istat mogħtija lil Íslandsbanki.

(i) Il-miżuri u l-iżviluppi regolatorji meħuda jew meħuda bħala impenn mill-awtoritajiet tal-Islanda

(235) Il-Gvern tal-Islanda ħa speċifikament żewġ impenji (ara l-Anness) li fil-fehma tal-Awtorità jistgħu jikkontribwixxu għall-ħolqien ta' ambjent regolatorju li jiffavorixxi l-kompetizzjoni fis-swieq finanzjarji:

(236) L-ewwel, bil-ħatra ta' grupp ta' ħidma li se jirrevedi l-Att Nru 36/1978 dwar it-Taxxa tat-Timbru, u bl-eżaminazzjoni b'mod partikolari dwar jekk għandhomx jitneħħew it-taxxi tat-timbru għal bonds maħruġa minn individwi meta trasferiti bejn kredituri (pereż. meta individwi jittrasferixxu s-self tagħhom minn istituzzjoni ta' self waħda lill-oħra). L-Awtorità tqis li l-liġi attwali – li *inter alia* tobbliga lill-klijenti jħallsu t-taxxa tat-timbru fuq l-ammont tal-ktieb rispettiv ([87]) meta jinbidlu l-mutwanti – tista' tkun kapaċi tikkostitwixxi xkiel għall-kompetizzjoni, peress li tista' torbot lill-klijenti ma' kuntratti eżistenti b'self fit-tul. B'hekk, l-Awtorità tilqa l-impenn sabiex tiġi riveduta din il-liġi.

(237) It-tieni, l-Awtorità tosserva li, skont riżoluzzjoni li fil-21 ta' Marzu 2012 ġiet approvata mill-Parlament tal-Islanda, il-gvern se jaħtar kumitat bil-mandat li janalizza l-protezzjoni tal-konsumatur fis-suq finanzjarju. Dan se jinkludi mandat speċifiku għall-analiżi tal-faċilità fil-bdil u t-tnaqqis tal-ispejjeż tal-bdil, u għall-kumitat sabiex jaħdem mal-Awtorità tal-Islanda għall-Kompetizzjoni (l-ICA) dwar dik il-kwistjoni. Il-Kumitat għandu jirrappreżenta r-rapport tiegħu mhux iktar tard mill-15 ta' Jannar 2013. L-Awtorità hija tal-fehma li valutazzjoni eqreb tista' tkun ta' benefiċċju għall-kompetizzjoni fit-tul. Sadanittant, l-impenn speċifiku għall-bank meħud minn Íslandsbanki li hu diskuss iktar 'l isfel għandu jikkontribwixxi sabiex il-bdil isir eħfef, u b'hekk tiżdied il-kompetizzjoni.

(238) Rigward it-tħassib fuq il-kompetizzjoni identifikat mill-Awtorità dwar RB, l-Awtorità tilqa' s-soluzzjoni li l-ICA u s-sidien ta' RB, inklużi t-tliet banek il-kbar, sabu fuq din il-kwistjoni. Din is-soluzzjoni tara li tiżgura l-aċċess għall-infrastruttura informatika essenzjali fuq bażi mhux diskriminatorja u b'kost raġonevoli għall-kompetituri żgħar u dawk b'potenzjal li jidħlu ġodda fis-suq. L-Awtorità hija tal-fehma li t-tħassib tagħha tleħħen *inter alia*, fit-tieni deċiżjoni ta' Byr, ġie indirizzat b'mod sodisfaċenti b'din is-soluzzjoni, u li m'hemmx bżonn li l-Awtorità tkompli tindirizza din il-kwistjoni f'din id-deċiżjoni.

(239) Fl-aħħar, l-Awtorità tieħu nota tal-emendi regolatorji li saru mill-2008, kif inhu diskuss fl-Anness. Rigward it-tħassib dwar il-kompetizzjoni, l-introduzzjoni tal-Artikolu 22 fl-Att dwar l-impriżi finanzjarji Nru 161/2002 hija ta' rilevanza partikolari f'dan ir-rigward. Tinkludi dispożizzjonijiet li jillimitaw il-parteċipazzjoni tal-impriżi finanzjarji fl-attivitajiet li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-liċenzji operattivi tagħhom. Skont din ir-regola l-ġdida, attivitajiet bħal dawn jistgħu jitwettqu biss fuq bażi temporanji u għall-fini ta' konklużjoni tat-tranżazzjonijiet jew ir-riorganizzazzjoni tal-attivitajiet ta' klijenti. Għal dan il-għan trid tintbagħat notifika rraġunata lill-FME, u ddaħħlu limiti ta' żmien għal impriżi finanzjarji sabiex ilestu r-riorganizzazzjoni tal-klijenti tagħhom u jċedu l-assi approprjati.

(240) L-Awtorità tqis din il-bidla bħala tweġiba regolatorja xierqa għall-kwistjoni ta' sjieda kbira b'mod sproporzjonat mill-istituzzjonijiet finanzjarji fl-ekonomija reali. Din id-dispożizzjoni tidher li tal-inqas tirrimedja din is-sitwazzjoni – li hija riżultat dirett ta' swaps ta' dejn ma' ekwità (u tranżazzjonijiet simili) li jinvolvu kumpaniji b'dejn eċċessiv hekk kif feġġet il-kriżi – milli ssir waħda permanenti. Peress li tindirizza waħda mill-iktar kwistjonijiet urġenti dwar il-kompetizzjoni li hija marbuta mal-għajnuna mill-Istat lit-tliet banek, l-Awtorità teħodha f'kunsiderazzjoni kif xieraq fil-valutazzjoni tagħha.

(ii) Il-miżuri speċifiċi għal Íslandsbanki

(241) L-Awtorità tisħaq li l-preżenza fis-suq u d-daqs ta' Íslandsbanki huma biss frazzjoni ta' dawk ta' Glitnir – peress li l-assi totali naqsu bi 84 %, kif spjegat iktar 'il fuq u b'differenza minn Glitnir, Íslandsbanki huwa attiv fis-suq Islandiż biss. Filwaqt li ħafna minn dan it-tnaqqis huwa ovvjament riżultat tal-istralċ tal-operazzjonijiet internazzjonali ta' Glitnir, l-Awtorità hija tal-fehma li dan il-proċess huwa ta' rilevanza partikolari fir-rigward tat-tfixkil tal-kompetizzjoni, peress li primarjament kienet l-istrateġija riskjuża ta' Glitnir barra l-pajjiż li wasslet għall-falliment tiegħu u kkaġunat tfixkil fis-swieq finanzjarji taż-ŻEE fl-imgħoddi. ([88])

([87]) It-taxxa tal-bolla tvarja skont it-tip ta' dokument legali kkonċernat, iżda normalment hija ta' ISK 15 għal kull ISK 1 000 mibdi (jiġifieri bejn wieħed u ieħor 1,5 %) fuq l-ammont tal-bonds li jġarrbu l-imgħax iggarantiti minn ipoteka jew titolu ieħor.

([88]) Ara pereżempju d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni fil-Kawża SA.28264, Għajnuna għar-ristrutturar għal Hypo Real Estate, li fiha l-Kummissjoni aċċettat is-separazzjoni ta' parti kbira tal-kummerċ barra l-pajjiż ta' Hypo Real Estate bħala miżura biex tillimita t-tfixkil tal-kompetizzjoni għas-suċċessur tal-bank PBB.

(242) Barra minn hekk, l-Awtorità tilqa' l-impenji ta' Íslandsbanki (ara l-Anness) biex inaqqas aktar il-preżenza tiegħu fis-suq domestiku b'[…] divestmenti relatati ma' […]. Fuq il-bażi tal-pjan finali ta' ristrutturar, u waqt li tfakkar li Íslandsbanki huwa bank żgħir skont l-istandards taż-ŻEE, l-Awtorità taqbel ma' Íslandsbanki li miżuri strutturali ulterjuri jistgħu jipperikolaw il-prospetti tal-bank li jirrestawra l-vijabilità fit-tul. ([89])

(243) L-Awtorità tieħu nota tal-impenn li Íslandsbanki mhux se jixtri istituzzjonijiet finanzjarji sal-15 ta' Ottubru 2014, sakemm ma jiksibx l-approvazzjoni tal-Awtorità minn qabel. Dan ifisser li sakemm ma jkunx hemm bżonn ta' fużjonijiet ulterjuri minħabba kunsiderazzjonijiet tal-istabbiltà finanzjarja, tista' tiġi evitata konċentrazzjoni ikbar tas-suq finanzjarju tal-Islanda permezz ta' akkwiżizzjonijiet minn Íslandsbanki. Dan l-impenn jiżgura wkoll li l-għajnuna li ngħatat lil Íslandsbanki tintuża għat-treġġigħ lura lejn il-vijabbiltà tiegħu minflok ma tintuża biex tik-konsolida u tkompli tespandi l-preżenza tiegħu fis-suq tal-Islanda. L-impenn ta' Íslandsbanki li […] għandu jitqies pożittiv ukoll peress li […] u jappoġġja l-politika ta' kisba tat-tnaqqis neċessarju fl-ispejjeż. Dan huwa minnu għall-impenn ta' Íslandsbanki li skontu, sal-15 ta' Ottubru 2014, hu la se jinforza klawżoli ta' kuntratti fi ftehimiet ipotekarji tad-djar għall-individwi u lanqas ma hu se jdaħħal klawżoli kuntrattwali ġodda li jagħmlu t-termini speċjali fuq ir-rati tal-imgħax kontinġenti fuq iż-żamma ta' firxa minima ta' negozju mal-bank, kif ukoll l-impenn li ma jinvokax l-involviment tal-istat bħala sors ta' vantaġġ kompetittiv meta jirreklama s-servizzi tiegħu.

(244) Kif inhu spjegat hawn fuq, is-suq finanzjarju tal-Islanda bħalissa jippreżenta ambjent operattiv diffiċli għal kwa-lunkwe bank, u dan huwa rifless ukoll mill-assenza kważi assoluta fl-interess minn barra l-pajjiż għad-dħul f'dan is-suq f'dan iż-żmien. B'hekk, l-Awtorità tilqa' l-impenji ta' Íslandsbanki relatati mat-tħaffif tal-bdil bejn il-banek u l-forniment ta' servizzi bażiċi ta' pproċessar tal-ħlasijiet kif ukoll ta' distribuzzjoni tal-flus. L-Awtorità hija tal-fehma li dawk il-miżuri, flimkien mal-ftehim bejn it-tliet banek ewlenin u l-ICA u RB imsemmija iktar 'il fuq jiż-guraw li l-parteċipanti iżgħar fis-suq jistgħu jagħmlu aċċess għall-iktar infrastruttura u servizzi essenzjali bi prez-zijiet raġonevoli bla ma l-atturi l-kbar ikunu jistgħu jimblokkaw l-aċċess tagħhom. L-Awtorità hija tal-fehma li dan se inaqqas l-ostakli għad-dħul fil-ġejjieni ta' parteċipanti (potenzjali) fis-suq, u jista' jippermetti sabiex l-atturi ż-żgħar eżistenti jespandu l-ishma tagħhom mis-suq jekk ikunu kapaċi joffru servizzi aħjar mill-kompetituri ikbar minnhom. Barra minn hekk, il-miżuri kollha li għandhom l-għan li jħaffu l-bdil se jikkontribwixxu għal kompe-tizzjoni aħrax bejn l-atturi l-kbar eżistenti, u jistgħu jipprevjenu jew jeliminaw sitwazzjoni ta' dominanza kollet-tiva potenzjali.

(245) Fl-aħħar, Íslandsbanki jieħu l-impenn li jbigħ, malajr kemm jista' jkun, parteċipazzjonijiet azzjonarji f'kumpaniji operattivi, li ġew akkwiżiti minħabba r-ristrutturar skont l-Artikolu 22 tal-Att dwar l-impriżi finanzjarji Nru 161/2002, jieħu l-impenn li jsegwi l-proċedura u l-limiti ta' żmien, li huma stabbilti f'din id-dispożizzjoni u kif interpretati mill-FME, u se jżomm aġġornata l-informazzjoni fuq il-websajt tiegħu jew ta' sussidjarju jew sussidjarji u l-parteċipazzjonijiet azzjonarji li se jinbiegħu. L-Awtorità tilqa' l-impenn ta' Íslandsbanki biex jiddivesti malajr kemm jista' jkun il-kumpaniji u l-parteċipazzjonijiet azzjonarji possibbli kollha li mhumiex relatati man-negozju ċentrali tiegħu, mhux l-inqas minħabba tħassib dwar il-vijabbiltà. Filwaqt li l-Awtorità hija tal-fehma li jidher biċ-ċar li l-bank jeħtieġ li jirrispetta l-obbligi legali domestiċi bħall-Artikolu 22 tal-Att dwar l-impriżi finanzjarji, tieħu nota ta' dan l-impenn u tiġbed l-attenzjoni tal-awtoritajiet tal-Islanda u l-benefiċjarju għall-fatt li f'dan ir-rigward, ksur ta' liġi nazzjonali jista' jinvolvi użu ħażin tal-għajnuna. Barra minn hekk, l-Awtorità tqis li billi jkollha tink-ludi informazzjoni dwar bejgħ u divestimenti previsti fuq il-websajt tagħha, iddaħħlet iktar trasparenza fuq is-sitwazzjoni attwali tas-sjieda fl-ekonomija tal-Islanda. Din tirrimedja, tal-inqas sa ċertu punt, għal dan it-tħassib partikolari fuq il-kompetizzjoni li bħalissa jikkaratterizza s-swieq tal-Islanda.

(246) Fuq il-bażi ta' dan kollu li ntqal hawn fuq, minħabba b'mod partikolari s-sitwazzjoni speċifika fl-Islanda u l-fatt li l-Awtorità tqis li l-miżuri ta' hawn fuq jindirizzaw il-kwistjonijiet ewlenin dwar il-kompetizzjoni li l-Awtorità identifikat flimkien mal-ICA, u wara li ħadet f'kunsiderazzjoni l-għan ewlieni ta' stabbiltà finanzjarja, l-Awtorità tikkonkludi li l-impenji jillimitaw it-tfixkil tal-kompetizzjoni sa ċertu punt sodisfaċenti. Għalhekk, l-għajnuna għar-ristrutturar tikkonforma mat-taqsima 4 tal-Linji Gwida dwar ir-Ristrutturar.

([89]) Għall-istess raġunijiet l-Awtorità taċċetta li d-divestimenti huma soġġetti għall-kundizzjoni li […].

## 4. KONKLUŻJONI

(247) Fuq il-bażi tal-valutazzjoni li saret hawn fuq u fid-dawl tal-pjan ta' ristrutturar ippreżentat mill-awtoritajiet tal-Islanda għal Íslandsbanki, l-Awtorità m'għadx għandha d-dubji li esprimiet fid-deċiżjoni ta' ftuħ rigward l-għamla u l-kompatibbiltà tal-miżuri ta' għajnuna għal Íslandsbanki. Għaldaqstant, l-Awtorità tapprova l-miżuri ta' għajnuna bħala għajnuna għar-ristrutturar kompatibbli mal-funzjonament tal-Ftehim ŻEE skont l-Artikolu 61(3)(b) ŻEE soġġett għall-konformità tal-Islanda u Íslandsbanki mal-impenji stabbiliti fl-Anness.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-kapital operattiv inizjali, il-kapitalizzazzjoni (temporanja) sħiħa mill-istat, iż-żamma mill-Istat ta' kapital azzjonarju ta' 5 % u l-kapital tal-Grad II mogħti lil Íslandsbanki kif ukoll il-faċilità speċjali ta' likwidità, il-garanzija tad-depożiti bla limitu u l-ftehim ta' Straumur jikkostitwixxu għajnuna mill-Istat skont it-tifsira tal-Artikolu 61(1) tal-Ftehim ŻEE.

*Artikolu 2*

Il-miżuri mniżżla fl-Artikolu 1 jikkostitwixxu għajnuna mill-Istat kontra l-liġi mid-dati ta' implimentazzjoni tagħhom sad-data ta' din id-deċiżjoni fir-rigward tan-nuqqas mill-awtoritajiet tal-Islanda li jikkonformaw mar-rekwiżit ta' notifika lill-Awtorità qabel ma implimentaw l-għajnuna skont l-Artikolu 1(3) tal-Parti I tal-Protokoll 3.

*Artikolu 3*

Il-miżuri enumerati fl-Artikolu 1 kif ukoll il-miżuri għal Byr deskritti fid-Deċiżjoni Nru 126/11/COL, huma kompatibbli mal-funzjonament tal-ftehim ŻEE skont l-Artikolu 61(3)(b) ŻEE soġġetti għall-konformità mal-impenji kif stabbiliti fl-Anness. L-awtorizzazzjoni għall-garanzija tad-depożiti bla limiti tiskadi fi tmiem l-2014.

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata għar-Repubblika tal-Islanda.

*Artikolu 5*

Hija biss il-verżjoni ta' din id-deċiżjoni bil-lingwa Ingliża li hija awtentika.

Magħmul fi Brussell, is-27 ta' Ġunju 2012.

*Għall-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA*

| Oda Helen SLETNES | Sabine MONAUNI-TÖMÖRDY |
|---|---|
| *President* | *Membru tal-Kulleġġ* |

*ANNESS*

**L-IMPENJI U L-BIDLIET RILEVANTI FIL-QAFAS LEGALI GĦALL-IBBANKJAR**

1. L-IMPENJI MILL-AWTORITAJIET TAL-ISLANDA

L-awtoritajiet tal-Islanda ħadu żewġ impenji li huma enumerati hawn taħt.

**L-emenda tat-taxxa tal-bolla biex tiġi prekluża għajnuna mill-Istat u jonqsu l-ispejjeż tal-bdil**

Il-Ministeru tal-Finanzi se jaħtar grupp ta' ħidma bil-mandat li jirrevedi l-Att Nru 36/1978 dwar it-Taxxa tal-Bolla. Il-grupp ta' ħidma għandu jissottometti rapport lill-Ministru tal-Finanzi sa Ottubru 2012, flimkien ma' abbozz ta' liġi. Ix-xogħol tal-grupp ta' ħidma se ikun jinvolvi b'mod partikolari l-analiżi tat-tneħħija tat-taxxi fuq it-timbru għal bonds maħruġin minn individwi, meta jiġu trasferiti bejn kredituri (jiġifieri meta individwi jittrasferixxu s-self tagħhom minn istituzzjoni ta' self għal oħra). Barra minn hekk, il-grupp għandu janalizza kif tista' tiġi emendata d-dispożizzjoni tat-taxxa tal-bolla biex jiġu ssimplifikati l-proċeduri u tiġi promossa l-kompetizzjoni.

**Miżuri biex jitħaffef il-bdil u jonqsu l-ispejjeż tal-bdil**

B'konformità ma' riżoluzzjoni approvata mill-Parlament tal-Islanda fil-21 ta' Marzu 2012, il-gvern se jwaqqaf kumitat bil-mandat li janalizza l-protezzjoni tal-konsumaturi fis-suq finanzjarju u jippreżenta proposti dwar kif tista' tissaħħaħ il-pożizzjoni tal-individwi u l-familji fir-rigward tal-istituzzjonijiet. It-twaqqif tal-kumitat se jinkludi mandat speċifiku għall-analiżi ta' kemm hu faċli jsir bdil u t-tnaqqis tal-ispejjeż tal-bdil, u għall-kumitat sabiex jaħdem mill-qrib mal-ICA fir-rigward ta' dik il-kwistjoni. Il-Kumitat għandu jippreżenta r-rapport tiegħu mhux iktar tard mill-15 ta' Jannar 2013.

Barra minn hekk, l-awtoritajiet tal-Islanda approvaw u sejrin jinfurzaw l-impenji li ġejjin minn Íslandsbanki:

**Limitazzjoni fuq l-akkwiżizzjonijiet**

Íslandsbanki ħa l-impenn li ma jakkwistax istituzzjonijiet finanzjarji sal-15 ta' Ottubru 2014.

Minkejja dan l-impenn, wara li jikseb l-approvazzjoni tal-Awtorità, Íslandsbanki jista' jakkwista t-tali negozji, b'mod partikolari jekk dan ikun meħtieġ biex tiġi salvagwardjata l-istabbiltà finanzjarja.

***Divestiment ta'* […]**

Íslandsbanki jimpenja ruħu li jagħmel divestiment tal-parteċipazzjoni azzjonarja tiegħu fi […] sa [data], u jimpenja ruħu li l-parteċipazzjonijiet azzjonarji tiegħu għall-bejgħ […].

[…]e […]

[…].

**Divestiment ta' ishma f'kumpaniji li għaddejjin minn ristrutturar**

Íslandsbanki ħa l-impenn li jbigħ, malajr kemm jista' jkun, parteċipazzjonijiet azzjonarji f'kumpaniji operattivi li ġew akkwiżiti minħabba ristrutturar, cf. Artikolu 22 tal-Att dwar l-impriżi finanzjarji Nru 161/2002. Barra minn hekk, il-bank ħa l-impenn li jsegwi l-proċedura u l-limiti ta' żmien, li huma stabbiliti fid-dispożizzjoni legali msemmija iktar 'il fuq. Fl-aħħar, il-bank se jżomm informazzjoni aġġornata fuq il-websajt tiegħu (jew websajt ta' sussidjarju rilevanti, eż. Midengi ehf.)) fuq it-tali parteċipazzjonijiet azzjonarji li jżomm għall-bejgħ.

**Il-miżuri li jibbenefikaw lill-kompetituri ġodda u żgħar**

Íslandsbanki ħa l-impenn li jimplimenta l-miżuri li ġejjin għall-benefiċċju ta' kompetituri ġodda u żgħar

a. Íslandsbanki mhuwiex ser, sal-15 ta' Ottubru 2014, jinforza klawżoli ta' kuntratti, u lanqas ma hu se jdaħħal klawżoli ta' kuntratti ġodda li jagħmlu termini speċjali fuq ir-rati tal-imgħax kontinġenti fuq iż-żamma ta' firxa minima tan-negozju mal-bank.

b. Íslandsbanki se jipprovdi għal informazzjoni faċilment aċċessibbli, fuq il-websajt tal-bank, fuq il-proċess ta' bdil tas-servizzi bankarji lil istituzzjoni finanzjarja oħra. Barra minn hekk, il-websajt se tagħmel id-dokumenti meħtieġa faċilment aċċessibbli biex isir bdil minn istituzzjoni finanzjarja għal oħra. Finalment, l-istess informazzjoni u formoli ta' trasferiment tan-negozju se jkunu disponibbli fil-fergħat tal-bank.

c. Íslandsbanki se jaqdi t-talbiet kollha għal trasferiment ta' servizzi bankarji b'mod veloċi.

d. Íslandsbanki mhuwiex se jinvoka involviment tal-istat bħala sors ta' vantaġġ kompetittiv meta jikkummerċjalizza.

e. Diment li ma jkunx hemm offerti ta' servizz kompetittivi disponibbli, Íslandsbanki lest li joffri s-servizzi li ġejjin bi prezz li se jkun ibbażat fuq l-ispiża flimkien ma' marġni raġonevoli:

f. Servizzi ta' pproċessar tal-ħlasijiet għal ISK.

   (i) Servizzi ta' pproċessar tal-ħlasijiet għal FX.

   (ii) Distribuzzjoni ta' noti bankarji u muniti.

      I. Bejgħ u kunsinna ta' noti bankarji u muniti lill-bini tar-riċevitur tas-servizz.

      II. Iż-żamma ta' stokk ta' kaxex speċjali li fihom noti bankarji li jitpoġġew ġewwa magni ATM. Madankollu, ditta tas-sigurtà mqabbda mill-parti ġdida/żgħira titmal-folders fl-ATM.

## 2. L-ADATTAMENTI U L-BIDLIET RILEVANTI GĦALL-QAFAS REGOLATORJU U SUPERVIŻORJU GĦAS-SWIEQ FINANZJARJI FL-ISLANDA ADOTTATI WARA L-KRIŻI

L-awtoritajiet tal-Islanda ssottomettew il-ħarsa ġenerali li ġejja lejn l-emendi li saru fil-leġiżlazzjoni li kienet fis-seħħ fil-ħarifa tal-2008:

— L-awtorizzazzjonijiet ta' FME (L-Awtorità ta' Sorveljanza Finanzjarja tal-Islanda) biex tintervjeni (tieħu f'idejha s-setgħat tal-laqgħat tal-azzjonisti u ċċedi l-assi, cf. il-leġiżlazzjoni ta' emerġenza) żdiedu; FME ngħatat awtorizzazzjonijiet ta' sorveljanza espanduti; ġew adottati dispożizzjonijiet addizzjonali li jippermettu lill-FME tevalwa l-operazzjonijiet jew l-imġiba ta' partijiet issorveljati individwali. Dawn jinkludu kemm awtoritajiet li jieħdu d-deċiżjonijiet, bħal fuq l-għeluq tal-istabbilimenti jew it-terminazzjoni ta' attivitajiet speċifiċi mingħajr revoka proprja tal-liċenzji operattivi, kif ukoll definizzjoni iktar dettaljata tal-kunċetti li l-interpretazzjoni tagħhom ġiet appellata mill-FME u l-entitajiet issorveljati jew il-korpi li appellaw.

— Ir-regoli dwar skoperturi individwali kbar ġew iċċarati u saru iktar speċifiċi; kemm ir-rwol kif ukoll ir-responsabbiltà tal-immaniġġjar tar-riskju żdiedu u l-FME awtorizzat sabiex l-immaniġġjar tar-riskji jingħata status ogħla fl-organizzazzjoni tal-impriżi finanzjarji; id-dispożizzjonijiet fuq l-applikazzjoni ta' testijiet tal-istress saru iktar stretti.

— Id-dispożizzjonijiet għal reġistru speċjali ta' mutwatarji ikbar ġew legalizzati, sabiex tiġi pprovduta ħarsa ġenerali aħjar lejn skoperturi individwali kbar għal żewġ impriżi finanzjarji jew iktar. Ir-reġistru huwa importanti sabiex l-iskoperturi jintrabtu flimkien u jiġi vvalutat l-impatt sistemiku tagħhom jekk ifeġġu diffikultajiet fl-operazzjonijiet tal-mutwatarji. L-entitajiet mhux soġġetti għal superviżjoni tal-FME, iżda li huma elenkati fir-reġistri tal-impriżi finanzjarji, iridu jipprovdu lill-FME bl-informazzjoni fuq l-obbligi kollha tagħhom. L-FME tista' tipprojbixxi l-forniment ta' servizzi lit-tali partijiet jekk jirrifjutaw milli jipprovdu l-informazzjoni mitluba.

— Id-dispożizzjonijiet fuq prattiki kummerċjali solidi ssaħħew u l-eżistenza tal-Kumitat ta' Lmenti dwar Tranżazzjonijiet b'Impriżi Finanzjarji tnaqqxet fil-liġi; l-informazzjoni dettaljata trid tiġi divultata fuq is-sidien ewlenin kollha tal-impriżi finanzjarji.

— Il-limiti ta' żmien li jippermettu lill-impriżi finanzjarji jċedu l-assi xierqa tqassru.

— Id-dispożizzjonijiet fuq il-parteċipazzjonijiet tal-impriżi finanzjarji fl-ishma tagħhom stess issaħħew u ġew definiti f'iktar dettall. Il-parteċipazzjoijiet ta' sussidjarji issa jitqiesu ishma proprji, hekk ukoll il-kuntratti li huma barra l-karta bilanċjali li jikkonċernaw l-ishma proprji.

— L-impriżi finanzajarji ma tħallewx jestendu kreditu permezz ta' wegħda tal-ishma tagħhom stess jew ċertifikati tal-kapital ta' garanzija.

— Issa, l-FME għandha tistabbilixxi regoli dwar kif għandu jiġi kkalkolat is-self garantit b'ipoteka fuq l-ishma ta' impriżi finanzjarji oħrajn fil-bażi ta' riskju u l-bażi ta' kapital.

— Żdiedu kemm ir-resposabbiltà kif ukoll ir-rwol tat-taqsima ta' awditjar intern. Hemm regoli dettaljati dwar il-bilanċ bejn id-daqs u d-diversità tal-attivitajiet tal-impriża finanzjarja kkonċernata u l-kamp ta' applikazzjoni tat-taqsima dwar l-awditjar intern.

— Iddaħħlu limiti ta' ħames snin fuq il-perjodu li matulu ditta tal-awditjar tista' twettaq l-awditjar tal-istess impriża finanzjarja; il-kapaċità ta' impriża finanzjarja sabiex tkeċċi awditur "diffiċli" tnaqqset.

— Id-dispożizzjonijiet kollha fuq il-kalkolu tal-ekwità u bosta aspetti tekniċi oħrajn ġew riveduti.

— Ir-regoli dwar l-eżerċitar ta' parteċipazzjonijiet kwalifikattivi, jiġifieri 10 % jew iktar tad-drittijiet tal-vot ġew riveduti. L-FME hija awtorizzata treġġa' lura l-piż tal-provi fil-valutazzjoni tal-partijiet li beħsiebhom jakkwiżixxu jew iżidu ma' parteċipazzjonijiet kwalifikattivi, eż. meta ma jkunx żgur min hu(ma) is-sid(ien) benefiċjarju/i ta' kumpanija azzjonarja b'parteċipazzjoni kwalifikattiva.

— Issa hemm iktar rekwiżiti tal-eliġibbiltà tad-diretturi, ir-responsabbiltà tagħhom għal superviżjoni jew operazzjonijiet żdiedu u presidenti eżekuttivi tal-Bord huma projbiti; l-FME ngħatat rwol ta' sorveljanza ikbar għall-Bords tad-Diretturi; l-informazzjoni identifikabbli b'mod personali trid tiġi ddivulgata dwar ir-remunerazzjoni lill-maniġment superjuri.

— Ġew stabbiliti regoli dwar it-tranżazzjonijiet ta' kreditu tal-impriżi finanzjarji b'diretturi, diretturi maniġerjali, impjegati ewlenin u sidien ta' parteċipazzjonijiet kwalifikattivi fl-impriża finanzjarja kkonċernata. Japplikaw regoli simili għall-partijiet li huma marbutin mill-qrib ma' dawn imsemmija hawn fuq. L-FME adottat regoli dwar x'jitqies bħala kollateral sodisfaċenti għat-tali tranżazzjonijiet.

— Ġew adottati regoli dwar l-arranġamenti għal skemi ta' inċentivi u bonuses għall-maniġment u l-impjegati u fuq il-kuntratti ta' terminazzjoni.

— Issaħħew id-dispożizzjonijiet fuq ir-riorganizzazzjoni u l-istralċ ta' impriżi finanzjarji.

— Twettqet reviżjoni ġenerali tar-regoli speċjali dwar il-banek tat-tfaddil. Ġew iċċarati l-istatus u d-drittijiet ta' sidien ta' kapital ta' garanzija ta' banek tat-tfaddil, ġew stabbiliti restrizzjonijiet fuq dividendi, ġew adottati regoli ċari fuq it-tranżazzjonijiet tal-garanziji kapitali, ġew stabbiliti regoli fuq l-istralċ ta' kapital ta' garanzija u ġew iċċarati r-regoli dwar l-awtorizzazzjonijiet tal-banek tat-tfaddil għal kooperazzjoni formali. Il-banek tat-tfaddil ġew projbiti milli jibdlu l-forma legali tagħhom.

Skont l-awtoritajiet tal-Islanda, f'ċerti aspetti r-regoli tal-Islanda jmorru lil hinn mill-qafas pan-Ewropew. Id-devjazzjonijiet ewlenin mir-regoli adottati mill-UE li ddaħħlu fil-Ftehim ŻEE huma dawn li ġejjin:

— L-FME hija awtorizzata tillimita l-attivitajiet ta' stabbilimenti individwali ta' impriżi finanzjarji, jekk tara għaliex għandu jsir hekk. Barra minn hekk, hija awtorizzata tistabbilixxi rekwiżiti speċjali għal stabbilimenti individwali ta' impriżi finanzjarji sabiex ikomplu bl-attivitajiet tagħhom. L-FME tista' tillimita b'mod provviżorju l-attivitajiet li impriża finanzjarja tista' twettaq ukoll, bis-sħiħ jew b'mod parzjali, kemm jekk huma soġġetti għal liċenzja kif ukoll jekk le, jekk l-Awtorità tara għaliex għandu jsir hekk. Dan jitnieda b'mod naturali mill-attivitajiet tal-fergħat u l-kontijiet tad-depożitu stabbiliti minnhom fi stati Ewropej oħrajn sal-2008 (Icesave, Edge u Save-and-Save).

— Hemm stabbiliti dispożizzjonijiet kemxejn iktar dettaljati dwar ir-rwol tal-awditjar intern fil-liġi tal-Islanda meta mqabbla mad-direttivi tal-UE.

— Hemm stabbiliti dispożizzjonijiet kemxejn iktar dettaljati dwar kif għandhom jitwettqu t-testijiet tal-istress meta mqabbla mad-direttivi tal-UE.

— L-impriżi finanzjarji jridu jżommu reġistru speċjali (reġistru tal-kreditu) tal-partijiet kollha li jestendulhom kreditu u jissottomettu lista aġġornata lill-FME fi tmiem kull xahar. Barra minn hekk, għandha tintbagħat lista simili lill-partijiet marbutin mill-qrib mal-impriżi finanzjarji, il-Bords tad-Diretturi tagħhom u l-maniġers u l-gruppi ta' klijenti konnessi, diment li dawn il-partijiet mhumiex fuq il-lista msemmija hawn fuq. Din il-lista se tipprovdi opportunità aħjar biex jiġu ssorveljati interkonnessjonijiet bejn impriżi finanzjarji, id-diretturi u l-maniġment tagħhom.

— Jekk l-FME hija tal-fehma li t-teħid b'self ta' Parti Individwali fuq ir-reġistru ta' kreditu, li mhijiex soġġetta għal superviżjoni uffiċjali tal-attivitajiet finanzjarji, jista' jkollu impatt sistemiku, tista' titlob informazzjoni mill-parti kkonċernata fuq l-obbligi tagħha.

— Jekk parti mhux soġġetta għal superviżjoni uffiċjali mdaħħla fir-reġistru ta' kreditu tirrifjuta milli tiddivulga l-informazzjoni lill-FME, l-Awtorità tista' tordna lill-entitajiet issorveljati biex iżommu lura milli jkomplu jfornu servizzi lit-tali parti. L-istess japplika jekk id-divulgazzjoni tal-informazzjoni tal-parti kkonċernata ma tkunx sodisfaċenti. Id-dispożizzjonijiet fuq reġitsru tal-kreditu u awtorizzazzjonijiet estensivi għas-superviżuri dwar il-partijiet mhux soġġetti għal superviżjoni uffiċjali mhumiex fir-regoli tal-UE/ŻEE.

— Hemm stabbiliti dispożizzjonijiet kemxejn iktar dettaljati u restrittivi fuq it-teħid b'self u l-kollateral minn parti relatata meta mqabbla mar-regoli tal-UE/ŻEE.

— L-FME trid iċċaħħad lis-sid ta' parteċipazzjoni kwalifikattiva mid-dritt li jeżerċita l-parteċipazzjoni jekk ikun hemm dubju dwar min hu jew min se jkun is-sid benefiċjarju tagħha.

— It-tul massimu taż-żmien li matulu l-awdituri esterni jistgħu jaħdmu għall-istess impriża finanzjarja huwa iqsar mir-regoli tal-UE/ŻEE.

— Hemm stabbiliti dispożizzjonijiet kemxejn iktar dettaljati fuq l-eliġibbiltà tad-diretturi f'impriżi finanzjarji meta mqabbla mad-direttivi tal-UE.

— Ġew adottati dispożizzjonijiet fuq l-arranġamenti għal skemi ta' bonus u kuntratti ta' terminazzjoni.

— Dan l-aħħar ġew stabbiliti regoli formali dwar il-politiki ta' remunerazzjoni fid-direttivi tal-UE, iżda r-regoli dwar il-kuntratti ta' terminazzjoni għadhom ma ġewx adottati f'dan il-forum.

Fit-23 ta' Marzu 2012, il-Ministru tal-Ekonomija ppreżenta rapport fuq l-Istruttura fil-Futur tas-Sistema Finanzjarja Islandiza u r-regolamentazzjoni u s-superviżjoni tagħha. Barra minn hekk, il-Ministru ħatar grupp ta' esperti biex iħejju rieżami tal-qafas leġiżlattiv u regolatorju għall-attivitajiet finanzjarji kollha fl-Islanda.